32000R1602

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1602/2000
ta' l-24 ta' Lulju 2000
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [1], kif emendat l-aħħar mill-Parlament Ewropew u bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 955/1999 [2] (hawnhekk iżjed 'il quddiem "il-Kodiċi"), u speċjalment l-Artikolu 249 tiegħu,

Billi:

(1) Biex jiġi żgurat trattament uniformi ta' l-applikazzjonijiet għall-informazzjoni ta' tariffa li torbot (BTI), jeħtieġ li tidħol formola ta' applikazzjoni komuni għall-BTI.

(2) Il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-għoti ta' trattament ta' tariffi favorevoli għall-oġġetti minħabba n-natura tagħhom qed jiġu assoċjati mal-klassifikazzjoni ta' tariffi għall-oġġetti ta' din ix-xorta b'mod konformi ma' test wieħed fin-Nomenklatura Magħquda. Id-dispożizzjonijiet il-qodma li jinsabu fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 [3], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1662/1999 [4], għandhom għalhekk jitħassru.

(3) Ir-regoli ta' oriġini tal-Komunità li japplikaw għas-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi (GSP) tipprovdi għall-applikazjzoni ta' akkumulazzjoni reġjonali, *inter alia*, għall-dawk il-pajjiżi li huma membri ta' l-Għaqda tal-Ġnus ta' l-Asja tax-Xlokk (ASEAN). Dawn id-dispożizzjonijiet għall-akkumulazzjoni reġjonali għandhom japplikaw għall-Kambodja, li daħlet fl-ASEAN fit-30 ta' April 1999. Il-pajjiżi li huma membri ta' l-Għaqda Asjatika tan-Nofsinhar għal Kooperazzjoni Reġjonali (SAARC) għandhom ikunu jistgħu jgawdu mid-dispożizzjonijiet għall-akkumulazzjoni reġjonali, wara li jkunu ssodisfaw l-obbligi tal-bidu għal kooperazzjoni amministrattiva mitluba mill-Komunità.

(4) Il-format u l-kriterji ta' oriġini relevanti tat-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV ta' l-Ewwel Parti dwar il-GSP u l-Istati suċċessuri ta' dik li kienet il-Jugoslavja, għandhom jiġu livellati, waqt li tingħata konsiderazzjoni lin-natura speċifika ta' kull wieħed mill-gruppi ta' arranġamenti preferenzjali.

(5) Id-dispożizzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq m'għandhomx japplikaw aktar għax-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, minħabba li dawn it-territorji jgawdu minn miżuri ta' tariffi preferenzjali konvenzjonali.

(6) Ġew adottati miżuri awtonomi għall-Albanija, bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1763/1999 [5].

(7) Ġew adottati miżuri għall-importazzjoni ta' nbid li joriġina f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u r-Repubblika tas-Slovenja, bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2000 [6].

(8) Fl-interess taċ-ċarezza t-test ta' l-Artikoli 66 sa 123 għandu jerġa' jiġi ppubblikat kollu kemm hu.

(9) Il-formoli stabbiliti mill-Unjoni Universali tal-Posta għaddikjarazzjoni ta' kunsinni mibgħuta b'ittra jew bħala pakkett bil-posta nbidlu.

(10) Bħala parti mit-tħaffif u razzjonalizzazzjoni tar-regolamenti u l-proċeduri doganali huwa mixtieq li tikber il-flessibilità ta' sorveljanza doganali ta' l-aħħar użu biex tissodisfa l-bżonnijiet tas-suq internazzjonali li qed jiddiversifika, u b'hekk isir strument utli għal numru sew ta' setturi. Jeħtieġ li din il-flessibiltà tkun ibbilanċjata minn

[1] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
[2] ĠU L 119, tas-7.5.1999, p. 1.
[3] ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.
[4] ĠU L 197, tad-29.7.1999, p. 25.
[5] ĠU L 211, tal-11.8.1999, p. 1.
[6] ĠU L 2, tal-5.1.2000, p. 1.

aktar effiċjenza ta' sorveljanza doganali biex tipprevieni l-frodi u l-użu ħażin ta' trattamenti ta' tariffi favorevoli kif ukoll rati ta' dazju mnaqqsa minħabba l-użu finali ta' xi oġġetti.

(11) Dan jeħtieġ li r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 82 tal-Kodiċi jsiru applikabbli għat-trattament ta' tariffi favorevoli mogħtija skond l-Artikolu 21 tal-Kodiċi. Is-sistema ta' sorveljanza doganali stabbilita fir-Regolament preżenti hija bbażata fuq awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet doganali u tapplika għall- finali msemmi fl-Artikolu 82 tal-Kodiċi sa fejn id-dispożizzjonijiet li hemm fis-seħħ jeħtieġu awtorizzazzjoni ta' din ix-xorta.

(12) L-Artikoli 463 sa 470 jattwaw l-Artikolu 843 fejn tintuża l-proċedura ta' transitu minn post għall-ieħor. Fl-interess tal-konsistenza ta' min jgħaqqad flimkien id-dispożizzjonijiet komuni taħt l-Artikolu 843.

(13) Id-dispożizzjonijiet dwar il-kopja ta' kontroll T5 jistabbilixxu proċedura li għandha tiġi applikata għall-oġġetti irrispettivament mill-proċedura doganali li ddaħħlu għaliha, meta dan ikun meħtieġ minn regoli doganali tal-Komunità jew regoli oħra. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jitqiegħdu f'parti ġdida.

(14) Huwa mixtieq ukoll li jiġu armonizzati l-miżuri li għandhom jiġu applikati f'każi meta r-regoli tal-Komunità li jużaw din is-sistema ta' kontroll jistipulaw xi garanzija jew xi limitu ta' żmien u jinstab li l-użu preskritt u/jew destinazzjoni ma ġewx imħarsa għal kollox.

(15) Biex jitjiebu l-kontrolli bbażati fuq l-użu tal-kopja ta' kontroll T5, xi informazzjoni li tidentifika l-mezzi tat-trasport għandha tingħata b'aktar preċiżjoni. Il-kopji kampjun fl-Anness 63, u n-noti ta' spjegazzjoni fl-Anness 66 dwar il-kaxex relevanti, għandhom għalhekk jiġu emendati. M'hemm xejn li jżomm li jintużaw żewġ kopji ta' kontroll T5 fl-istess waqt iżda għal skopijiet differenti.

(16) F'xi oqsma, hemm regoli speċifiċi li jirregolaw ir-responsabbiltajiet tan-negozjanti u l-preżentazzjoni u r-rilaxx ta' garanziji, speċjalment, fir-rigward tal-politika agrikola komuni fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 [1], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1932/1999 [2]. Biex jiġu akkomodati każijiet bħal dawn, għandha ssir dispożizzjoni għall-eżenzjoni mir-regoli.

(17) Il-listi li għandhom x'jaqsmu ma' valuri unitarji jeħtieġu li jiġu aġġornati.

(18) Huwa mixtieq għal raġunijiet ekonomiċi li tiġi estiża l-ordni Nru 14 tal-lista fl-Anness 87, u hemm ħtieġa li tiġi aġġornata.

(19) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 huwa emendat skond dan li ġej:

1. L-Artikolu 1a huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 1a

Għall-iskopijiet li jiġu applikati l-Artikoli 291 sa 300, il-pajjiżi ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux għandhom jittieħdu bħala Stat Membru wieħed."

2. Fl-Artikolu 6(1) is-sottoparagrafu li ġej huwa miżjud:

"L-applikazzjonijiet għal informazzjoni ta' tariffa li torbot għandhom isiru permezz ta' formola li taqbel mal-kampjun muri fl-Anness 1B."

3. L-Artikolu 8(1) huwa mibdul bit-test li ġej:

"1. Kopja ta' l-applikazzjoni għal informazzjoni ta' tariffa li torbot (L-Anness 1B), kopja tan-notifika (kopja Nru 2 tal-Anness 1) u l-fatti (kopja Nru 4 ta' l-istess l-Anness), jew kopja notifikata ta' l-informazzjoni dwar l-oriġini li torbot u l-fatti, għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni mingħajr dewmien mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru interessat. Din it-trasmissjoni għandha tintbagħat b'mezzi elettroniċi."

4. Il-Parti I, it-Titolu III, "Trattament favorevoli ta' tariffa minħabba n-natura ta' l-oġġetti", (l-Artikoli 16 sa 34) qiegħda tiġi mħassra.

5. Fil-Parti I, it-Titolu IV, il-Kapitolu 2 (l-Artikoli 66 sa 123) huwa mibdul b'dan li ġej:

"IL-KAPITOLU 2

Oriġini preferenzjali

L-Artikolu 66

Għall-iskopijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) 'manifattura' tfisser kull tip ta' xogħol jew ipproċessar inklużi t-tgħaqqid jew xogħlijiet speċifiċi;

[1] ĠU L 205, tat-3.8.1985, p. 5.
[2] ĠU L 240, ta' l-10.9.1999, p. 11.

(b) 'materjal' ifisser kull ingredjent, materja prima, komponent jew parti, eċċ., użat fil-manifattura tal-prodott;

(ċ) 'prodott' ifisser il-prodott li qed jiġi manifatturat, ukoll jekk huwa maħsub biex jintuża aktar tard f'xogħol ieħor ta' manifattura;

(d) 'oġġetti' tfisser kemm il-materjali kif ukoll il-prodotti;

(e) 'valur doganali' ifisser il-valur kif stabbilit skond il-Ftehim ta' l-1994 dwar l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar Tariffi u Negozju (Ftehim WTO dwar valutazzjoni doganali);

(f) 'prezz *ex-works*' fil-lista fl-Anness 15 ifisser il-prezz imħallas għall-prodott *ex-works* lill-fabbrikant li l-aħħar xogħol jew ipproċessar isir fl-impriża tiegħu, sakemm fil-prezz jiddaħħal il-valur tal-materjali kollha użati, barra mit-taxxi interni li huma, jew jistgħu jkunu, mħallsa lura meta l-prodott miksub jiġi esportat;

(g) 'valur ta' materjali' fil-lista fl-Anness 15 ifisser il-valur doganali fiż-żmien ta' l-importazzjoni tal-materjali użati li ma joriġinawx, jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz li jista' jiġi aċċertat imħallas għall-materjali fil-Komunità jew pajjiż benefiċjarju skond it-tifsira ta' l-Artikolu 67(1) jew ir-repubblika benefiċjarja skond it-tifsira ta' l-Artikolu 98(1). Meta l-valur tal-materjali li joriġinaw użati jeħtieġ li jiġi stabbilit, għandu japplika dan is-sottoparagrafu *mutatis mutandis*;

(h) 'kapitoli' u 'intestaturi' ifissru l-kapitoli u l-intestaturi (kodiċi ta' erba figuri) użati fin-nomenklatura li tifforma s-Sistema Armonizzata;

(i) 'klassifikat' tirreferi għall-klassifika ta' xi prodott jew materjal taħt intestatura partikolari;

(j) 'kunsinna' tfisser prodotti li jew jintbagħtu flimkien minn esportatur wieħed lil riċevitur wieħed jew li jiddaħħlu taħt dokument wieħed ta' trasport li jkopri l-ġarr bilbaħar mingħand l-esportatur għal għand ir-riċevitur jew, meta ma jkunx hemm dokument bħal dan, minn fattura waħda.

It-Taqsima 1

Sistema ta' preferenzi ġeneralizzata

Is-Sotto-Taqsima 1

Definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti li joriġinaw

L-Artikolu 67

1. Għall-iskopijiet tad-dispożizzjonijiet li jinteressaw preferenzi ta' tariffi ġeneralizzati mogħtija mill-Komunità lill-prodotti li joriġinaw f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa 'pajjiżi benefiċjarji'), il-prodotti li ġejjin għandhom jittieħdu bħala li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju:

(a) prodotti miksuba għal kollox f'dak il-pajjiż skond it-tifsira ta' l-Artikolu 68;

(b) prodotti miksuba f'dak il-pajjiż li fil-manifattura tagħhom jintużaw prodotti oħra li m'humiex imsemmija f'(a), sakemm dawn il-prodotti għaddew minn xogħol jew ipproċessar biżżejjed skond it-tifsira ta' l-Artikolu 69.

2. Għall-iskopijiet ta' din it-taqsima, il-prodotti li joriġinaw fil-Komunità, skond it-tifsira tal-paragrafu 3, li f'pajjiż li jgawdi jgħaddu minn xi xogħol jew ipproċessar li jmur oltre dak deskritt fl-Artikolu 70 jitqiesu li joriġinaw minn dak il-pajjiż li jgawdi.

3. Il-paragrafu 1 għandu japplika *mutatis mutandis* biex tiġi stabbilita l-oriġini tal-prodotti miksuba fil-Komunità.

4. Minħabba li n-Norveġja u l-Isvizzera jagħtu preferenzi ġeneralizzati ta' tariffi lill-prodotti li joriġinaw fil-pajjiżi benefiċjarji imsemmija fil-paragrafu 1 u japplikaw definizzjoni tal-kunċett ta' oriġini li jaqbel ma' dak imniżżel f'din it-taqsimja, il-prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fin-Norveġja jew fl-Isvizzera li f'pajjiż benefiċjarju jgħaddu minn xogħol jew ipproċessar li jmur oltre dak deskritt fl-Artikolu 70 jitqiesu li joriġinaw f'dak il-pajjiż benefiċjarju.

Id-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel sottoparagrafu japplikaw biss għall-prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fin-Norveġja jew fl-Isvizzera (skond ir-regoli konnessi mal-preferenzi ta' tariffi konċernati) li jiġu esportati direttament lill-pajjiż li jgawdi.

Id-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel sottoparagrafu ma japplikawx għall-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* (serje C) id-data li minnha d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel u t-tieni sottoparagrafi għandhom japplikaw.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 għandhom japplikaw bil-kondizzjoni li n-Norveġja u l-Isvizzera jagħtu, wieħed lill-ieħor, l-istess trattament lill-prodotti tal-Komunità.

L-Artikolu 68

1. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu li huma miksuba għal kollox f'pajjiż benefiċjarju fil-Komunità:

(a) prodotti minerali miksubin mill-ħamrija tiegħu jew minn qiegħ il-baħar tiegħu;

(b) prodotti ta' ħxejjex maħsuda hemmhekk;

(ċ) annimali ħajjin imwielda u mkabbra hemmhekk;

(d) prodotti minn annimali ħajjin imkabbra hemmhekk;

(e) prodotti miksuba bil-kaċċa jew sajd li twettqu hemmhekk;

(f) prodotti tas-sajd fil-baħar u prodotti oħra meħuda millbaħar barra mill-ibħra territojali tiegħu mill-bastimenti tiegħu;

(g) prodotti magħmula fuq il-bastimenti fabbriki tiegħu millprodotti msemmija f'(f) biss;

(h) oġġetti użati miġbura hemmhekk tajbin biss għall-irkupru tal-materji primi;

(i) skart u rimi li jirriżultaw minn xogħol ta' manifattura magħmula hemmhekk;

(j) prodotti miksuba minn qiegħ il-baħar jew taħt qiegħ il-baħar li jinstab barra mill-ibħra territorjali iżda fejn għandha drittijiet ta' sfruttament esklussivi;

(k) oġġetti prodotti hemmhekk mill-prodotti speċifikati f'(a) sa (j) biss.

2. Il-kliem 'bastimenti tagħha' u 'bastimenti fabbriki tagħha' fil-paragrafu 1 (f) u (g) japplikaw biss għall-inġenji u bastimenti fabbriki:

— li huma reġistrati jew rekordjati fil-pajjiż benefiċjarju jew f'xi Stat Membru,

— li jbaħħru taħt il-bandiera ta' xi pajjiż benefiċjarju jew ta' xi Stat Membru,

— li huma għallinqas 50 % propjetà ta' persuni ta' nazzjonalità tal-pajjiż li jgawdi jew ta' xi Stat Membru jew ta' xi kumpanija li għandha l-uffiċċju ewlieni f'dak il-pajjiż jew f'wieħed mill-Istati Membri, li l-maniġer jew maniġers, il-President tal-Bord tad-Diretturi jew tal-Bord tas-Sorveljanza, u l-maġġoranza tal-membri ta' bordijiet bħal dawn huma persuni ta' nazzjonalità ta' dak il-pajjiż li jgawdi jew ta' l-Istati Membri u li, barra minn hekk, fil-każ ta' kumpaniji, ta' mill-inqas nofs il-kapital huwa tal-pajjiż benefiċjarju jew ta' l-Istati Membri jew ta' l-entitajiet pubbliċi jew nies ta' nazzjonalità ta' dak il-pajjiż benefiċjarju jew ta' l-Istati Membri,

— li l-kaptan u l-uffiċjali tagħhom huma persuni ta' nazzjonalità tal-pajjiż benefiċjarju jew ta' l-Istati Membri, u

— li għallinqas 75 % ta' l-ekwipaġġ tagħhom huma persuni ta' nazzjonalità tal-pajjiż benefiċjarju jew ta' l-Istati Membri.

3. Fil-kliem 'pajjiż li jibbenefika' u 'Komunità' jidħlu wkoll l-ibħra territorjali ta' dak il-pajjiż jew ta' l-Istati Membri.

4. Bastimenti li jaħdmu fl-ibħra mhux territorjali, inklużi bastimenti fabbrika li fuqhom jinħadem jew jiġi pproċessat il-ħut li jinqabad, għandhom jitqiesu bħala parti mit-territorju tal-pajjiż benefiċjarju jew ta' l-Istati Membri li huma tagħhom, sakemm jissodisfaw il-kondizzjonijiet imniżżla filparagrafu 2.

L-Artikolu 69

Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 67, il-prodotti li ma jinkisbux għal kollox f'xi pajjiż benefiċjarju jew fil-Komunità jitqiesu bħala li nħadmu jew ġew ipproċessati biżżejjed meta l-kondizzjonijiet imniżżla fil-lista ta' l-Anness 15 ikunu ssodisfati.

Dawk il-kondizzjonijiet jindikaw, għall-prodotti kollha li jaqgħu taħt din it-taqsima, il-ħidma jew l-ipproċessar li għandu jsir fuq il-materjali li ma joriġinawx li ntużaw fil-manifattura, u japplikaw biss fir-rigward ta' dawn il-materjali.

Jekk xi prodott li akkwista *status* ta' oriġini billi ssodisfa l-kondizzjonijiet imniżżla fil-lista jintuża għall-manifattura ta' xi prodott ieħor, il-kondizzjonijiet li japplikaw għall-prodott li huwa inkorporat fih ma japplikawx għalih, u m'għandha tittieħed ebda konsiderazzjoni tal-materjali li ma joriġinawx li jistgħu jkunu ntużaw fil-manifattura tiegħu.

L-Artikolu 70

1. Minħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, ix-xogħol li gej m'għandux jitqies bħala xogħol jew ipproċessar li huwa biżżejjed biex jagħti *status* ta' prodotti li joriġinaw, kemm jekk il-kondizzjonijiet mitluba mill-Artikolu 69 ġew issodisfati u kemm jekk le:

(a) xogħol li jiżgura ż-żamma tal-prodotti f'kondizzjoni tajba waqt it-trasport jew ħażna (ventilazzjoni, tifrix, tnixxif, tkessiħ, tqegħid fil-melħ, dijossidu tal-kubrit jew soluzzjonijiet oħra milwiema, tneħħija ta' partijiet imħassra, u xogħol bħal dan),

(b) xogħol sempliċi li jikkonsisti fit-tneħħija ta' trab, tgħarbil jew tagħżil, għażla, klassifikazzjoni, tqabbil (inkluż it-tfassil ta' gruppi ta' oġġetti), ħasil, żbigħ, tqattigħ;

(ċ) (i) bidliet fl-imballaġġ u tifrik u tgħaqqid ta' pakketti,

(ii) tqegħid sempliċi fi fliexken, fliexken b'għenuq dojoq, boroż, kaxex kbar, kaxex, iffissar fuq kartelli jew pjanċi, eċċ., u l-operazzjonijiet sempliċi l-oħra kollha ta' l-imballaġġ;

(d) twaħħil ta' marki, tikkettjar u sinjali oħra li jiddistingwu bħal dawn fuq il-prodotti jew l-imballaġġ tagħhom;

(e) taħlit sempliċi ta' prodotti, kemm jekk ikunu ta' tipi differenti jew le, fejn wieħed mill-komponenti jew aktar tat-taħlita jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-taqsima biex ikunu jistgħu jiġu meqjusa bħala li oriġinaw f'xi pajjiż benefiċjarju jew fil-Komunità;

(f) tgħaqqid sempliċi ta' partijiet biex jagħmlu prodott sħiħ;

(g) għaqda ta' tnejn jew aktar mill-operazzjonijiet speċifikati f'(a) sa (f);

(h) tbiċċir ta' annimali.

2. L-operazzjonijiet kollha magħmula jew f'xi pajjiż benefiċjarju jew fil-Komunità fuq prodott wieħed jitqiesu flimkien meta jiġi stabbilit jekk ix-xogħol jew l-ipproċessar li għadda minnu dak il-prodott għandux jitqies bħala li mhux biżżejjed skond it-tifsira tal-paragrafu 1.

L-Artikolu 70a

1. L-unità biex jikkwalifika biex japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsima tkun il-prodott partikolari li jitqies bħala l-unità bażika meta tiġi stabbilita l-klassifikazzjoni billi tintuża n-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata.

Minħabba f'hekk, isegwi li:

(a) meta xi prodott magħmul minn grupp jew ġemgħa ta' oġġetti jiġi klassifikat taħt it-termini tas-Sistema Armonizzata f'intestatura waħda, il-prodott kollu jikkostitwixxi l-unità tal-kwalifika;

(b) meta xi kunsinna tikkonsisti f'numru ta' prodotti identiċi klassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull prodott għandu jittieħed għal rasu meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsima.

2. Meta, taħt ir-regola ġenerali 5 tas-Sistema Armonizzata, l-ippakkjar huwa inkluż mal-prodott għall-iskopijiet tal-klassifikazzjoni, għandu jiddaħħal għall-iskopijiet li tiġi stabbilita l-oriġini.

L-Artikolu 71

1. B'deroga mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 69, il-materjali li ma joriġinawx jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' xi prodott speċifiku, sakemm il-valur kollu tagħhom ma jkunx aktar minn 10 % tal-prezz *ex-works* tal-prodott.

Meta, fil-lista, jingħata perċentwal wieħed jew aktar għall-akbar valur tal-materjali li ma joriġinawx, dawn il-perċentwali m'għandhomx jinqabżu bl-applikazzjoni ta' l-ewwel sottoparagrafu.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax għall-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

L-Artikolu 72

1. B'deroga mill-Artikolu 67, għall-iskopijiet li jiġi stabbilit jekk xi prodott fabbrikat f'pajjiż benefiċjarju li huwa membru ta' xi grupp reġjonali joriġinax hemmhekk skond it-tifsira ta' dak l-Artikolu, il-prodotti li joriġinaw f'xi wieħed mill-pajjiżi ta' dak il-grupp reġjonali u użati f'manifattura ulterjuri fuq il-prodott f'xi pajjiż ieħor ta' dak il-grupp għandhom jitqiesu bħal li kieku oriġinaw fil-pajjiż tal-manifattura ulterjuri (akkumulazzjoni reġjonali).

2. Il-pajjiż ta' l-oriġini tal-prodott finali għandu jiġi stabbilit b'mod konformi ma' l-Artikolu 72a.

3. L-akkumulazzjoni reġjonali għandha tapplika għal erba' gruppi reġjonali separati tal-pajjiżi benefiċjarji mis-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi:

(a) l-Għaqda tal-Ġnus ta' l-Asja tax-Xlokk (ASEAN) (Brunej-Darussalam, il-Kambodja [1], l-Indonezja, Laos, il-Malasja, il-Filippini, Singapor, it-Tajlandja, il-Vjetnam);

(b) is-Suq Komuni ta' l-Amerika Ċentrali (CACM) (il-Kosta Rika, il-Ħonduras, il-Gwatemala, in-Nikaragwa, il-Panama [2], El Salvador);

(ċ) il-Komunità Andjana (il-Bolivja, il-Kolombja, l-Ekwador, il-Perù, il-Veneżwela);

(d) l-Għaqda Asjatika tan-Nofs in-Nhar għall-Kooperazzjoni Reġjonali (SAARC) (il-Bangladexx, il-Butan, l-Indja, il-Maldive, in-Nepal, il-Pakistan, is-Sri Lanka) [3].

4. L-espressjoni 'grupp reġjonali' għandha tirreferi għall-ASEAN, is-CACM, il-Komunità Andjana jew is-SAARC, skond kif ikun il-każ.

L-Artikolu 72a

1. Meta xi oġġetti li joriġinaw f'xi pajjiż li huwa membru ta' grupp reġjonali jinħadmu jew jiġu pproċessati f'xi pajjiż ieħor ta' l-istess grupp reġjonali, ikollhom l-oriġini tal-pajjiż tal-grupp reġjonali fejn sar l-aħħar xogħol jew ipproċessar, sakemm:

(a) il-valur miżjud hemmhekk, kif definit fil-paragrafu 3, huwa akbar mill-ogħla valur doganali tal-prodotti użati li joriġinaw f'xi wieħed mill-pajjiżi l-oħra tal-grupp reġjonali, u

(b) ix-xogħol jew l-ipproċessar li sar hemmhekk huwa akbar minn dak imniżżel fl-Artikolu 70 u, fil-każ ta' prodotti tessili, dawk l-operazzjonijiet ukoll imsemmija fl-Anness 16.

2. Meta l-kondizzjonijiet ta' oriġini fil-paragrafu 1(a) u (b) m'humiex issodisfati, il-prodotti jkollhom l-oriġini tal-pajjiż tal-grupp reġjonali li juri l-ogħla valur doganali tal-prodotti li joriġinaw li ġejjin minn xi pajjiżi oħra tal-grupp reġjonali.

3. 'Valur miżjud' ifisser il-prezz *ex-works* bil-valur doganali ta' kull wieħed mill-prodotti inkorporati li oriġinaw f'xi pajjiż ieħor tal-grupp reġjonali mnaqqas.

4. Xhieda ta' l-istatus ta' oriġini ta' l-oġġetti esportati minn xi pajjiż ta' xi grupp reġjonali lejn xi pajjiż ieħor ta' l-istess grupp biex jintużaw għal aktar xogħol jew ipproċessar, jew biex jerġgħu jiġu esportati fejn ma jsirx aktar xogħol jew ipproċessar, tiġi stabbilita b'ċertifikat ta' oriġini Formola A maħruġ fl-ewwel pajjiż.

5. Prova ta' l-istatus, miksub u miżmum skond it-termini ta' l-Artikolu 72, dan l-Artikolu u l-Artikolu 72b, ta' l-oġġetti esportati minn xi pajjiż ta' xi grupp reġjonali lejn il-Komunità, għandha tiġi stabbilita b'ċertifikat ta' oriġini Formola A maħruġ jew dikjarazzjoni b'fattura magħmula f'dak il-pajjiż fuq il-bażi ta' ċertifikat ta' oriġini Formola A maħruġ skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4.

6. Il-pajjiż ta' l-oriġini għandu jkun immarkat fil-kaxxa 12 taċ-ċertifikat ta' oriġini Formola A jew fuq id-dikjarazzjoni b'fattura, u dak il-pajjiż ikun:

— fil-każ ta' prodotti esportati mingħajr aktar xogħol jew ipproċessar skond il-paragrafu 4, il-pajjiż fejn ġew fabbrikati;

— fil-każ ta' prodotti esportati wara aktar xogħol jew ipproċessar, il-pajjiż ta' l-oriġini skond kif stabbilit b'mod konformi mal-paragrafu 1.

L-Artikolu 72b

1. L-Artikoli 72 u 72a japplikaw biss meta:

(a) r-regoli li jirregolaw in-negozju fil-kuntest ta' akkumulazzjoni reġjonali, bħal bejn pajjiżi tal-grupp reġjonali, huma identiċi għal dawk stabbiliti f'din it-taqsima:

(b) kull pajjiż tal-grupp reġjonali impennja ruħu li jkun konformi ma' jew jiżgura konformità mat-termini ta' din it-taqsima u li jagħti l-kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa kemm lill-Komunità kif ukoll lill-pajjiżi l-oħra tal-grupp reġjonali biex jiżgura l-ħruġ tajjeb taċ-ċertifikati ta' oriġini Formola A u l-verifika taċ-ċertifikati ta' oriġini Formola A u dikjarazzjonijiet b'fattura.

Dan l-impenn għandu jintbagħat lill-Kummissjoni permezz tas-Segretarjat tal-grupp reġjonali.

Is-Segretarjati huma dawn li ġejjin:

— is-Segretarjat Ġenerali ASEAN,

— Secretaría de Integración Económica Centroamericana (SIECA),

— il-Junta del Acuerdo de Cartagena,

— is-Segretarjat SAARC,

skond kif ikun il-każ.

2. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri meta l-kondizzjonijiet imniżżla fil-paragrafu 1 ġew issodisfati, fil-każ ta' kull grupp reġjonali.

3. L-Artikolu 78(1)(b) ma japplikax għall-prodotti li joriġinaw f'xi wieħed mill-pajjiżi tal-grupp reġjonali meta jgħaddu mit-territorju ta' xi wieħed mill-pajjiżi l-oħra tal-grupp reġjonali, kemm jekk isir aktar xogħol jew ipproċessar hemmhekk, u kemm jekk ma jsirx.

L-Artikolu 73

L-aċċessorji, l-ispare parts u l-għodda mibgħuta ma' xi biċċa tagħmir, magna, apparat jew karrozza li jiffurmaw parti mit-tagħmir normali u mdaħħla fil-prezz tiegħu jew li m'humiex imniżżla fuq fattura separata, għandhom jitqiesu bħala parti waħda mit-tagħmir, magna, apparat jew karrozza konċernata.

L-Artikolu 74

Is-settijiet, kif definiti fir-regola ġenerali 3 tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw meta l-partijiet kollha komponenti huma prodotti li joriġinaw. B'danakollu, meta sett huwa magħmul minn prodotti li joriġinaw u li ma joriġinawx, is-sett kollu għandu jitqies bħala

li joriġina, sakemm il-valur tal-prodotti li ma joriġinawx ma jkunx aktar minn 15 % tal-prezz *ex-works* tas-sett.

L-Artikolu 75

Biex jiġi stabbilit jekk xi prodott huwiex prodott li joriġina, ma jenħtieġx li jiġi stabbilit l-oriġini ta' dawn li ġejjin li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu:

(a) enerġija u karburanti;

(b) impjant u tagħmir;

(ċ) magni u għodda;

(d) oġġetti li ma jidħlux, u li m'humiex maħsuba li jidħlu, fil-kompożizzjoni ta' l-aħħar tal-prodott.

L-Artikolu 76

1. Jistgħu jsiru derogi mid-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsima favur il-pajjiżi benefiċjarji l-anqas żviluppati li jibbenefikaw mis-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi meta l-iżvilupp ta' l-industriji li jeżistu jew il-ħolqien ta' industriji ġodda jiġġustifikawhom. Il-pajjiżi benefiċjarji l-anqas żviluppati huma elenkati fir-Regolamenti tal-Kunsill u d-Deċizjoni KEFA dwar l-applikazzjoni ta' preferenzi ġeneralizzati ta' tariffa. Għal dan l-iskop, il-pajjiż interessat għandu jagħti lill-Komunità talba għal deroga flimkien mar-raġunijiet għat-talba b'mod konformi mal-paragrafu 3.

2. L-istħarriġ tat-talbiet għandu, speċjalment, jikkunsidra:

(a) il-każijiet fejn l-applikazzjoni tar-regoli eżistenti ta' oriġini ma jaffettwawx b'mod sinifikanti l-possibbiltà li xi industrija li teżisti fil-pajjiż interessat tkompli l-esportazzjoni tagħha lejn il-Komunità, b'referenza speċjali għall-każijiet meta dan jista' jwassal għall-għeluq tan-negozji;

(b) il-każijiet speċifiċi meta jkun jista' jintwera ċar li investiment sinifikanti f'xi industrija jista' jitnaffar bir-regoli ta' oriġini u meta deroga li tħajjar l-implimentazzjoni ta' programm ta' investiment tippermetti li r-regoli jiġu ssodisfati fi stadji;

(ċ) l-impatt ekonomiku u soċjali tad-deċiżjoni li għandha tittieħed speċjalment fir-rigward ta' l-impieg fil-pajjiżi benefiċjarji u fil-Komunità.

3. Biex jitħaffef l-istħarriġ tat-talbiet għal deroga, il-pajjiż li jkun qed jagħmel it-talba għandu jagħti biex isostni t-talba tiegħu l-informazzjoni kollha possibbli, speċjalment dwar il-punti li huma elenkati hawn taħt:

— id-deskrizzjoni tal-prodott lest,

— in-natura u l-ammont tal-materjali li joriġinaw f'xi pajjiż terz,

— il-proċess tal-manifattura,

— il-valur miżjud,

— in-numru ta' impjegati fl-impriża interessata,

— il-volum mistenni ta' l-oġġetti esportati lejn il-Komunità,

— għejun oħra possibbli ta' forniment ta' materji primi,

— ir-raġunijiet għaż-żmien mitlub,

— xi osservazzjonijiet oħra.

4. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta t-talba għad-deroga lill-Kumitat. Għandha tittieħed deċiżjoni skond il-proċedura mfassla fl-Artikolu 249 tal-Kodiċi.

5. Meta jsir użu minn xi deroga, il-kliem li ġej għandu jidher fil-kaxxa 4 taċ-ċertifikat ta' oriġini Formola A, jew fuq id-dikjarazzjoni tal-fattura stabbilita fl-Artikolu 89:

'Deroga — Regolament (KE) Nru…/…'.

6. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 5 japplikaw għal kull estensjoni.

L-Artikolu 77

Il-kondizzjonijiet imniżżla f'din it-taqsima għall-ksib ta' *status* ta' oriġini għandhom ikomplu jintlaħqu dejjem fil-pajjiż benefiċjarju jew fil-Komunità.

Jekk il-prodotti li joriġinaw esportati minn pajjiż benefiċjarju jew mill-Komunità lejn pajjiż ieħor jintbagħtu lura, għandhom jitqiesu bħala li ma joriġinawx sakemm ma jistax jintwera b'xi mod li jissodisfa l-awtoritajiet kompetenti li:

— il-prodotti mibgħuta lura huma l-istess bħal dawk li kienu esportati, u

— li ma sarilhom ebda xogħol aktar minn dak meħtieġ biex iżommhom f'kondizzjoni tajba waqt li kienu f'dak il-pajjiż jew waqt li kienu qegħdin jiġu esportati.

L-Artikolu 78

1. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala li huma trasportati direttament mill-pajjiż benefiċjarju lejn il-Komunità jew mill-Komunità lejn il-pajjiż benefiċjarju:

(a) il-prodotti trasportati mingħajr ma jgħaddu minn ġewwa t-territorju ta' xi pajjiż ieħor, ħlief fil-każ tat-territorju ta' xi pajjiż ieħor ta' l-istess grupp reġjonali fejn jiġi applikat l-Artikolu 72;

(b) il-prodotti li jagħmlu kunsinna waħda trasportata minn ġewwa t-territorju ta' pajjiżi li m'humiex il-pajjiż benefiċjarju jew il-Komunità, permezz ta', jekk tqum l-okkażjoni, ġarr bil-bastiment għall-artijiet oħra jew magazzinaġġ temporanju f'dawk il-pajjiżi, sakemm il-prodotti jibqgħu taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet doganali fil-pajjiż tat-transitu jew magazzinaġġ u ma jgħaddux minn operazzjonijiet oħra ħlief li jinħattu, jerġgħu jitgħabbew jew xi operazzjoni maħsuba biex iżżommhom f'kondizzjoni tajba;

(ċ) il-prodotti trasportati minn ġewwa t-territorju tan-Norveġja jew l-Isvizzera u li wara jerġgħu jiġu esportati kollha jew parti minnhom lejn il-Komunità jew lejn il-pajjiż benefiċjarju, sakemm il-prodotti jibqgħu taħt il-ħarsien ta' l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tat-transitu jew magazzinaġġ u ma jgħaddux minn xogħol ieħor ħlief li jinħattu, jerġgħu jitgħabbew jew xi operazzjoni oħra maħsuba biex iżżommhom f'kondizzjoni tajba;

(d) il-prodotti li huma trasportati minn ġo *pipeline* mingħajr waqfien minn ġo xi art oħra li m'hijiex dik tal-pajjiż benefiċjarju jew tal-Komunità.

2. Xhieda li l-kondizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 1(b) u (ċ) ġew issodisfati għandha tingħata lill-awtoritajiet doganali kompetenti billi jinġiebu:

(a) dokument wieħed ta' trasport għall-passaġġ mill-pajjiż li jesporta minn ġewwa l-pajjiż tat-transitu; jew

(b) ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet doganali kompetenti tal-pajjiż tat-transitu:

— li jagħti d-deskrizzjoni eżatta tal-prodotti,

— li jsemmi d-dati tal-ħatt u tat-tagħbija mill-ġdid tal-prodotti u, fejn japplika, l-ismijiet tal-bastimenti, jew mezzi oħra tat-trasport użati, u

— li jiċċertifika l-kondizzjonijiet li taħthom il-prodotti baqgħu fil-pajjiż tat-transitu;

(ċ) jew, jekk dawn ma jingħatawx, kull dokument li jikkonvalidahom.

L-Artikolu 79

1. Prodotti li joriġinaw mibgħuta minn pajjiż benefiċjarju għall-wiri f'pajjiż ieħor u mibjugħa wara l-wirja għall-importazzjoni fil-Komunità jgawdu, meta jiġu impurtati, mill-preferenzi ta' tariffa msemmija fl-Artikolu 67, sakemm il-prodotti jissodisfaw il-kondizzjonijiet mitluba ta' din it-taqsima li tintitolahom biex jintgħarfu bħala li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju u sakemm jintwera b'mod li jissodisfa l-awtoritajiet doganali kompetenti tal-Komunità li:

(a) xi esportatur ikkunsinja dawn il-prodotti mill-pajjiż benefiċjarju direttament sal-pajjiż li fih saret il-wirja u li wrihom hemmhekk;

(b) il-prodotti nbiegħu minn dan l-esportatur jew li ddispona minnhom għal għand xi persuna fil-Komunità;

(ċ) il-prodotti twasslu waqt il-wirja jew minnufih wara fil-Komunità fl-istat li ntbagħtu għall-wiri;

(d) minn meta twasslu għall-wiri, il-prodotti ma ntużawx għal xi skop ieħor li mhux dak li jintwerew fil-wirja.

2. Għandu jingħata ċertifikat ta' oriġini Formola A lill-awtoritajiet doganali tal-Komunità bil-metodu normali. L-isem u l-indirizz tal-wirja għandhom jiġu indikati fuqu. Fejn jeħtieġ, tista' tintalab aktar xhieda dokumentarja dwar in-natura tal-prodotti u l-kondizzjonijiet li ntwerew taħthom.

3. Il-paragrafu 1 japplika għal kull wirja kummerċjali, industrijali, tal-biedja jew tax-xogħol, fiera jew wirja pubblika ta' din ix-xorta jew wirja li m'hijiex organizzata għal skopijiet privati fi ħwienet jew postijiet kummerċjali bil-għan li jinbiegħu prodotti ta' barra, u li waqtha l-prodotti jibqgħu taħt il-kontroll doganali.

Is-Sotto-Taqsima 2

Prova ta' l-oriġini

L-Artikolu 80

Il-prodotti li joriġinaw fil-pajjiż benefiċjarju jgawdu mir-riferenzi ta' tariffi msemmija fl-Artikolu 67, meta jiġi preżentat jew:

(a) ċertifikat ta' oriġini Formola A, li tiegħu jidher il-kampjun fl-Anness 17; jew

(b) fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 89(1), dikjarazzjoni, li t-test tagħha jidher fl-Anness 18, mogħtija mill-esportatur fuq fattura, nota tal-kunsinna jew kull dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodotti konċernati b'dettalji biżżejjed biex ikunu jistgħu jiġu identifikati (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ 'dikjarazzjoni b'fattura'.

(a) ĊERTIFIKAT TA' ORIĠINI FORMOLA A

L-Artikolu 81

1. Il-prodotti li joriġinaw skond it-tifsira ta' din it-taqsima huma eliġibbli, meta jiġu importati fil-Komunità, bħala benefiċjarji mill-preferenzi ta' tariffi msemmija fl-Artikolu 67, sakemm ġew trasportati direttament skond it-tifsira ta' l-Artikolu 78, meta jippreżentaw ċertifikat ta' oriġini Formola A, maħruġ mill-awtoritajiet doganali jew minn xi awtoritajiet oħra tal-gvern tal-pajjiż benefiċjarju, sakemm il-pajjiż imsemmi l-aħħar:

— għadda lill-Kummissjoni l-informazzjoni mitluba mill-Artikolu 93, u

— jgħin lill-Komunità billi jippermetti lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri jivverifikaw l-awtenticità tad-dokument jew l-eżattezza ta' l-informazzjoni dwar l-oriġini vera tal-prodotti kkonċernati.

2. Iċ-ċertifikat ta' oriġini Formola A jista' jinħareġ biss meta jista' jservi bħala l-prova dokumentarja mitluba għall-iskopijiet tal-preferenzi tat-tariffi msemmija fl-Artikolu 67.

3. Iċ-ċertifikat ta' oriġini Formola A għandu jinħareġ biss fuq applikazzjoni bil-miktub mill-esportatur jew rappreżentant awtorizzat tiegħu.

4. L-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jagħti flimkien ma' l-applikazzjoni tiegħu xi dokumenti xierqa ta' appoġġ li jippruvaw li l-prodotti li sejrin jiġu esportati jikkwalifikaw għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' oriġini Formola A.

5. Iċ-ċertifikat jinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-gvern tal-pajjiż benefiċjarju jekk il-prodotti li sejrin jiġu esportati jistgħu jitqiesu bħala prodotti li oriġinaw f'dak il-pajjiż skond it-tifsira tas-Sotto-Taqsima 1. Iċ-ċertifikat għandu jsir disponibbli lill-esportatur malli l-esportazzjoni tkun saret jew hija żgurata.

6. Għall-iskopijiet ta' verifika jekk il-kondizzjonijiet imniżżla fil-paragrafu 5 ma ġewx issodisfati, l-awtoritajiet kompetenti tal-gvern għandhom id-dritt jitolbu kull prova dokumentarja jew iwettqu kull kontroll li jidhrilhom xieraq.

7. Hija r-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-gvern tal-pajjiż benefiċjarju li jiżguraw li ċ-ċertifikati u l-applikazzjonijiet isiru skond kif huwa mitlub.

8. Il-mili tal-kaxxa 2 taċ-ċertifikat ta' oriġini Formola A huwa fakoltattiv. Il-kaxxa 12 għandha timtela skond kif huwa mitlub billi jiġi indikat 'Komunità Ewropea' jew xi wieħed mill-Istati Membri.

9. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' oriġini Formola A għandha titniżżel fil-kaxxa 11. Il-firma li għandha titniżżel f'dik il-kaxxa, li hija riservata għall-awtoritajiet kompetenti tal-gvern li qed joħorġu ċ-ċertifikat għandha tinkiteb bl-idejn.

L-Artikolu 82

Meta, fuq talba ta' l-importatur u skond il-kondizzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur, prodotti smantellati jew li m'humiex mgħaqqda skond it-tifsira tar-regola ġenerali 2(a) tas-Sistema Armonizzata u li jidħlu taħt it-Taqsima XVI jew XVII jew l-Intestatura Nru 7308 jew 9406 tas-Sistema Armonizzata huma impurtati bin-nifs, prova waħda ta' oriġini għal dawn il-prodotti għandha tingħata lill-awtoritajiet doganali meta tiġi impurtata l-ewwel parti.

L-Artikolu 83

Peress li ċ-ċertifikat ta' oriġini Formola A huwa prova dokumentarja għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-preferenzi ta' tariffi msemmija fl-Artikolu 67, hija r-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-gvern tal-pajjiż li qiegħed jesporta li jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jivverifikaw l-oriġini tal-prodotti u biex jikkontrollaw id-dikjarazzjonijiet l-oħra fiċ-ċertifikat.

L-Artikolu 84

Il-provi ta' l-oriġini għandhom jingħataw lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri ta' l-importazzjoni b'mod konformi mal-proċeduri mfassla fl-Artikolu 62 tal-Kodiċi. L-awtoritajiet imsemmija jistgħu jitolbu traduzzjoni tal-prova ta' l-oriġini u jistgħu wkoll jitolbu li d-dikjarazzjoni ta' l-impurtazzjoni jkun hemm magħha dikjarazzjoni mill-impurtatur fis-sens li l-prodotti jissodisfaw il-kondizzjonijiet mitluba għall-applikazzjoni ta' din it-taqsima.

L-Artikolu 85

1. B'deroga mill-Artikolu 81(5), ċertifikat ta' oriġini Formola A jista' f'każijiet eċċezzjonali jinħareġ wara l-esportazzjoni tal-prodotti li huwa konness magħhom, jekk:

(a) ma nħariġx fiż-żmien ta' l-esportazzjoni minħabba żbalji jew nuqqasijiet involontarji jew ċirkostanzi speċjali; jew

(b) jintwera b'mod li jissodisfa l-awtoritajiet kompetenti tal-gvern li nħareġ ċertifikat ta' oriġini Formola A iżda dan ma ġiex milqugħ waqt l-importazzjoni għal raġunijiet tekniċi.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-gvern jistgħu joħorġu ċertifikat b'mod retrospettiv biss wara li jivverifikaw li l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni ta' l-esportatur taqbel ma' dik fil-fajl korrispondenti ta' l-esportazzjoni ulima

nħariġx ċertifikat ta' oriġini Formola A li jissodisfa d-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsima meta ġew esportati l-prodotti konċernati.

3. Fil-kaxxa 4 taċ-ċertifikati ta' oriġini Formola A maħruġa b'mod retrospettiv għandu jkun hemm l-approvazzjoni uffiċjali 'Issued retrospectively' jew 'Délivré a posteriori'.

L-Artikolu 86

1. Fil-każ ta' serq, telf jew qerda taċ-ċertifikat ta' oriġini Formola A, l-esportatur jista' japplika, lill-awtoritajiet kompetenti tal-gvern li ħarġuh, li jsir ieħor bħalu fuq il-bażi tad-dokumenti ta' esportazzjoni li għandhom f'idejhom. Il-kaxxa 4 taċ-ċertifikat l-ieħor Formola A maħruġ b'dan il-mod għandha tiġi attestata uffiċjalment bil-kelma 'Duplicate' jew 'Duplicata', flimkien mad-data tal-ħruġ u n-numru tas-serje taċ-ċertifikat oriġinali.

2. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 90b, id-duplikat għandu jibda jseħħ mid-data ta' l-oriġinal.

L-Artikolu 87

1. Meta prodotti li joriġinaw jitqiegħdu taħt il-kontroll ta' xi uffiċċju doganali fil-Komunità, jkun possibbli li l-prova oriġinali ta' oriġini tinbidel b'ċertifikat wieħed ta' oriġini Formola A jew aktar għall-iskop li jintbagħtu xi wħud mill-prodotti jew il-prodotti kollha xi mkien ieħor fil-Komunità jew fl-Isvizzera jew in-Norveġja. Iċ-ċertifikat(i) mibdul(a) ta' oriġini Formola A għandu(għandhom) jinħareġ(jinħarġu) mill-uffiċċju doganali li l-prodotti jitqiegħdu taħt il-kontroll tiegħu.

2. Iċ-ċertifikat il-ġdid maħruġ fuq applikazzjoni tal-paragrafu 1 jew l-Artikolu 88 għandu jittieħed bħala ċ-ċertifikat ta' oriġini definittiv għall-prodotti li jissemmew fih. Iċ-ċertifikat il-ġdid għandu jinħareġ fuq il-bażi ta' talba bil-miktub minn min ikun qiegħed jerġa' jesporta.

3. Il-kaxxa li tinsab fuq il-lemin fil-parti ta' fuq taċ-ċertifikat il-ġdid għandha tindika l-pajjiż intermedjarju fejn ikun inħareġ.

Il-kaxxa 4 għandu jinsab fiha l-kliem 'Replacement certificate' jew 'Certificat de replacement', kif ukoll id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat oriġinali u n-numru tas-serje tiegħu.

L-isem ta' min ikun qed jerġa' jesporta għandu jingħata fil-kaxxa 1.

L-isem ta' min jirċievi l-aħħar jista' jingħata fil-kaxxa 2.

Id-dettalji kollha jew il-prodotti li jiġu esportati mill-ġdid li jidhru fiċ-ċertifikat oriġinali għandhom jiġu trasferiti għall-kaxex 3 sa 9.

Ir-referenzi għall-fattura ta' min qed jerġa' jesporta għandhom jingħataw fil-kaxxa 10.

L-awtoritajiet doganali li ħarġu ċ-ċertifikat il-ġdid għandhom jattestaw uffiċjalment il-kaxxa 11. Ir-responsabbiltà ta' l-awtorità hija limitata għall-ħruġ taċ-ċertifikat il-ġdid. Id-dettalji fil-kaxxa 12 dwar il-pajjiż ta' l-oriġini u l-pajjiż tal-wasla għandhom jittieħdu miċ-ċertifikat oriġinali. Din il-kaxxa għandha tiġi ffirmata minn min ikun qed jerġa' jesporta. Wieħed li jkun qed jerġa' jesporta li jiffirma din il-kaxxa bil-*bona fede* ma jkunx responsabbli għall-eżattezza tad-dettalji mniżżla fiċ-ċertifikat oriġinali.

4. L-uffiċċju doganali li jintalab jagħmel ix-xogħol imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jniżżel fuq iċ-ċertifikat oriġinali l-piżijiet, in-numri u n-natura tal-prodotti mwassla u jindika fuqhom in-numri tas-serje taċ-ċertifikat jew ċertifikati ġodda korrispondenti. Għandu jżomm iċ-ċertifikat oriġinali għal mill-anqas tliet snin.

5. Fotokopja taċ-ċertifikat oriġinali tista' tiġi annessa maċ-ċertifikat il-ġdid.

6. Fil-każ ta' prodotti li jgawdu mill-preferenzi ta' tariffi msemmija fl-Artikolu 67, taħt deroga mogħtija b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 76, il-proċedura mfassla f'dan l-Artikolu għandha tapplika biss meta dawn il-prodotti huma maħsuba għall-Komunità.

L-Artikolu 88

Prodotti li joriġinaw skond it-tifsira ta' din it-taqsima jkunu eliġibbli meta jiġu impurtati fil-Komunità li jgawdu mill-preferenzi ta' tariffi msemmija fl-Artikolu 67 meta jġibu ċertifikat ta' oriġini Formola A ġdid maħruġ mill-awtoritajiet doganali tan-Norveġja jew l-Isvizzera fuq il-bażi ta' ċertifikat ta' oriġini Formola A maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-gvern tal-pajjiż benefiċjarju, sakemm ikunu konformi mal-kondizzjonijiet imfassla fl-Artikolu 78 u sakemm in-Norveġja jew l-Isvizzera jgħinu lill-Komunità billi jippermettu lill-awtoritajiet doganali tagħha jivverifikaw l-awtentiċità u l-eżattezza taċ-ċertifikat maħruġ. Għandha tapplika *mutatis mutandis* il-proċedura ta' verifika mniżżla fl-Artikolu 94. Il-limitu taż-żmien imniżżel fl-Artikolu 94(3) għandu jitwal għal tmien xhur.

(b) DIKJARAZZJONI B'FATTURA

L-Artikolu 89

1. Id-dikjarazzjoni b'fattura tista ssir:

(a) minn esportatur approvat tal-Komunità skond it-tifsira ta' l-Artikolu 90, jew

(b) minn kull esportatur għal kull kunsinna li tikkonsisti f'pakkett wieħed jew aktar li fihom jinsabu prodotti li joriġinaw li l-valur kollu tagħhom m'huwiex aktar minn EUR 6 000, u sakemm l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 81(1) tapplika għal din il-proċedura.

2. Dikjarazzjoni b'fattura tista' ssir jekk il-prodotti inkwistjoni jistgħu jitqiesu bħala li oriġinaw fil-Komunità jew f'xi pajjiż benefiċjarju, u jissodisfaw il-kondizzjonijiet l-oħra mitluba f'din it-taqsima.

3. L-esportatur li jkun qiegħed jagħmel id-dikjarazzjoni b'fattura għandu jkun lest li jagħti f'kull ħin, fuq it-talba ta' l-awtoritajiet doganali jew ta' l-awtoritajiet l-oħra kompetenti tal-gvern tal-pajjiż esportatur, id-dokumenti kollha xierqa li jippruvaw l-istatus ta' oriġini tal-prodotti konċernati kif ukoll li l-kondizzjonijiet l-oħra kollha mitluba ta' din it-taqsima ikunu ġew issodisfati.

4. Kull dikjarazzjoni b'fattura għandha ssir mill-esportatur jew bil-Franċiż jew bl-Ingliż billi tkun ttajpjata, ittimbrata jew stampata fuq il-fattura, in-nota tal-kunsinna jew kull dokument kummerċjali ieħor, id-dikjarazzjoni, li t-test tagħha jidher fl-Anness 18. Jekk id-dikjarazzjoni tkun miktuba bl-idejn, għandha tinkiteb bl-inka u b'ittri stampati.

5. Dikjarazzjonijiet b'fattura għandu jkollhom fuqhom il-firma oriġinali ta' l-esportatur manuskritta. Madanakollu, esportatur approvat skond it-tifsira ta' l-Artikolu 90 m'għandux jiġi mitlub li jiffirma dawn id-dikjarazzjonijiet kemm-il darba jagħti lill-awtoritajiet doganali impenn bil-miktub li jaċċetta r-responsabbiltà kollha għad-dikjarazzjoni b'fattura li tidentifikah bħallikieku ġiet iffirmata minnu bl-idejn.

6. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1(b), l-użu tad-dikjarazzjoni b'fattura jaqa' taħt il-kondizzjonijiet speċjali li ġejjin:

(a) għandha ssir dikjarazzjoni b'fattura waħda għal kull kunsinna;

(b) jekk l-oġġetti li jkunu jinsabu fil-kunsinna diġà saritilhom il-verifika fil-pajjiż esportatur b'referenza għad-definizzjoni ta' 'prodotti li joriġinaw', l-esportatur jista' jsemmi dan il-kontroll fid-dikjarazzjoni b'fattura.

Id-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel sottoparagrafu ma jeżentawx lill-esportaturi milli jħarsu kull formalità oħra mitluba mir-regolamenti doganali jew tal-posta.

L-Artikolu 90

1. L-awtoritajiet doganali tal-Komunità jistgħu jawtorizzaw lill kull esportatur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ 'esportatur approvat', li jibgħat regolarment bil-bastiment prodotti li joriġinaw fil-Komunità, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 67(2) u li joffri, b'mod li jissodisfa l-awtoritajiet doganali, il-garanziji kollha meħtieġa biex jivverifikaw l-istatus ta' oriġini tal-prodotti kif ukoll li laħaq il-kondizzjonijiet l-oħra mitluba minn din it-taqsima, biex jagħmel dikjarazzjonijiet b'fattura, jkun xi jkun il-valur tal-prodotti konċernati.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu *status* ta' esportatur approvat bla ħsara għall-kondizzjonijiet kollha li jidhrilhom xierqa.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu lill-esportatur ta' l-approvazzjoni numru ta' l-awtorizzazzjoni doganali li għandu jidher fuq id-dikjarazzjoni b'fattura.

4. L-awtoritajiet doganali għandhom jissorveljaw l-użu ta' l-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.

5. L-awtoritajiet doganali jistgħu jiritiraw l-awtorizzazzjoni f'kull ħin. Għandhom jagħmlu hekk meta l-esportatur approvat ma jibqax joffri l-garanziji msemmija fil-paragrafu 1 u ma jilħaqx il-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 jew b'xi mod ieħor jagħmel użu ħażin mill- awtorizzazzjoni.

L-Artikolu 90a

1. Xhieda ta' l-i *status* ta' oriġini tal-prodotti tal-Komunità skond it-tifsira ta' l-Artikolu 67(2) għandu jingħata jew bil-:

(a) produzzjoni ta' ċertifikat ta' moviment ta' EUR.1, li l-kampjun tiegħu huwa muri fl-Anness 21; jew

(b) produzzjoni ta' dikjarazzjoni skond kif imsemmi fl-Artikolu 89.

2. L-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jniżżel 'GSP beneficiary countries' u 'EC', jew 'Pays bénéficiaires du SPG' u 'CE', fil-kaxxa 2 taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsima dwar il-ħruġ, użu u verifika ta' wara taċ-ċertifikati ta' oriġini Formola A għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għaċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 u, ħlief għad-dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ tagħhom, għad-dikjarazzjonijiet b'fattura.

L-Artikolu 90b

1. Prova ta' oriġini hija valida għal 10 xhur mid-data tal-ħruġ fil-pajjiż esportatur, u għandha tingħata f'dan iż-żmien lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li qiegħed jimporta.

2. Provi ta' oriġini mogħtija lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li qed jimporta wara l-aħħar data għall-preżentazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 jistgħu jintlaqaw għall-iskop li jiġu

applikati l-preferenzi ta' tariffa msemmija fl-Artikolu 67, meta n-nuqqas li jingħataw dawn id-dokumenti sad-data mogħtija l-aħħar tiddependi fuq ċirkostanzi mhux tas-soltu.

3. F'każijiet oħrajn ta' preżentazzjoni wara ż-żmien, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li qiegħed jimporta jistgħu jaċċettaw il-provi ta' oriġini meta l-prodotti ntbagħtu qabel id-data msemmija ta' l-aħħar.

4. Fuq it-talba ta' l-importatur u wara li jkunu kkunsidraw il-kondizzjonijiet imfassla mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru li jkun qed jimporta, prova waħda ta' oriġini tista' tingħata lill-awtoritajiet doganali fil-ħin ta' l-importazzjoni ta' l-ewwel kunsinna meta l-oġġetti:

(a) jiġu impurtati fil-qafas ta' xogħol frekwenti u kontinwu tan-negozju ta' valur kummerċjali sinifikanti;

(b) jkunu s-suġġett ta' l-istess kuntratt ta' bejgħ, il-partijiet ta' dan il-kuntratt stabbiliti fil-pajjiż esportatur jew fil-Komunità;

(ċ) jkunu klassifikati fl-istess kodiċi (tmien numri) tan-Nomenklatura Magħquda;

(d) jiġu għal kollox mill-istess esportatur, huma maħsuba għall-istess importatur, u jkunu saru l-oġġett ta' formalitajiet ta' dħul fl-istess uffiċċju doganali fil-Komunità.

Din il-proċedura tapplika għall-kwantitajiet u għal perjodu stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti doganali. Dan il-perjodu ma jista', f'ebda ċirkostanza, jaqbeż it-tliet xhur.

L-Artikolu 90c

1. Il-prodotti mibgħuta bħala pakketti żgħar minn persuni privati lil persuni privati jew li jagħmlu parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi għandhom jiddaħħlu bħala prodotti li joriġinaw li jgawdu mill-preferenzi ta' tariffa msemmija fl-Artikolu 67 mingħajr ma jeħtieġu l-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' oriġini Formola A jew dikjarazzjoni b'fattura, sakemm dawn il-prodotti m'humiex importati biex jiġu negozjati u ġew dikjarati li jilħqu l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' din it-taqsima u fejn ma jkunx hemm dubju dwar il-verità ta' din id-dikjarazzjoni.

2. L-oġġetti importati li huma okkażjonali u jikkonsistu biss fi prodotti għall-użu personali ta' min ikun qed jirċevihom jew vjaġġaturi jew il-familji tagħhom ma jitqisux bħala oġġetti importati biex jiġu nnegozjati jekk ikun jidher ċar min-natura u l-kwantità tal-prodotti li ma hu maħsub ebda skop kummerċjali.

Barra minn dan, il-valur kollu ta' dawn il-prodotti ma jistax jaqbeż il-EURO 500 fil-każ ta' pakketti żgħar u EUR 1 200 fil-każ ta' prodotti li jagħmlu parti mill-bagalji personali ta' xi vjaġġaturi.

L-Artikolu 91

1. Meta japplika l-Artikolu 67(2), (3) jew (4), l-awtoritajiet kompetenti tal-gvern tal-pajjiż benefiċjarju mitluba biex joħorġu ċertifikat ta' oriġini Formola A għal xi prodotti li fil-manifattura tagħhom jintużaw materjali li joriġinaw fil-Komunità, in-Norveġja jew l-Isvizzera jiddependu fuq ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew, fejn jeħtieġ, id-dikjarazzjoni b'fattura.

2. Il-kaxxa 4 taċ-ċertifikat ta' oriġini Formola A maħruġ fil-każijiet imniżżla fil-paragrafu 1 għandu jinsab fiha r-rimarka 'EC cumulation', 'Norway cumulation', 'Switzerland cumulation', jew 'Cumul CE', 'Cumul Norvège', 'Cumul Suisse'.

L-Artikolu 92

Is-sejba ta' differenzi żgħar bejn il-prospetti magħmula fiċ-ċertifikat ta' oriġini Formola A u fiċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew dikjarazzjoni b'fattura, u dawk magħmula fid-dokumenti mogħtija lill-uffiċċju doganali għall-iskop li jsiru l-formalitajiet biex jiġu importati l-prodotti ma jagħmlux iċ-ċertifikat jew dikjarazzjoni *ipso facto* nulli u bla effett jekk jiġi stabbilit sussegwentement li dak id-dokument jaqbel mal-prodotti mibgħuta.

Żbalji formali ovvji bħal żbalji ta' ittajpjar fuq ċertifikat ta' oriġini Formola A, ċertifikat ta' moviment EUR 1 jew fuq dikjarazzjoni b'fattura m'għandhomx iwasslu biex dan id-dokument ma jintlaqax jekk dawn l-iżbalji m'humiex tali li jqajmu dubji dwar l-eżattezza tad-dikjarazzjonijiet magħmula f'dak id-dokument.

Is-Sotto-Taqsima 3

Metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

L-Artikolu 93

1. Il-pajjiżi benefiċjarji għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-indirizzi ta' l-awtoritajiet tal-gvern li jinsabu fit-territorju tagħhom li għandhom il-jedd li joħorġu ċ-ċertifikat ta' oriġini Formola A, flimkien ma' marki kampjun tat-timbri użati minn dawk l-awtoritajiet, u bl-ismijiet u l-indirizzi ta' l-awtoritajiet relevanti tal-gvern li huma responsabbli għall-kontroll taċ-ċertifikati ta' oriġini Formola A u d-dikjarazzjonijiet b'fattura. It-timbri jibqgħu validi mid-data ta' meta jaslu għand il-Kummissjoni l-kampjuni. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-informazzjoni lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri. Meta dawn il-komunikazzjonijiet isiru fil-qafas ta' xi emenda ta' komunikazzjonijiet li jkunu saru qabel, il-Kummissjoni għandha tindika d-data tal-bidu ta' l-użu ta' dawk it-timbri ġodda skond l-ordnijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti tal-gvern tal-pajjiżi benefiċjarji. Din l-informazzjoni hija għall-użu uffiċjali; iżda, meta l-oġġetti

jkunu sejrin jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera, l-awtoritajiet doganali konċernati jistgħu jippermettu lill-impurtatur jew ir-rappreżentant tiegħu li jkun awtorizzat b'dan li jikkonsulta t-timbri kampjun tat-timbri imsemmija f'dan il-paragrafu.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika, fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* (serje 'C'), id-data li fiha l-pajjiżi benefiċjarji ġodda msemmija fl-Artikolu 97 issodisfaw l-obbligi mniżżla fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tibgħat, lill-pajjiżi benefiċjarji, marki kampjun tat-timbri użati mill-awtoritatjiet doganali ta' l-Istati Membri għall-ħruġ taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1.

L-Artikolu 93a

Għall-iskopijiet tad-dispożizzjonijiet dwar il-preferenżi ta' tariffa msemmija fl-Artikolu 67, kull pajjiż benefiċjarju għandu jħares jew jiżgura li jiġu mħarsa r-regoli dwar l-oriġini tal-prodotti, il-mili u l-ħruġ taċ-ċertifikati ta' oriġini Formola A, il-kondizzjonijiet għall-użu tad-dikjarazzjonijiet b'fattura u dawk dwar il-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva.

L-Artikolu 94

1. Verifiki sussegwenti taċ-ċertifikati ta' oriġini Formola A u dikjarazzjonijiet b'fattura għandhom isiru każwalment jew kull meta l-awtoritajiet doganali fil-Komunità għandhom dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità ta' dawn id-dokumenti, l-istatus ta' oriġini tal-prodotti konċernati jew il-ħarsien tal-konidizzjonijiet l-oħra mitluba f'din it-taqsima.

2. Għall-iskopijiet ta' l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali fil-Komunità għandhom jibgħatu lura ċ-ċertifikat ta' oriġini Formola A u l-fattura, jekk ingħatat, id-dikjarazzjoni b'fattura, jew kopja ta' dawn id-dokumenti lill-awtoritajiet kompetenti tal-gvern fil-pajjiż esportatur benefiċjarju u jagħtu fejn hu xieraq, ir-raġunijiet ta' l-inkjesta. Id-dokumenti kollha u l-informazzjoni miksuba li tissuġġerixxi li l-informazzjoni mogħtija dwar il-prova ta' l-oriġini m'hijiex korretta għandhom jintbagħtu bħala appoġġ għat-talba għall-verifika.

Jekk dawn l-awtoritajiet jaqtgħuha li jwaqqfu l-għotja tal-preferenzi ta' tariffa imsemmija fl-Artikolu 67 waqt li jkunu qed jistennew ir-riżultati tal-verifika, ir-rilaxx tal-prodotti għandu jiġi offrut lill-importatur bil-miżuri kawtelatorji kollha li huma meqjusa meħtieġa.

3. Meta l-applikazzjoni għall-verifiki sussegwenti saret b'mod konformi mal-paragrafu 1, din il-verifika għandha ssir u r-riżultati għandhom jiġu mgħoddija lill-awtoritajiet doganali fil-Komunità fi żmien massimu ta' sitt xhur. Ir-riżultati għandhom ikunu b'mod li jistabbilixxu jekk il-prova ta' l-oriġini konċernata tapplikax għall-prodotti li fil-fatt ġew esportati u jekk dawn il-prodotti jistgħux jitqiesu bħala prodotti li oriġinaw fil-pajjiż benefiċjarju jew fil-Komunità.

4. Fil-każ taċ-ċertifikati ta' oriġini Formola A maħruġa b'mod konformi ma' l-Artikolu 91, it-tweġiba għandu jikollha magħha kopja(kopji) taċ-ċertifikat(i) ta' moviment EUR.1 jew, fejn jeħtieġ, tad-dikjarazzjoni(jiet) b'fattura korrispondenti.

5. Jekk f'xi każijiet ta' dubju raġonevoli ma jkunx hemm tweġiba fi żmien is-sitt xhur speċifikati fil-paragrafu 3 jew jekk din it-tweġiba ma jkunx fiha biżżejjed informazzjoni biex tistabbilixxi l-awtentiċità tad-dokument konċernat jew l-oriġini vera tal-prodotti, għandu jintbagħat messaġġ ieħor lill-awtoritajiet kompetenti. Jekk wara t-tieni komunikat ir-riżultati tal-verifika ma jiġux komunikati lill-awtoritajiet li għamlu t-talba fi żmien erba' xhur, jew jekk dawn ir-riżultati ma jippermettux li tiġi stabbilita l-awtentiċità tad-dokument konċernat jew l-oriġini vera tal-prodotti, l-awtoritajiet li qed jagħmlu t-talba għandhom, ħlief f'ċirkostanzi mhux tas-soltu, jirrifjutaw id-dritt għall-preferenzi tat-tariffa.

Id-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel paragrafu japplikaw bejn il-pajjiżi ta' l-istess grupp reġjonali għall-iskopijiet ta' verifika sussegwenti taċ-ċertifikati ta' oriġini Formola A maħruġa b' mod konformi ma' din it-taqsima.

6. Meta l-proċedura ta' verifika jew kull informazzjoni oħra disponibbli jidhru li jindikaw li d-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsima qegħdin jinkisru, il-pajjiż esportatur benefiċjarju għandu, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq it-talba tal-Komunità, jagħmel inkjesti xierqa jew jirranġa biex isiru dawn l-inkjesti bl-urġenza meħtieġa biex jiġi identifikat u evitat dan il-ksur. Għal dan l-iskop, il-Komunità tista' tipparteċipa fl-inkjesti.

7. Għall-iskopijiet ta' verifika sussegwenti taċ-ċertifikati ta' oriġini Formola A, il-kopji taċ-ċertifikati kif ukoll tad-dokumenti kollha ta' esportazzjoni msemmija fihom, għandhom jinżammu għal perjodu minimu ta' tliet snin mill-awtoritjiet kompetenti tal-gvern tal-pajjiż esportatur benefiċjarju.

L-Artikolu 95

L-Artikolu 78(1)(ċ) u l-Artikolu 88 japplikaw biss sakemm in-Norveġja u l-Isvizzera, fil-kuntest tal-preferenzi ta' tariffa mogħtija minnhom lil xi prodotti li joriġinaw f'xi pajjiżi li

qegħdin jiżviluppaw, japplikaw dispożizzjonijiet bħal dawk tal-Komunità.

Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri bl-adozzjoni min-Norveġja u mill-Isvizzera ta' dawn id-dispożizzjonijiet u għandha tinnotifikahom bid-data minn meta d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 78(1)(ċ) u l-Artikolu 88, u d-dispożizzjonijiet bħalhom adottati min-Norveġja u mill-Iżvizzera, huma applikati.

Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw bil-kondizzjoni li l-Komunità, in-Norveġja u l-Isvizzera jkunu għamlu ftehim li jgħid, fost ħwejjeġ oħra, li sejrin jipprovdu lil xulxin bl-għajnuna wieħed lill-ieħor meħtieġa f'dak li huma materji ta' kooperazzjoni amministrattiva.

Is-Sotto-Taqsima 4

Ceuta u Melilla

L-Artikolu 96

1. Il-kelma 'Komunità' użata f'din it-taqsima ma tgħoddx għall-Ceuta u Melilla. It-terminu 'prodotti li joriġinaw fil-Komunità' ma jgħoddx għall-prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla.

2. Din it-Taqsima tapplika *mutatis mutandis* biex tistabbilixxi jekk il-prodotti jistgħux jitqiesu bħala li oriġinaw fil-pajjiż benefiċjarju esporatatur li jgawdi mis-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi meta jiġu impurtati f'Ceuta u Melilla jew li oriġinaw f'Ceuta u Melilla.

3. Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsima dwar il-ħruġ, l-użu u l-verifika sussegwenti ta' ċertifikati ta' oriġini Formola A tapplika *mutatis mutandis* għall-prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla.

5. L-awtoritajiet doganali Spanjoli huma responsabbli għall-applikazzjoni ta' din it-taqsima f'Ceuta u Melilla.

Is-Sotto-Taqsima 5

Dispożizzjoni ta' l-aħħar

L-Artikolu 97

Meta xi pajjiż jew territorju jiddaħħal jew jiddaħħal mill-ġdid bħala pajjiż benefiċjarju fir-rigward ta' prodotti msemmija fir-Regolamenti tal-Kunsill relevanti jew id-Deċiżjoni KEFA, l-oġġetti li joriġinaw f'dak il-pajjiż jew territorju jistgħu jgawdu mis-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi bil-kondizzjoni li reġgħu ġew esportati mill-pajjiż jew territorju benefiċjarju fid-data jew wara d-data msemmija fl-Artikolu 93(2).

It-Taqsima 2

Ir-Repubbliki ta' l-Albanija, Bożnija u Ħerżegovina, u l-Kroazja; dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (għal ċerti nbejjed), ir-Repubblika tas-Slovenja (għal ċerti nbejjed)

Is-Sotto-Taqsima 1

Definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti li joriġinaw

L-Artikolu 98

1. Għall-iskopijiet tad-dispożizzjonijiet dwar preferenzi ta' tariffa mogħtija mill-Komunità lil xi prodotti li joriġinaw fir-Repubbliki ta' l-Albanija, il-Bożnija u l-Ħerżegovina, u l-Kroazja, f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (għal ċerti nbejjed) u r-Repubblika tas-Slovenja (għal ċerti nbejjed) (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa 'repubbliki benefiċjarji'), il-prodotti li ġejjin jitqiesu bħala li joriġinaw f'xi repubblika benefiċjarja:

(a) prodotti miksuba għal kollox f'dik ir-repubblika benefiċjarja bit-tifsira ta' l-Artikolu 99;

(b) prodotti miksuba f'dik ir-repubblika benefiċjarja, li fil-manifattura tagħhom jintużaw prodotti oħra barra dawk li jissemmew f'(a), sakemm dawn il-prodotti jkun għaddew minn biżżejjed xogħol jew ipproċessar skond it-tifsira ta' l-Artikolu 100.

2. Għall-iskopijiet ta' din it-taqsima, il-prodotti li joriġinaw fil-Komunità, skond it-tifsira tal-paragrafu 3, li jgħaddu f'xi repubblika benefiċjarja minn xogħol jew ipproċessar li jmur oltre dak imfisser fl-Artikolu 101 għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw f'dik ir-repubblika benefiċjarja.

3. Il-paragrafu 1 japplika *mutatis mutandis* biex tiġi stabbilita l-oriġini tal-prodotti miksuba fil-Komunità.

L-Artikolu 99

1. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala li nkisbu għal kollox f'xi repubblika benefiċjarja jew fil-Komunità:

(a) prodotti minerali miksuba mis-solidu tiegħu jew minn qiegħ il-baħar tiegħu;

(b) prodotti veġetali maħsuda hemmhekk;

(ċ) annimali ħajjin imwielda u mrobbija hemmhekk;

(d) prodotti minn annimali ħajjin imrobbija hemmhekk;

(e) prodotti miksuba mill-kaċċa jew mis-sajd li sar hemmhekk;

(f) prodotti tas-sajd fil-baħar u prodotti oħra meħuda mill-baħar barra mill-ibħra territorjali minn bastimenti tiegħu;

(g) prodotti magħmula abbord il-bastimenti fabbrika mill-prodotti msemmija f'(f) biss;

(h) artikoli użati miġbura hemmhekk, tajbin biss għal ksib mill-ġdid tal-materji primi;

(i) skart u rimi li jirriżultaw minn xogħol ta' manifattura magħmul hemmhekk;

(j) prodotti miksuba minn qiegħ il-baħar jew minn taħt qiegħ il-baħar li jinsab barra mill-ibħra territorjali iżda fejn ikollu drittijiet esklussivi ta' l-użu;

(k) oġġetti prodotti hemmhekk mill-prodotti speċifikati f'(a) sa (j) biss.

2. It-termini 'il-bastimenti tiegħu' u 'l-bastimenti fabbrika tiegħu' fil-paragrafu 1(f) u (g) japplikaw biss għall-inġenji u għall-bastimenti fabbrika:

— li huma rreġistrati jew irrekordjati fir-repubblika benefiċjarja jew f'xi Stat Membru,

— li jbaħħru taħt il-bandiera ta' xi repubblika benefiċjarja jew ta' xi Stat Membru,

— li huma ta' mill-anqas 50 % propjetà ta' persuni ta' nazzjonalità tar-repubblika benefiċjarja jew ta' l-Istati Membri jew ta' xi kumpanija li għandha l-uffiċċju ewlieni tagħha f'dik ir-repubblika jew f'xi wieħed mill-Istati Membri, li l-maniġer jew maniġers, President tal-Bord tad-Diretturi jew tal-Bord ta' Sorveljanza, u l-maġġoranza tal-membri ta' dawn il-bordijiet huma persuni ta' nazzjonalità ta' dik ir-repubblika benefiċjarja jew ta' l-Istati Membri u li barra minn hekk, fil-każ ta' kumpaniji, mill-anqas nofs il-kapital tagħhom huwa tar-repubblika benefiċjarja jew ta' l-Istati Membri jew ta' xi korporazzjonijiet pubbliċi jew ta' xi persuni ta' nazzjonalità ta' dik ir-repubblika benefiċjarja jew ta' l-Istati Membri.

— li l-kaptan u l-uffiċjali tagħhom huma persuni ta' nazzjonalità tar-Repubblika benefiċjarja jew ta' l-Istati Membri, u

— li mill-anqas 75 % ta' l-ekwipaġġ tagħhom huma persuni ta' nazzjonalità tar-repubblika benefiċjarja jew ta' l-Istati Membri.

3. It-termini 'repubblika benefiċjarja' u 'Komunità' jinkludu wkoll l-ibħra territorjali ta' dik ir-repubblika jew ta' l-Istati Membri.

4. Bastimenti li jaħdmu fl-ibħra mhux territorjali, inklużi bastimenti fabbrika li fuqhom jinħadem jew jiġi pproċessat il-ħut maqbud, għandhom jitqiesu bħala parti mit-territorju tar-repubblika benefiċjarja jew ta' l-Istat Membru li jagħmlu parti minnhom, sakemm jissodisfaw il-kondizzjonijiet imniżżla fil-paragarafu 2.

L-Artikolu 100

Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 98, il-prodotti li m'humiex miksuba għal kollox f'xi repubblika benefiċjarja jew fil-Komunità jitqiesu li huma maħduma jew ipproċessati biżżejjed meta l-kondizzjonijiet imniżżla fil-lista tal-Anness 15 huma ssodisfati.

Dawk il-kondizzjonijiet jindikaw, għall-prodotti kollha li jaqgħu taħt din it-taqsima, ix-xogħol jew l-ipproċesssar li jeħtieġ isir fuq materjali li ma joriġinawx użati fil-manifattura u japplikaw biss fir-rigward ta' dawn il-materjali.

Jekk xi prodott li kiseb l-istatus ta' oriġini billi laħaq il-kondizzjonijiet imniżżla fil-lista jintuża fil-manifattura ta' xi prodott ieħor, il-kondizzjonijiet japplikaw għall-prodott li ġie inkorporat fih u ma japplikawx għalih, u m'għandhom jiġu meqjusa bl-ebda mod il-materjali li ma joriġinawx li setgħu intużaw fil-manifattura tiegħu.

L-Artikolu 101

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, ix-xogħlijiet li ġejjin għandhom jitqiesu li m'humiex xogħol jew ipproċessar biżżejjed biex jagħtu status ta' prodotti li joriġinaw, kemm jekk il-kondizzjonijiet mitluba mill-Artikolu 100 ġew issodisfati u kemm le:

(a) xogħol li jiżgura ż-żamma tal-prodotti f'kondizzjoni tajba waqt it-trasport u l-ħażna (ventilazzjoni, tifrix, tnixxif, tkessiħ, tqegħid fil-melħ, dijossidu tal-kubrit u soluzzjonijiet oħra milwiema, tneħħija ta' partijiet imhassra u xogħlijiet bħal dawn);

(b) xogħlijiet sempliċi li jikkonsistu fit-tneħħija ta' trab, tgħarbil jew tgħażil, għażla, klassifikazzjoni, tqabbil (inkluż it-tiswir ta' settijiet ta' oġġetti), ħasil, żebgħa, tqattigħ;

(ċ) (i) tibdil fl-imballaġġ u tkissir u tgħaqqid ta' pakketti,

(ii) tqegħid sempliċi fi fliexken, fliexken bl-għonq dejjaq, boroż, kaxxetti, kaxex, tqegħid fuq kartuniet jew bordijiet, eċċ., u kull operazzjoni sempliċi oħra ta' imballaġġ;

(d) twaħħil ta' marki, tikketti u sinjali oħra bħal dawn li jiddistingwu fuq il-prodotti jew il-pakketti tagħhom;

(e) taħlit sempliċi ta' prodotti, kemm ta' kwalitajiet differenti kemm le, meta wieħed jew aktar mill-komponenti tat-taħlita ma jilħaqx il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-taqsima biex jippermettilhom li jitqiesu bħala li oriġinaw minn xi repubblika benefiċjarja jew mill-Komunità;

(f) tagħqid sempliċi ta' partijiet biex jagħmlu prodott sħiħ;

(g) tagħqid ta' żewġ operazzjonijiet jew aktar speċifikati f'(a) sa (f);

(h) tbiċċir ta' annimali.

2. L-operazzjonijiet kollha li jsiru jew f'xi repubblika benefiċjarja jew fil-Komunità fuq xi prodott speċifikat għandhom jittieħdu flimkien meta jkun qed jiġi stabbilit jekk ix-xogħol jew l-ipproċessar li għadda minnu dak il-prodott għandux jitqies li mhux biżżejjed skond it-tifsira tal-paragrafu 1.

L-Artikolu 101a

1. L-unità ta' kwalifika biex jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsima għandha tkun il-prodott partikulari li jitqies bħala l-unità bażika meta tiġi stabbilita l-klassifikazzjoni bl-użu tan-Nomenklatura Armonizzata.

Għalhekk, isegwi li:

(a) meta xi prodott magħmul minn xi grupp jew għaqda ta' xi oġġetti huwa kklassifikat skond it-termini tas-Sistema Armonizzata f'intestatura waħda, l-oġġett kollu jagħmel l-unità ta' kwalifika;

(b) meta xi kunsinna tikkonsisti f'numru ta' prodotti identiċi klassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull prodott għandu jittieħed għal rasu meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima.

2. Meta, skond ir-regola ġenerali 5 tas-Sistema Armonizzata, l-ippakkjar jiddaħħal mal-prodott għall-iskopijiet ta' klassifika, għandu jiddaħħal għall-iskopijiet li tiġi stabbilita l-oriġini.

L-Artikolu 102

1. B'deroga mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 100, materjali li ma joriġinawx jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' xi prodott speċifikat, sakemm il-valur kollu tagħhom ma jaqbiżx il-10 % tal-prezz tal-prodott *ex-works*.

Meta, fil-lista, jingħata perċentwal wieħed jew aktar għall-akbar valur ta' materjali li ma joriġinawx, dawn il-perċentwali ma jistgħux jinqabżu bl-applikazzjoni ta' l-ewwel sottoparagrafu.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax għall-prodotti li jaqgħu fil-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

L-Artikolu 103

Aċċessorji, *spare parts* u għodda mibgħuta ma' xi biċċa makkinarju, magna, apparat jew karrozza li jagħmlu parti mill-armar normali u li huma inklużi fil-prezz jew li għalihom m'hemmx fattura separata għandhom jitqiesu bħala ħaġa waħda ma' l-armar, il-magna, l-apparat jew il-karrozza konċernati.

L-Artikolu 104

Settijiet, skond kif definiti fir-regola ġenerali 3 tas-Sistema Armonizzata, jitqiesu li oriġinaw meta l-prodotti kollha li jiffurmawhom ikunu joriġinaw. B'danakollu, meta xi sett ikun jikkonsisti f'xi prodotti li joriġinaw u oħrajn li ma joriġinawx, is-sett kollu jitqies li joriġina sakemm il-valur tal-prodotti li ma joriġinawx ma jaqbiżx il-15 % tal-prezz *ex-works* tas-sett.

L-Artikolu 105

Biex jiġi stabbilit jekk xi prodott huwiex prodott li joriġina, m'hemmx għalfejn jiġi stabbilit l-oriġini ta' dawn li ġejjin li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu:

(a) enerġija u karburanti;

(b) impjant u tagħmir;

(ċ) magni u għodda;

(d) oġġetti li ma jidħlux, u li m'humiex maħsuba li jidħlu, fil-kompożizzjoni finali tal-prodott.

L-Artikolu 106

Il-kondizzjonijiet imniżżla f'din it-taqsima biex jinkiseb l-istatus ta' oriġini għandhom jibqgħu jintlaħqu dejjem fir-repubblika benefiċjarja jew fil-Komunità.

Jekk il-prodotti li joriġinaw esportati mir-repubblika benefiċjarja jew mill-Komunità lejn pajjiż ieħor jintbagħtu lura, għandhom jitqiesu bħala li ma joriġinawx sakemm ma jistax jintwera b'mod li jissodisfa l-awtoritajiet kompetenti li:

— il-prodotti li ntbagħtu lura huma l-istess li ġew esportati, u

— m'għaddew minn ebda xogħol ulterjuri aktar milli huwa meħtieġ biex jinżammu f'kondizzjoni tajba meta jkunu f'dak il-pajjiż jew waqt li jkunu qegħdin jiġu esportati.

L-Artikolu 107

1. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala li ġew trasportati direttament mir-repubblika benefiċjarja lejn il-Komunità jew mill-Komunità lejn ir-repubblika benefiċjarja:

(a) prodotti trasportati mingħajr ma jgħaddu mit-territorju ta' ebda pajjiż ieħor;

(b) prodotti li jiffurmaw kunsinna waħda trasportata minn ġewwa t-territorju ta' pajjiżi li m'humiex ir-repubblika benefiċjarja jew il-Komunità, permezz ta', jekk tinqala' l-okkażjoni, ġarr bil-baħar jew ħażna temporanja f'dawk il-pajjiżi, sakemm il-prodotti jibqgħu taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet doganali fil-pajjiż li jgħaddu minnu jew fejn jinħażnu u ma jsirilhomx xogħol ieħor ħlief li jinħattu, jitgħabbew mill-ġdid jew xi xogħol ieħor intenzjonat biex jinżammu f'kondizzjoni tajba;

(ċ) prodotti li jiġu trasportati minn ġo xi *pipeline* bla waqfien minn ġewwa xi territorju ieħor li mhux dak tar-repubbllika benefiċjarja li tkun qiegħda tesporta jew tal-Komunità.

2. Xhieda li l-kondizzjonijiet imniżżla fil-paragrafu 1(b) ġew milħuqa għandha tingħata lill-awtoritajiet kompetenti doganali billi jingħataw:

(a) dokument wieħed ta' trasport li jkopri l-passaġġ mill-pajjiż li jkun qiegħed jesporta minn gewwa l-pajjiż li jgħaddi minnu; u

(b) ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jgħaddi minnu:

— li jagħti deskrizzjoni eżatta tal-prodotti,

— li jagħti d-dati ta' meta tħattew u reġgħu tgħabbew il-prodotti u, fejn japplika, l-ismijiet tal-bastimenti, jew il-mezzi l-oħra tat-trasport użati, u

— li jattesta l-kondizzjonijiet li taħthom il-prodotti baqgħu fil-pajjiż li għaddew minnu;

(ċ) jew, jekk dan ma jistax isir, kull dokument ieħor ta' prova.

L-Artikolu 108

1. Il-prodotti li joriġinaw, mibgħuta minn xi repubblika benefiċjarja għall-wiri f'xi pajjiż ieħor u mibjugħa wara l-wirja għall-importazzjoni fil-Komunità, igawdu meta jiġu importati mill-preferenzi tat-tariffa msemmiija fl-Artikolu 98, sakemm jissodisfaw il-kondizzjonijiet mitluba f'din it-taqsima li tagħtihom id-dritt li jingħarfu bħala li oriġinaw minn dik ir-repubblika benefiċjarja u sakemm jintwera b'mod li jissodisfa l-awtoritajiet kompetenti doganali tal-Komunità li:

(a) l-esportatur ikkunsinna l-prodotti mir-repubblika benefiċjarja direttament lejn il-pajjiż li fih ssir il-wirja u li wrihom hemmhekk;

(b) il-prodotti nbiegħu jew ġew mgħoddija b'xi mod ieħor minn dak l-esportatur lil xi persuna fil-Komunità;

(ċ) il-prodotti ġew ikkunsinnati waqt il-wirja jew minnufih warajha lill-Komunità fl-istat li ntbagħtu għall-wirja;

(d) il-prodotti, minn meta ġew ikkunsinnati għall-wirja, ma ntużawx għal xi skop ieħor li mhux dak li jintwerew fil-wirja.

2. Ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jingħata lill-awtoritajiet doganali tal-Komunità b'mod normali. L-isem u l-indirizz tal-wirja għandhom jitniżżlu fuqu. Fejn huwa meħtieġ, tista' tintalab iżjed xhieda dokumentarja dwar in-natura tal-prodotti u l-kondizzjonijiet li ntwerew taħthom.

3. Il-paragrafu 1 japplika għal kull wirja kummerċjali, industrijali, tal-biedja jew tas-snajja, fiera jew wirja pubblika ta' din ix-xorta jew mostra li m'hijiex organizzata għal skopijiet privati fi ħwienet jew postijiet tan-negozju bil-għan li jinbiegħu prodotti ta' barra, u li waqthom il-prodotti jibqgħu taħt il-kontroll ta' l-awtoritajiet doganali.

Subsezzjoni

Prova ta' l-oriġini

L-Artikolu 109

Il-prodotti li joriġinaw fir-repubblika benefiċjarja jgawdu mill-preferenzi tat-tariffa msemmija fl-Artikolu 98, meta jagħtu jew:

(a) ċertifikat ta' moviment EUR.1, li jidher kampjun tiegħu fl-Anness 21, jew

(b) fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 116(1), dikjarazzjoni, li t-test tagħha jidher fl-Anness 22, mogħtijamill-esportatur

fuq fattura, nota tal-kunsinna jew xi dokument kummerċjali ieħor li jiddiskrivi l-prodotti konċernati f'biżżejjed dettal biex jippermettu li jingħarfu (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa 'dikjarazzjoni b'fattura').

(a) ĊERTIFIKAT TA' MOVIMENT EUR.1

L-Artikolu 110

1. Il-prodotti li joriġinaw skond it-tifsira ta' din it-taqsima għandhom id-dritt, meta jiġu importati fil-Komunità, li jgawdu mill-preferenzi tat-tariffa msemmija fl-Artikolu 98, sakemm ġew trasportati direttament skond it-tifsira ta' l-Artikolu 107, wara li jingħata iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 maħruġ mid-dwana jew minn xi awtoritajiet oħra kompetenti tal-gvern ta' l-Albanija, il-Bożnijau Ħerżegovina, il-Kroazja, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja jew l-Islovenja, bil-kondizzjoni li dawk ir-repubbliki benefiċjarji:

— għaddew lill-Kummissjoni l-informazzjoni mitluba mill-Artikolu 121, u

— jgħinu lill-Komunità billi jippermettu lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri jivverifikaw l-awtentiċità taddokument jew l-eżattezza ta' l-informazzjoni dwar l-oriġini vera tal-prodotti konċernati.

2. Ċertifikat ta' moviment EUR.1 jista' jinħareġ biss meta jista' jservi bħala xhieda dokumentarja mitluba għall-iskopijiet tal-preferenzi ta' tariffa msemmija fl-Artikolu 98.

3. Ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jinħareġ biss wara applikazzjoni bil-miktub mill-esportatur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. Din l-applikazzjoni għandha ssir fuq formola, li jidher kampjun tagħha fl-Anness 21, li għandha timtela b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din is-sotto-taqsima.

L-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandhom jinżammu għal perjodu minimu ta' tliet snin mill-awtoritajiet kompetenti tar-repubblika benefiċjarja jew l-Istat Membru esportatur.

4. L-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jagħti ma' l-applikazzjoni tiegħu dokumenti xierqa ta' appoġġ li jippruvaw li l-prodotti li sejrin jiġu esportati jikkwalifikaw għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1.

L-esportatur għandu jimpennja ruħu li jagħti, fuq talba ta' l-awtoritajiet kompetenti, kull xhieda supplimentari li jistgħu jeħtieġu għall-iskop li jistabbilixxu l-korrettezza ta' l-istatus ta' oriġini tal-prodotti li għandhom id-dritt għal trattament preferenzjali u għandu jimpenja ruħu li jaċċetta kull spezzjoni tal-kontijiet tagħhom u kull kontroll mill-istess awtoritajiet taċ-ċirkostanzi li fihom inkisbu l-prodotti.

5. Iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-gvern tar-repubbliki benefiċjarji jew mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru li qiegħed jesporta, jekk il-prodotti li sejrin jiġu esportati jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw skond it-tifsira ta' din it-taqsima.

6. Minħabba li ċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 jikkostitwixxi xhieda dokumentarja għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti preferenzjali mniżżla fl-Artikolu 98, hija r-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-gvern tar-repubblika benefiċjarja jew l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru li qiegħed jesporta biex jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jivverifikaw l-oriġini tal-prodotti u biex jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet l-oħra kollha mniżżla fiċ-ċertifikat.

7. Għall-iskop li jivverifikaw jekk il-kondizzjonijiet imniżżla fil-paragrafu 5 ġewx issodisfati, l-awtoritajiet kompetenti tal-gvern tar-repubblika benefiċjarja jew l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru li qiegħed jesporta għandhom id-dritt li jitolbu kull xhieda dokumentarja jew li jwettqu kull kontroll li jidhrilhom li huwa xieraq.

8. Hija r-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-gvern tar-repubblika benefiċjarja jew ta' l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru esportatur li jiżguraw li l-formoli msemmija fil-paragrafu 1 jimtlew kif imiss.

9. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandha titniżżel fil-parti taċ-ċertifikat riservata għall-awtoritajiet doganali.

10. Iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti tar-repubblika benefiċjarja jew mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru li qiegħed jesporta meta l-prodotti li għandu x'jaqsam magħhom jiġu esportati. Għandu jkun disponibbli għall-esportatur malli ssir jew tiġi żgurata l-esportazzjoni.

L-Artikolu 111

Meta, fuq talba ta' l-importatur u bil-kondizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li qiegħed jimporta, il-prodotti żarmati jew mhux immuntati skond it-tifisra tar-regola ġenerali 2(a) tas-Sistema Armonizzata u li jaqgħu taħt it-Taqsima XVI jew XVII jew taħt l-intestatura Nru 7308 jew 9406 tas-Sistema Armonizzata jiġu importati biċċa biċċa, prova waħda ta' oriġini għal dawn il-prodotti għandha tingħata lill-awtoritajiet doganali meta tiġi importata l-ewwel kunsinna.

L-Artikolu 112

Il-provi ta' l-oriġini għandhom jingħataw lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru li qed jimporta b'mod konformi mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 62 tal-Kodiċi. L-awtoritajiet imsemmija jistgħu jitolbu prova ta' l-oriġini u jistgħu jitolbu wkoll li d-dikjarazzjoni ta' l-importazzjoni jkun hemm magħha dikjarazzjoni mill-importatur li tgħid li l-prodotti jissodisfaw il-kondizzjonijiet mitluba biex tiġi applikata din it-taqsima.

L-Artikolu 113

1. B'deroga mill-Artikolu 110(10), ċertifikat ta' moviment EUR.1 jista' f'każijiet mhux tas-soltu jinħareġ wara li jiġu esportati l-prodotti li għandu x'jaqsam magħhom jekk:

(a) ma nħariġx fiż-żmien ta' l-esportazzjoni minħabba żbalji jew nuqqasijiet involontarji jew ċirkostanzi speċjali; jew

(b) jintwera b'mod li jissodisfa lill-awtoritajiet kompetenti li nħareġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 iżda dan ma' ġiex aċċettat fil-ħin ta' l-importazzjoni minħabba raġunijiet tekniċi.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħorġu ċertifikat ta' moviment EUR.1 b'lura biss jekk wara li jivverifkaw li l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni ta' l-esportatur taqbel ma' dik fil-fajl ta' l-esportazzjoni korrispondenti u li ċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 li jissodisfa d-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsima ma nħariġx meta l-prodotti konċernati ġew esportati.

3. Iċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġa b'lura għandhom jiġu attestati b'waħda mill-frażijiet li ġejjin:

— 'EXPEDIDO *A POSTERIORI*',

— 'UDSTEDT EFTERFØLGENDE',

— 'NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT',

— 'ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ',

— 'ISSUED RETROSPECTIVELY',

— 'DÉLIVRÉ A POSTERIORI',

— 'RILASCIATO A POSTERIORI',

— 'AFGEGEVEN A POSTERIORI',

— 'EMITIDO *A POSTERIORI*',

— 'ANNETTU JÄLKIKÄTEEN',

— 'UTFÄRDAT I EFTERHAND'.

4. L-attestazzjoni imsemmija fil-paragrafu 3 għandha tiddaħħal fil-kaxxa tar-'Rimarki' taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1.

L-Artikolu 114

1. Fil-każ li jinsteraq, jintilef jew jinqered xi ċertifikat ta' moviment EUR.1, l-esportatur jista' japplika lill-awtoritajiet kompetenti li jkunu ħarġuh, biex jinħareġ ieħor bħalu fuq il-bażi tad-dokumenti ta' l-esportazzjoni li jkollhom f'idejhom.

2. Id-duplikat maħruġ b'dan il-mod għandu jiġi attestat b'waħda mill-kelmiet li ġejjin:

— 'DUPLICADO',

— 'DUPLIKAT',

— 'DUPLIKAT',

— 'ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ',

— 'DUPLICATE',

— 'DUPLICATA',

— 'DUPLICATO',

— 'DUPLICAAT',

— 'SEGUNDA VIA',

— 'KAKSOISKAPPALE',

— 'DUPLIKAT'.

3. L-attestazzjoni imsemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddaħħal fill-kaxxa tar-'Rimarki' taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1.

4. Id-duplikat li għandu jkollu d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' moviment oriġinali, jibda jkollu effett minn dik id-data.

L-Artikolu 115

Meta xi prodotti li joriġinaw jitqiegħdu taħt il-kontroll ta' l-uffiċju doganali fil-Komunità, għandu jkun possibbli li l-prova oriġinali ta' l-oriġini tinbidel b'ċertifikat ta' moviment EUR.1 wieħed jew aktar għall-iskop li jintbagħtu dawk il-prodotti kollha jew xi parti minnhom xi mkien ieħor fil-Komunità. Iċ-ċertifikat(i) ta' moviment EUR.1 li jeħodlu(jeħdulu) postu jinħareġ mill-uffiċċju doganali li taħt il-kontroll tiegħu jitqiegħdu l-prodotti.

(b) DIKJARAZZJONI B'FATTURA

L-Artikolu 116

1. Id-dikjarazzjoni b'fattura tista' tinħareġ:

(a) minn xi esportatur approvat tal-Komunità skond it-tifsira ta' l-Artikolu 117, jew

(b) minn kull esportatur għal kull kunsinna li tikkonsisti f'pakkett wieħed jew aktar li jkun fihom prodotti li joriġinaw li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx is-6 000 EURO, u bil-kondizzjoni li l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 110(1) tapplika għal din il-proċedura.

2. Dikjarazzjoni b'fattura tista' tinħareġ jekk il-prodotti konċernati jistgħu jitqiesu bħala li oriġinaw fil-Komunità jew f'xi repubblika benefiċjarja u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet l-oħra mitluba minn din it-taqsima.

3. L-esportatur li jagħmel id-dikjarazzjoni b'fattura għandu jkun lest li jagħti f'kull ħin, fuq it-talba ta' l-awtoritajiet doganali jew l-awtoritajiet oħra kompetenti tal-gvern tal-pajjiż esportatur, kull dokument xieraq li jipprova l-istatus ta' oriġini tal-prodotti konċernati kif ukoll li ġew isodisfati l-kondizzjonijiet l-oħra mitluba minn din it-taqsima.

4. Id-dikjarazzjoni b'fattura għandha ssir mill-esportatur billi jittajpja, jittimbra jew jistampa fuq il-fattura, in-nota tal-kunsinna jew dokument kummerċjali ieħor, id-dikjarazzjoni, li t-test tagħha jidher fl-Anness 22, u juża waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi mniżżla f'dak l-Anness u b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika tal-pajjiż esportatur. Jekk id-dikjarazzjoni tkun miktuba bl-idejn, għandha tinkiteb bl-inka, b'ittri stampati.

5. Id-dikjarazzjonijiet b'fattura għandu jkollhom il-firma oriġinali ta' l-esportatur miktuba bl-idejn. Madanakollu, esportatur approvat skond it-tifsira ta' l-Artikolu 117 m'għandux bżonn jiffirma dawn id-dikjarazzjonijiet kemm-il darba jagħti lill-awtoritajiet doganali impenn bil-miktub li jaċċetta r-responsabbiltà kollha għal kull dikjarazzjoni b'fattura li tidentifikah daqs li kieku kienet iffirmata bl-idejn minnu.

6. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1(b), l-użu tad-dikjarazzjoni b'fattura jaqa' taħt il-kondizzjonijiet speċjali li ġejjin:

(a) trid issir dikjarazzjoni b'fattura għal kull kunsinna;

(b) jekk l-oġġetti li jkunu jinsabu fil-kunsinna diġà jkunu għaddew minn verifika fil-pajjiż esportatur b'referenza għad-definizzjoni ta' 'prodotti li joriġinaw', l-esportatur jista' jirreferi għal dan il-kontroll fid-dikjarazzjoni b'fattura.

Id-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel sottoparagrafu ma jeżentawx lill-esportaturi milli jaderixxu ma' kull formalità oħra mitluba mir-regolamenti doganali jew tal-posta.

L-Artikolu 117

1. L-awtoritajiet doganali fil-Komunità jistgħu jawtorizzaw lil kull esportatur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ 'l-esportatur approvat', biex jibgħat ta' sikwit bil-baħar prodotti li joriġinaw fil-Komunità skond it-tifisira ta' l-Artikolu 98(2), u li joffri, b'mod li jissodisfa l-awtoritajiet doganali, il-garanziji kollha meħtieġa biex jivverifikaw l-istatus ta' oriġini tal-prodotti kif ukoll li ntlaħqu l-kondizzjonijiet l-oħra mitluba minn din it-taqsima, biex jagħmlu d-dikjarazzjonijiet b'fattura, ikun x'ikun il-valur tal-prodott konċernat.

2. L-awtorijitajiet doganali jistgħu jagħtu status ta' esportatur approvat taħt il-kondizzjonijiet kollha li jidhrilhom xierqa.

3. L-awtorjitajiet doganali għandhom jassenjaw lill-esportatur approvat numru ta' l-awtorizzazzjoni doganali li għandu jidher fid-dikjarazzjoni b'fattura.

4. L-awtoritajiet doganali għandhom jissorveljaw l-użu ta' l-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.

5. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni f'kull ħin. Dan għandhom jagħmluh meta l-esportatur approvat ma jibqax joffri l-garanziji msemmija fil-paragrafu 1 jew ma jħarisx il-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, jew b'xi mod ieħor jagħmel użu ħażin mill-awtorizzazzjoni.

L-Artikolu 118

1. Il-prova ta' l-oriġini hija valida għal erba' xhur mid-data tal-ħruġ fil-pajjiż esportatur, u għandha tingħata f'dan il-perjodu lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li qed jimporta.

2. Provi ta' l-oriġini li jingħataw lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li qed jimporta wara l-aħħar data għall-preżentazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 jistgħu jintlaqgħu għall-iskop li jiġu applikati l-preferenzi ta' tariffa msemmija fl-Artikolu 98, meta n-nuqqas li jingħataw dawn id-dokumenti sad-data ta' l-aħħar imsemmija kien minħabba xi ċirkostanzi mhux tassoltu.

3. F'każijiet oħra ta' preżentazzjoni wara ż-żmien, l-awtoritatjiet doganali tal-pajjiż li qed jimporta jistgħu jilqgħu l-provi ta' l-oriġini meta l-prodotti ngħataw qabel din id-data ta' l-aħħar.

4. Fuq it-talba ta' l-importatur u wara li jiġu kkunsidrati l-kondizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru li jkun qed jimporta, prova waħda ta' oriġini tista' tingħata lill-awtoritajiet doganali fil-waqt ta' l-importazzjoni ta' l-ewwel kunsinna meta l-oġġetti:

(a) ikunu impurtati fil-qafas ta' tkattir tan-negozju ta' sikwit u kontinwu ta' valur kummerċjali sinifikanti;

(b) ikunu mdaħħla fl-istess kuntratt ta' bejgħ, il-partijiet ta' dan il-kuntratt stabbiliti fil-pajjiż esportatur jew fil-Komunità;

(ċ) huma klassifikati taħt l-istess kodiċi (tmien ċifri) tan-Nomenklatura Magħquda;

(d) jiġu biss mingħand l-istess esportatur, huma maħsuba għall-istess importatur, u jgħaddu mill-formalitajiet ta' dħul ta' l-istess uffiċċju doganali fil-Komunità.

Din il-proċedura tapplika għall-kwantitajiet u għall-perjodi stabbiliti mill-awtoritajiet doganali kompetenti. Dan il-perjodu ma jistax, f'ebda ċirkostanza, jaqbeż it-tliet xhur.

L-Artikolu 119

1. Prodotti mibgħuta f'pakketti żgħar minn persuna privata lil nies privati jew li jagħmlu parti mill-bagalji personali ta' vjaġġatur huma meqjusa bħala prodotti li joriġinaw li jibbenefikaw mill-preferenzi ta' tariffa msemmija fl-Artikolu 98 mingħajr il-bżonn li jingħata ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew dikjarazzjoni b'fattura, sakemm dawn il-prodotti m'humiex importati għal skopijiet ta' negozju u ġew dikjarati li jissodisfaw il-kondizzjonijiet mitluba biex tiġi applikata din it-taqsima, u meta m'hemm ebda dubju dwar il-verità ta' din id-dikjarazzjoni.

2. L-importazzjoni li ssir kultant u li tikkonsisti biss fi prodotti għall-użu personali ta' min jirċevihom jew vjaġġaturi jew il-familji tagħhom ma jitqisux bħala oġġetti importati għal skop ta' negozju jekk jidher ċar min-natura u l-kwantità tal-prodotti li m'hemm ebda skop kummerċjali maħsub.

Barraminnhekk, il-valur totali tal-prodotti m'għandux jaqbeż il-EUR 500 fil-każ ta' pakketti żgħar u l-EUR 1 200 fil-każ ta' prodotti li jagħmlu parti mill-bagalji personali ta' vjaġġatur.

L-Artikolu 120

Is-sejba ta' differenzi żgħar bejn dak li tniżżel fil-prova ta' oriġini u dak imniżżel fid-dokumenti mogħtija lill-uffiċċju doganali bl-iskop li jsiru l-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti ma jagħmilx il-prova ta' l-oriġini *ipso facto* nulla jekk jiġi stabbilit f'waqtu li d-dokument ma jikkorispondix mal-prodotti mogħtija.

Żbalji formali ovvji bħal żbalji ta' ttajpjar fuq prova ta' oriġini m'għandhomx iwasslu biex dan id-dokument jiġi irrifjutat jekk dawn l-iżbalji m'humiex tali li jqajmu dubji dwar ir-reqqa tad-dikjarazzjonijiet magħmula f'dak id-dokument.

Is-Sotto-Taqsima 3

Metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

L-Artikolu 121

1. Ir-repubbliki benefiċjarji għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-indirizzi ta' l-awtoritajiet tal-gvern li jinsabu fit-territorju tagħhom li għandhom id-dritt li joħorġu ċertifikati ta' moviment EUR.1, flimkien ma' kampjuni stampati tat-timbri użati minn dawk l-awtoritajiet, u l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-awtoritajiet relevanti tal-gvern li huma responsabbli għall-kontroll taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 u d-dikjarazzjonijiet b'fattura. It-timbri huma validi mid-data li fiha l-Kummissjoni jaslulha l-kampjuni. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri. Meta dawn il-komunikazzjonijiet isiru fil-qafas ta' xi emenda għall-komunikazzjonijiet li saru qabel, il-Kummissjoni għandha tindika d-data tad-dħul ta' l-użu ta' dawk it-timbri ġodda skond l-ordnijiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti tal-gvern tar-repubbliki benefiċjarji. Din l-informazzjoni hija għall-użu uffiċjali; iżda meta l-oġġetti jkunu sejrin jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, l-awtoritajiet doganali konċernati jistgħu jippermettu lill-importatur jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għal dan li jikkonsulta t-timbri kampjuni tat-timbri msemmija f'dan il-paragrafu.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat, lir-repubbliki benefiċjarji, il-marki kampjun tat-timbri użati mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri għall-ħruġ taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1.

L-Artikolu 122

1. Il-verifiki sussegwenti taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 u ta' dikjarazzjonijiet b'fattura isiru każwalment jew kull meta l-awtoritajiet doganali fl-Istat Membru li jkun qiegħed jimporta jew l-awtoritajiet kompetenti tal-gvern tar-repubblika benefiċjarja jkollhom dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità tad-dokumenti, l-istatus ta' oriġini tal-prodotti konċernati jew jekk ġewx issodisfati l-kondizzjonijiet l-oħra mitluba minn din it-taqsima.

2. Għall-iskopijiet ta' l-implimentazzjoni tad-disposizzjoniiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li jkun qiegħed jimporta jew ir-repubblika benefiċjarja għandhom jibagħtu lura ċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 u l-fattura, jekk tkun ingħatat, id-dikjarazzjoni b'fattura, jew kopja ta' dawn id-dokumenti, lill-awtoritatjiet kompetenti fir-repubblika benefiċjarja li qiegħda tesporta jew l-Istat Membru, u jagħtu, fejn ikun xieraq, ir-raġunijiet għat-talba. Kull dokument u informazzjoni miksuba li jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija dwar il-prova ta' l-oriġini hija żbaljata għandhom jintbagħtu bħala appoġġ għat-talba għall-verifika.

Jekk l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru li qiegħed jimporta jiddeċiedu li jżommu l-għotja tal-preferenzi ta'tariffa

msemmija fl-Artikolu 98 waqt li jkunu qegħdin jistennew ir-riżultati tal-verifika, ir-rilaxx tal-prodotti għandu jiġi offrut lill-importatur bla ħsara għall-miżuri kollha kawtelatorji meqjusa li huma meħtieġa.

3. Meta xi applikazzjoni għall-verifika sussegwenti tkun saret b'mod konformi mal-paragrafu 1, din il-verifika għandha ssir u r-riżultati għandhom jintbagħtu lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri importaturi jew l-awtoritajiet kompetenti tal-gvern tar-repubblika benefiċjarja importatriċi sa mhux aktar tard minn sitt xhur. Ir-riżultati għandhom ikunu hekk li jistabilixxu jekk il-prova ta' l-oriġini konċernata tapplikax għall-prodotti li fil-fatt ġew esportati u jekk dawn il-prodotti jistgħux jitqiesu bħala li oriġinaw fir-repubblika benefiċjarja jew fil-Komunità.

4. Jekk f'każijiet ta' dubju raġonevoli ma jkunx hemm tweġiba fi żmien is-sitt xhur speċifikati fil-paragrafu 3 jew jekk it-tweġiba ma jkunx fiha biżżejjed informazzjoni biex tistabbilixxi l-awtenticità tad-dokument konċernat jew il-veru oriġini tal-prodotti, għandu jintbagħat komunikat ieħor lill-awtoritajiet kompetenti. Jekk wara t-tieni komunikat ir-riżultati tal-verifika ma jintbagħtux lill-awtoritajiet li għamlu t-talba fi żmien erba' xhur, jew jekk dawn ir-riżultati ma jippermettux li l-awtenticità tad-dokument konċernat jew il-veru oriġini tal-prodotti jiġu stabbiliti, l-awtoritajiet li jkunu qegħdin jagħmlu t-talba għandhom, ħlief f'ċirkostanzi mhux tas-soltu, jirrifjutaw id-dritt għall-preferenzi tat-tariffa.

5. Meta l-proċedura tal-verifika jew kull informazzjoni oħra disponibbli tidher li tindika li d-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsima nkisru, ir-repubblika benefiċjarja esportatriċi għandha, minn rajha jew fuq talba tal-Komunità, tagħmel l-investigazzjonijiet xierqa jew tirranġa biex isiru dawn l-investigazzjonijiet bl-urġenza li jkun hemm bżonn biex tidentifika u tipprevieni dan il-ksur. Għal dan l-iskop, il-Komunità tista' tipparteċipa fl-investigazzjonijiet.

6. Għall-iskopijiet tal-verifika sussegwenti taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1, għandhom jinżammu kopji taċ-ċertifikati kif ukoll tad-dokumenti ta' l-esportazzjoni li għandhom x'jaqsmu magħhom għal perjodu minimu ta' tlett snin mill-awtoritajiet kompetenti tal-gvern tar-repubblika benefiċjarja esportatriċi jew mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru esportatur.

Is-Sotto-Taqsima 4

Ċeuta u Melilla

L-Artikolu 123

1. Il-kelma 'Komunità' użata f'din it-taqsima ma tapplikax għal Ceuta u Melilla. Il-kliem prodotti li joriġinaw fil-Komunità ma japplikax għall-prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla.

2. Din it-taqsima għandha tapplika *mutatis mutandis* biex tistabbilixxi jekk il-prodotti jistgħux jitqiesu bħala li joriġinaw fir-repubbliki benefiċjarji esportaturi li jgawdu mill-preferenzi meta importati f'Ceuta u Melilla jew li oriġinaw f'Ceuta u Melilla.

3. Ceuta u Melilla għandhom jittieħdu bħala territorju wieħed.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsima dwar il-ħruġ, l-użu u l-verifika sussegwenti taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla.

5. L-awtoritajiet doganali Spanjoli huma responsabbli biex japplikaw din it-taqsima f'Ceuta u Melilla.

---

(1) Bid-dħul fis-seħħ fl-1.9.1999.
(2) Bid-dħul fis-seħħ fl-1.7.2000.
(3) Il-Kummissjoni għandha tippubblika fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* (serje C) id-data li fiha dawn il-pajjiżi jkunu ssodisfaw l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 72b."

6. Fl-Artikolu 237(1) u (4), il-kliem "C1" u "C2/CP3" huwa mibdul b'"NM22" u "NM23" rispettivament.

7. Fi "Il-Parti I, Dwana — trattament jew użu approvat, it-titolu I, Rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera", il-Kapitolu 2 (L-Artikoli 291 sa 308) huwa mibdul b'dan li ġej:

"IL-KAPITOLU 2

L-użu finali

L-Artikolu 291

1. Dan il-Kapitolu japplika fejn huwa stipulat li l-oġġetti rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera bi trattament ta' tariffa favorevoli jew b'rata ta' dazju mnaqqsa jew żero minħabba fl-użu finali tagħhom jaqgħu taħt is-sorveljanza doganali ta' l-użu finali.

2. Għall-iskopijiet ta' dan il-kapitolu:

(a) 'awtorizzazzjoni waħda' tfisser: awtorizzazzjoni li tinvolvi amministrazzjonijiet doganali differenti;

(b) 'kontijiet' tfisser: il-materjal kummerċjali, ta' taxxa jew ta' kontabilità, tad-detentur, jew informazzjoni ta' din ix-xorta miżmuma f'isimhom;

(ċ) 'rekords' ifisser: l-informazzjoni li fiha t-tagħrif u d-dettalji tekniċi kollha meħtieġa fuq kull mezz ikun liema jkun, li tippermetti lill-awtoritajiet doganali li jissorveljaw u jikkontrollaw ix-xogħol.

L-Artikolu 292

1. L-għoti ta' trattament favorevoli ta' tariffa b'mod konformi ma' l-Artikolu 21 tal-Kodiċi għandu, fejn huwa stabbilit li

l-oġġetti jaqgħu taħt is-sorveljanzi doganali ta' l-użu finali, jaqgħu taħt awtorizzazzjoni bil-miktub.

Meta l-oġġetti jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera b'rata ta' dazju mnaqqsa jew żero minħabba l-użu finali tagħhom u d-dispożizzjonijiet li jkun hemm fis-seħħ jitolbu li l-oġġetti jibqgħu taħt is-sorveljanza doganali b'mod konformi ma' l-Artikolu 82 tal-Kodiċi, hija meħtieġa awtorizzazzjoni bil-miktub għall-iskopijiet tas-sorveljanzi doganali ta' l-użu finali.

2. L-applikazzjonijiet għandhom isiru bil-miktub bl-użu tal-mudell imniżżel fl-Anness 67. L-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu li l-applikazzjoni għat-tiġdid jew bdil issir sempliċement permezz ta' talba bil-miktub.

3. F'ċirkostanzi partikolari l-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu li d-dikjarazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni libera bil-miktub jew permezz ta' metodi ta' teknika ta' ipproċessar ta' l-informazzjoni bl-użu tal-proċedura normali tkun tfisser applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, sakemm:

— l-applikazzjoni jkun fiha biss fattura għal amminstrazzjoni doganali waħda,

— l-applikant iqiegħed l-oġġetti għal kollox għal użu finali msemmi, u

— il-ġestjoni tajba tax-xogħol hija mħarsa.

4. Meta l-awtoritajiet doganali jqisu li xi informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni m'hijiex biżżejjed, jistgħu jitolbu aktar dettalji mingħand l-applikant.

B'mod speċjali, f'każijiet fejn tista' ssir applikazzjoni billi ssir dikjarazzjoni doganali, l-awtoritajiet doganali għandhom jitolbu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 218, li l-applikazzjoni jkun hemm magħha dokument magħmul mid-dikjarant li tkun tinsab fih ta' mill-inqas l-informazzjoni li ġejja sakemm din l-informazzjoni ma titqiesx bħala li m'hijiex meħtieġa jew tkun ddaħħlet fid-dikjarazzjoni doganali:

(a) isem u l-indirizz l-applikant, id-dikjarant u l-operatur;

(b) in-natura ta' l-użu finali;

(ċ) deskrizzjoni teknika ta' l-oġġetti, prodotti li jirriżultaw mill-użu finali tagħhom u l-mod kif jiġu identifikati;

(d) ir-rata tal-produzzjoni mistennija jew il-metodu li bih għandha tiġi stabbilita dik ir-rata;

(e) il-perjodu li fih huwa mistenni li l-oġġetti jiġu assenjati għall-użu finali tagħhom;

(f) il-post fejn l-oġġetti jitqiegħdu għall-użu finali.

5. Meta ssir applikazzjoni għal awtorizzazzjoni waħda, jeħtieġ ftehim ta' l-awtoritajiet minn qabel skond il-proċedura li ġejja.

L-applikazzjoni għandha tingħata lill-awtoritajiet doganali nominati għall-post

— meta l-kontijiet ewlenija jinżammu biex jitħaffu l-kontrolli bbażati fuq il-verifika, u meta ssir ta' mill-anqas parti mix-xogħlijiet li jaqgħu taħt l-awtorizzazzjoni; jew

— f'każijiet oħra, meta l-oġġetti jiġu assenjati għall-użu finali ordnat.

Dawn l-awtoritajiet doganali għandhom jgħaddu l-applikazzjoni u l-abbozz ta' l-awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet doganali l-oħra interessati, li għandhom jagħrfu d-data meta rċevewhom fi żmien 15-il jum.

L-awtoritajiet doganali l-oħra interessati għandhom jinnotifikaw kull oġġezzjoni fi żmien 30 jum mid-data li fiha rċevew l-abbozz ta' l-awtorizzazzjoni. Meta jiġu nnotifikati xi oġġezzjonijiet fil-perjodu msemmi aktar 'il fuq u ma jintlaħaq ebda ftehim, l-applikazzjoni għandha ma tintlaqax sal-punt fejn tqajmu l-oġġezzjonijiet.

L-awtoritajiet doganali jistgħu joħorġu l-awtorizzazzjoni jekk ma waslulhomx oġġezzjonijiet għall-abbozz ta' l-awtorizzazzjoni fi żmien 30 jum.

L-awtoritajiet doganali li joħorġu l-awtorizzazzjoni għandhom jibagħtu kopja lill-awtoritajiet doganali kollha interessati.

6. Meta l-kriterji u l-kondizzjonijiet għall-għotja ta' awtorizzazzjoni waħda ġew miftiehma b'mod ġenerali bejn żewġ amministrazzjonijiet doganali jew aktar, dawn l-amministrazzjonijiet jistgħu jiftiehmu wkoll li minflok issir konsultazzjoni minn qabel issir biss notifika sempliċi. Din in-notifika għandha dejjem tkun biżżejjed meta tiġġedded jew tiġi revokata awtorizzazzjoni waħdanija.

L-Artikolu 293

1. Awtorizzazzjoni li tuża l-mudell imniżżel fl-Anness 67 għandha tingħata lill-persuni stabbiliti fit-territorju doganali tal-Komunità, sakemm jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-attivitajiet intenzjonati huma konsistenti ma' l-użu finali ordnat u mad-dispożizzjonijiet għat-trasferiment ta' l-oġġetti b'mod konformi ma' l-Artikolu 296 u hija żgurata l-ġestjoni kif imiss tat-xogħol;

(b) l-applikant joffri kull garanzija meħtieġa għall-ġestjoni kif imiss tat-xogħol li għandu jsir u jagħmel lilu nnifsu responsabbli għall-obbligi:

— li jassenja l-oġġetti kollha jew parti minnhom għall-użu finali ordnat jew li jittrasferihom u jipprovdi xhieda li ġew assenjati jew trasferiti b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet li hemm fis-seħħ,

— li ma jagħmel xejn li m'huwiex kumpatibbli ma' l-iskop intenzjonat ta' l-użu finali ordnat,

— li jagħmel notifika dwar il-fatturi kollha li jistgħu jaffettwaw l-awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet doganali kompetenti;

(ċ) tkun żgurata sorveljanza effiċjenti mid-dwana u l-arranġamenti amministrattivi li għandhom isiru mill-awtoritajiet doganali m'humiex sproporzjonati mal-ħtiġijiet ekonomiċi involuti;

(d) isiru u jinżammu rekords xierqa;

(e) tkun stabbilita sigurtà meta l-awtoritajiet doganali jidhrilhom li din hija meħtieġa.

2. Għall-applikazzjoni skond l-Artikolu 292(3), l-awtorizzazzjoni tingħata lill-persuni stabbiliti fit-territorju doganali tal-Komunità billi tintlaqa' d-dikjarazzjoni doganali, skond il-kondizzjonijiet l-oħra mniżżla fil-paragrafu 1.

3. L-awtorizzazzjoni għandha tinkludi l-ħwejjeġ li ġejjin, sakemm din l-informazzjoni ma titqiesx bħala li m'hijiex meħtieġa:

(a) identifikazzjoni ta' min għandu f'idu l-awtorizzazzjoni;

(b) fejn ikun meħtieġ min-Nomenklatura Magħquda jew mill-kodici TARIC, it-tip u d-deskrizzjoni ta' l-oġġetti u l-operazzjonijiet ta' l-użu finali u d-dispożizzjonijiet dwar ir-rati ta' produzzjoni;

(ċ) il-modi u l-metodi ta' identifikazzjoni u ta' sorveljanza doganali;

(d) il-perjodu li fih l-oġġetti għandhom jiġu assenjati għall-użu finali ordnat;

(e) l-uffiċċji doganali fejn l-oġġetti jiġu dikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera u l-uffiċċji li jissorveljaw l-arranġamenti;

(f) il-postijiet fejn l-oġġetti għandhom jiġu assenjati għall-użu finali ordnat;

(g) is-sigurtà li għandha tiġi provduta, fejn hu xieraq;

(h) il-perjodu tal-validità ta' l-awtorizzazzjoni;

(i) fejn tapplika, il-possibbiltà li l-oġġetti jiġu trasferiti b'mod konformi ma' l-Artikolu 296(1);

(j) fejn japplika, l-arranġamenti mħaffa biex jiġu trasferiti l-oġġetti skond l-Artikolu 296(2), it-tieni subparagrafu, u (3);

(k) fejn japplika, il-proċeduri mħaffa awtorizzati b'mod konformi ma' l-Artikolu 76 tal-Kodiċi;

(l) il-metodi ta' komunikazzjoni;

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 294 l-awtorizzazzjoni għandha tibda sseħħ fid-data tal-ħruġ jew f'xi data oħra aktar tard mogħtija fl-awtorizzazzjoni.

L-Artikolu 294

1. L-awtoritajiet doganali jistgħu jorħorġu awtorizzazzjoni retroattiva.

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 2 u 3, awtorizzazzjoni retroattiva għandha tibda sseħħ fid-data li fiha ngħatat l-applikazzjoni.

2. Jekk xi applikazzjoni għandha x'taqsam ma' xi tiġdid ta' awtorizzazzjoni għall-istess tip ta' xogħol u oġġetti, tista tingħata awtorizzazzjoni b'effett retroattiv mid-data li fiha għalqet l-awtorizzazzjoni oriġinali.

3. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, l-effett retroattiv ta' xi awtorizzazzjoni jista' jitwal aktar, iżda mhux għal aktar minn sena waħda qabel id-data li fiha ngħatat l-applikazzjoni, sakemm teżisti ħtieġa ekonomika li tiġi ppruvata u:

(a) l-applikazzjoni m'hijiex konnessa ma' xi tentattiv ta' qerq jew traskuraġni ovvja;

(b) il-kontijiet ta' l-applikant jikkonfermaw li l-kondizzjonijiet mitluba mill-arranġamenti jistgħu jiqiesu bħala li ġew issodisfati u, fejn hu xieraq, biex jiġi evitat il-bdil l-oġġetti jistgħu jiġu identifikati għall-perjodu involut, u dawn il-kontijiet jippermettu li jiġu verifikati l-arranġamenti;

(ċ) il-formalitajiet kollha meħtieġa biex tiġi regolarizzata l-qagħda ta' l-oġġetti jistgħu jsiru, inklużi, fejn jeħtieġ, l-invalidazzjoni tad-dikjarazzjoni.

L-Artikolu 295

L-għeluq ta' l-awtorizzazzjoni ma taffettwax l-oġġetti li kienu fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa bis-saħħa ta' dik l-awtorizzazzjoni qabel ma għalqet.

L-Artikolu 296

1. It-trasferiment ta' l-oġġetti bejn postijiet differenti msemmiija fl-istess awtorizzazzjoni jista' jsir mingħajr ebda formalitajiet doganali.

2. Meta xi trasferiment ta' l-oġġetti jsir bejn tnejn li jkollhom f'idejhom l-awtorizzazzjoni li huma stabbiliti fi Stati Membri differenti u l-awtoritajiet doganali interessati ma ftehmux dwar proċeduri mgħaġġla skond il-paragrafu 3, il-kopja ta' kontroll T5 stabbilita fl-Anness 63 għandha tintuża skond il-proċedura li ġejja:

(a) Min qiegħed jittrasferixxi għandu jimla l-kopja ta' kontroll T5 għal tliet darbiet (l-oriġinali u żewġ kopji). Il-kopji għandhom jiġu numerati b'mod xieraq;

(b) il-kopja ta' kontroll T5 għandha tinkludi:

— fil-kaxxa A ('Uffiċċju tat-tluq'), l-indirizz ta' l-uffiċċju doganali kompetenti speċifikat fl-awtorizzazzjoni ta' min qiegħed jittrasferixxi,

— fil-kaxxa 2, l-isem u l-isem tan-negozju, l-indirizz sħiħ u n-numru ta' l-awtorizzazzjoni ta' min qiegħed jittrasferixxi,

— fil-kaxxa 8, l-isem jew l-isem tan-negozju, l-indirizz sħiħ u n-numru ta' l-awtorizzazzjoni tal-persuna li lilha qed jiġu trasferiti,

— fil-kaxxa 'Nota importanti' u fil-kaxxa B it-test għandu jitħassar,

— fil-kaxex 31 u 33, rispettivament, id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti fiż-żmien tat-trasferiment, inklużi n-nurmu ta' bċejjeċ, u il-kodiċi NM relevanti,

— fil-kaxxa 38, il-massa netta ta' l-oġġetti,

— fil-kaxxa 103, il-kwantità netta ta' l-oġġetti fi kliem

— fil-kaxxa 104, marka fil-kaxxa 'Oħrajn (speċifika)', u f'ittri kbar wieħed minn dawn li ġejjin:

— DESTINO ESPECIAL: MERCANCÍAS RESPECTO DE LAS CUALES, LAS OBLIGACIONES SE CEDEN AL CESIONARIO (REGLAMENTO (CEE) N° 2454/93, ARTÍCULO 296)

— SÆRLIGT ANVENDELSESFORMÅL: VARER, FOR HVILKE FORPLIGTELSERNE OVERDRAGES TIL ERHVERVEREN (FORORDNING (EØF) Nr. 2454/93, ARTIKEL 296)

— BESONDERE VERWENDUNG: WAREN MIT DENEN DIE PFLICHTEN AUF DEN ÜBERNEHMER ÜBERTRAGEN WERDEN (ARTIKEL 296 DER VERORDNUNG (EWG) Nr. 2454/93)

— ΕΙΔΙΚΟΣ ΠΡΟΟΡΙΣΜΟΣ: ΕΜΠΟΡΕΓΜΑΤΑ ΓΙΑ ΤΑ ΟΠΟΙΑ ΟΙ ΥΠΟΧΡΕΩΣΕΙΣ ΕΚΧΩΡΟΥΝΤΑΙ ΣΤΟΝ ΕΚΔΟΧΕΑ (ΑΡΘΡΟ 296 ΚΑΝΟΝΙΣΜΟΣ (ΕΟΚ) αριθ. 2454/93)

— END-USE: GOODS FOR WHICH THE OBLIGATIONS ARE TRANSFERRED TO THE TRANSFEREE (REGULATION (EEC) No 2454/93, ARTICLE 296)

— DESTINATION PARTICULIÈRE: MARCHANDISES POUR LESQUELLES LES OBLIGATIONS SONT TRANSFÉRÉES AU CESSIONNAIRE [RÈGLEMENT (CEE) N° 2454/93, ARTICLE 296]

— DESTINAZIONE PARTICOLARE: MERCI PER LE QUALI GLI OBBLIGHI SONO TRASFERITI AL CESSIONARIO (REGOLAMENTO (CEE) N. 2454/93, ARTICOLO 296)

— BIJZONDERE BESTEMMING: GOEDEREN WAARVOOR DE VERPLICHTINGEN AAN DE OVERNEMER WORDEN OVERGEDRAGEN (VERORDENING (EEG) Nr. 2454/93, ARTIKEL 296)

— DESTINO ESPECIAL: MERCADORIAS RELATIVAMENTE ÀS QUAIS AS OBRIGAÇÕES SÃO TRANSFERIDAS PARA O CESSIONÁRIO [REGULAMENTO (CEE) N.° 2454/93, ARTIGO 296.°]

— TIETTY KÄYTTÖTARKOITUS: TAVARAT, JOIHIN LIITTYVÄT VELVOITTEET SIIRRETÄÄN SIIRRONSAAJALLE (ASETUS (ETY) N:o 2454/93, 296 ARTIKLA)

— ANVÄNDNING FÖR SÄRSKILDA ÄNDAMÅL: VAROR FÖR VILKA SKYLDIGHETERNA ÖVERFÖRS TILL DEN MOTTAGANDE PARTEN (ARTIKEL 296 I FÖRORDNING (EEG) nr 2454/93)

— fil-kaxxa 106:

— l-elementi tat-tassazzjoni ta' l-oġġetti ta' l-importazzjoni,

— in-nurmu reġistrat u d-data tad-dikjarazzjoni biex jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa u l-isem u l-indirizz ta' l-uffiċċju doganali fejn saret id-dikjarazzjoni;

(ċ) min qiegħed jittrasferixxi għandu jibgħat is-sett komplet ta' kopji ta' kontrol T5 lill-persuna li lilha qegħdin jiġu trasferiti;

(d) il-persuna li lilha qegħdin jiġu trasferiti għandha tehmeż l-oriġinali tad-dokument kummerċjali li juri d-data meta waslu l-oġġetti mas-sett ta' kopji ta' kontroll T5 u għandha tagħti d-dokumenti kollha lill-uffiċċju doganali stabbilit fl-awtorizzazzjoni tagħha. Għandha wkoll tinnotifika mill-ewwel lill-uffiċċju doganali b'kull żieda, nuqqas, tibdil jew kull irregolarità oħra;

(e) l-uffiċċju doganali speċifikat fl-awtorizzazzjoni tal-persuna li lilha qegħdin jiġu trasferiti għandu jimla l-kaxxa J, u jinkludi d-data tal-wasla għand il-persuna li lilha qegħdin jiġu trasferiti, fit-T5 oriġinali wara li jkun ivverifika id-dokument kummerċjali korrispondenti u jikteb id-data u jistampa l-oriġinali fil-kaxxa J u ż-żewġ kopji fil-kaxxa E. L-uffiċċju doganali għandu jżomm it-tieni kopja fir-rekords tiegħu u jibgħat lura l-oriġinali u l-ewwel kopja lill-persuna li lilha qegħdin jiġu trasferiti;

(f) il-persuna li lilha qegħdin jiġu trasferiti għandha żżomm l-ewwel kopja T5 fir-rekords tagħha u tgħaddi l-oriġinali lil min qiegħed jittrasferixxi.

(g) min qiegħed jittrasferixxi għandu jżomm l-oriġinali fir-rekords tiegħu.

L-awtoritajiet doganali interessati jistgħu jiftiehmu dwar proċeduri mħaffa skond id-dispożizzjonijiet għall-użu tal-kopja ta' kontroll T5.

3. Meta l-awtoritajiet doganali interessati jidhrilhom li l-ġestjoni xierqa tat-xogħol hija mħarsa jistgħu jiftiehmu li t-trasferiment ta' l-oġġetti bejn tnejn li jkollhom l-awtorizzazzjoni f'idejhom stabbiliti f'żewġ Stati Membri differenti jsir mingħajr ma tintuża l-kopja ta' kontroll T5.

4. Fejn isir xi trasferiment bejn tnejn li jkollhom f'idejhom awtorizzazzjoni li huma stabbiliti fl-istess Stat Membru dan għandu jsir b'mod konformi mar-regoli nazzjonali.

5. Meta tircievi l-oġġetti l-persuna li lilha jkun qiegħed isir it-trasferiment jgħaddu f'idejha l-obbligi skond dan il-kapitolu fir-rigward ta' l-oġġetti trasferiti.

6. Min jittrasferixxi jinħall mill-obbligi tiegħu meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

— il-persuna li lilha jkunu qegħdin jiġu trasferiti rċeviet l-oġġetti u ġiet infurmata li l-oġġetti li għalihom ġew trasferiti l-obbligi, jaqgħu taħt is-sorveljanza doganali għal dak li hu użu finali;

— il-kontroll doganali għadda fuq l-awtorità doganali tal-persuna li lilha jkun qiegħed isir it-trasferiment; sakemm ma jiġix provdut mod ieħor mill-awtoritajiet doganali, dan iseħħ meta l-persuna li lilha jkun qiegħed isir it-trasferiment iddaħħal l-oġġetti fir-rekords tagħha.

L-Artikolu 297

1. Fil-każ tat-trasferiment ta' materjali għaż-żamma jew tiswija ta' ajruplani jew skond it-termini tal-ftehim ta' bdil jew għall-htiġijiet tal-linja ta' l-ajru nnifisha, minn linji ta' l-ajru mdaħħla fit-traffiku internazzjonali, tista' tintuża *airway bill* jew xi dokument ekwivalenti minflok il-kopja ta' kontroll T5.

2. L-*airway bill* jew id-dokument ekwivalenti għandu jikkollhom fuqhom ta' mill-anqas dawn id-dettalji:

(a) l-isem tal-linja ta' l-ajru li qiegħda tikkunsinna;

(b) l-isem ta' l-ajruport minn fejn telqu;

(ċ) l-isem tal-linja ta' l-ajru li tkun qiegħda tirċievi;

(d) l-isem ta' l-ajruport fejn għandhom jaslu;

(e) id-deskrizzjoni tal-materjali;

(f) in-numru ta' artikoli.

Id-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu jistgħu jingħataw f'forma bil-kodiċi jew b'referenza għal xi dokument mehmuż.

3. Il-lista ta' l-oġġetti bid-destinazzjoni ta' l-ajru jew id-dokument ekwivalenti għandu jkollhom fuqhom waħda mill-indikazzjonijiet li ġejjin b'ittri kbar stampati:

— DESTINO ESPECIAL

— SÆRLIGT ANVENDELSESFORMÅL

— BESONDERE VERWENDUNG

— ΕΙΔΙΚΟΣ ΠΡΟΟΡΙΣΜΟΣ

— END-USE

— DESTINATION PARTICULIÈRE

— DESTINAZIONE PARTICOLARE

— BIJZONDERE BESTEMMING

— DESTINO ESPECIAL

— TIETTY KÄYTTÖTARKOITUS

— ANVÄNDNING FÖR SÄRSKILDA ÄNDAMÅL

4. Il-linja ta' l-ajru li tkun qiegħda tikkunsinna għandha żżomm kopja ta' l-*airway bill* jew tad-dokument ekwivalenti bħala parti mid-dokumentazzjoni tagħha u għandha tagħmel kopja oħra disponibbli lill-uffiċċju doganali kompetenti, bil-mod ordnat mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru tat-tluq.

Il-linja ta' l-ajru li tkun qiegħda tirċievi għandha żżomm kopja ta' l-*airway bill* jew tad-dokument ekwivalenti u għandha tagħmel disponibbli kopja oħra lill-uffiċċju doganali kompetenti, bil-mod ordnat mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni.

5. Il-materjali mhux mittiefsa u l-*airway bill* jew tad-dokument ekwivalenti għandhom jittieħdu lil-linja ta' l-ajru li qiegħda tirċievi fil-postijiet speċifikati mill-awtoritajiet doganali fir-residenza tal-linja ta'l-ajru ta' l-Istat Membru.

Il-linja ta' l-ajru li tkun qiegħda tirċievi għandha ddaħħal il-materjali fid-dokumentazzjoni tagħha.

6. L-obbligi li joħorġu mill-paragrafi 1 sa 5 għandhom jgħaddu mil-linja ta' l-ajru li tkun qiegħda tikkunsinna lill-linja ta' l-ajru li tkun qiegħda tirċievi meta l-materjali mhux mittiefsa u l-kopji tal-lista tal-pakketti bid-destinazzjoni ta' l-ajru jew id-dokument ekwivalenti jitwasslu għand din ta' l-aħħar.

L-Artikolu 298

1. L-awtoritajiet doganali jistgħu, bla ħsara għall-kondizzjonijiet stabbiliti, japprovaw l-esportazzjoni ta' l-oġġetti jew il-qerda ta' l-oġġetti.

2. Meta jiġu esportati prodotti tal-biedja, il-kaxxa 44 tad-Dokument Waħdieni Amministrattiv jew kull dokument ieħor li ntuża għandu jkollu fuqu waħda mill-indikazzjonijiet li ġejjin b'ittri kbar stampati:

— ARTÍCULO 298, REGLAMENTO (CEE) N° 2454/93, DESTINO ESPECIAL: MERCANCÍAS DESTINADAS A LA EXPORTACIÓN — NO SE APLICAN RESTITUCIONES AGRÍCOLAS

— ART. 298 I FORORDNING (EØF) Nr. 2454/93 SÆRLIGT ANVENDELSESFORMÅL: VARER BESTEMT TIL UDFØRSEL — INGEN RESTITUTION

— ARTIKEL 298 DER VERORDNUNG (EWG) Nr. 2454/93 BESONDERE VERWENDUNG: ZUR AUSFUHR VORGESEHENE WAREN — ANWENDUNG DER LANDWIRTSCHAFTLICHEN AUSFUHRERSTATTUNGEN AUSGESCHLOSSEN

— ΑΡΘΡΟ 298 ΤΟΥ ΚΑΝ. (ΕΕΕ) αριθ. 2454/93 ΕΙΔΙΚΟΣ ΠΡΟΟΡΙΣΜΟΣ: ΕΜΠΟΡΕΓΜΑΤΑ ΠΡΟΟΡΙΖΟΜΕΝΑ ΓΙΑ ΕΞΑΓΩΓΗ — ΑΠΟΚΛΕΙΟΝΤΑΙ ΟΙ ΓΕΩΡΓΙΚΕΣ ΕΠΙΣΤΡΟΦΕΣ

— ARTICLE 298 REGULATION (EEC) No 2454/93 END-USE: GOODS DESTINED FOR EXPORTATION — AGRICULTURAL REFUNDS NOT APPLICABLE

— ARTICLE 298, RÈGLEMENT (CEE) N° 2454/93 DESTINATION PARTICULIÈRE: MARCHANDISES PRÉVUES POUR L'EXPORTATION — APPLICATION DES RESTITUTIONS AGRICOLES EXCLUE

— ARTICOLO 298 (CEE) N° 2454/93 DESTINAZIONE PARTICOLARE: MERCI PREVISTE PER L'ESPORTAZIONE — APPLICAZIONE DELLE RESTITUZIONI AGRICOLE ESCLUSA

— ARTIKEL 298, VERORDENING (EEG) Nr. 2454/93 BIJZONDERE BESTEMMING: VOOR UITVOER BESTEMDE GOEDEREN — LANDBOUWRESTITUTIES NIET VAN TOEPASSING

— ARTIGO 298.° REG. (CEE) N.° 2454/93 DESTINO ESPECIAL: MERCADORIAS DESTINADAS À EXPORTAÇÃO — APLICAÇÃO DE RESTITUIÇÕES AGRÍCOLAS EXCLUÍDA

— 298 ART., AS. 2454/93 TIETTY KÄYTTÖTARKOITUS: VIETÄVIKSI TARKOITETTUJA TAVAROITA — MAATALOUSTUKEA EI SOVELLETA

— ARTIKEL 298 I FÖRORDNING (EEG) nr 2454/93 AVSEENDE ANVÄNDNING FÖR SÄRSKILDA ÄNDAMÅL: VAROR AVSEDDA FÖR EXPORT — JORDBRUKSBIDRAG EJ TILLÄMPLIGA

3. Meta jiġu esportati xi oġġetti, għandhom jitqiesu bħala oġġetti mhux tal-Komunità miż-żmien li tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni.

4. F'każ li jinqerdu għandu japplika l-Artikolu 182(5) tal-Kodiċi.

L-Artikolu 299

Meta l-awtoritajiet doganali jaqblu li l-użu ta' l-oġġetti b'xi mod ieħor li m'huwiex dak provdut fl-awtorizzazzjoni huwa ġustifikat, dan l-użu, minnbarra l-esportazzjoni jew il-qerda, jiġbed fuqu dejn doganali. Japplika l-Artikolu 208 tal-Kodiċi *mutatis mutandis*.

L-Artikolu 300

1. L-oġġetti msemmija fl-Artikolu 291(1) jibqgħu taħt is-sorveljanza doganali u huma soġġetti għad-dazju ta' l-importazzjoni sakemm ikunu:

(a) l-ewwel assenjati għall-użu finali ordnat;

(b) esportati, meqruda jew użati f'xi mod ieħor b'mod konformi ma' l-Artikoli 298 u 299.

Madanakollu, meta l-oġġetti huma tajba għall-użu ripetut u l-awtoritajiet doganali jidhrilhom li dan huwa xieraq biex jevitaw l-abbuż, is-sorveljanza doganali għandha tkompli għall-perjodu ta' mhux aktar minn sentejn wara d-data ta' l-ewwel trasferiment.

2. L-iskart u r-rimi li jirriżultaw mix-xogħol jew l-ipproċessar ta' l-oġġetti u t-telf minħabba ħela naturali għandhom jittieħdu bħala oġġetti li ġew trasferiti għall-użu finali ordnat.

3. Għal dak li huwa skart u rimi li jirriżultaw mill-qerda ta' l-oġġetti, is-sorveljanza doganali tintemm meta jiġu assenjati trattament jew użu permess u approvat mid-dwana."

8. Fl-Artikoli 397, 419(4) u 434(6), il-kliem "l-Artikoli 463 sa 470" huma mibdula bil-kliem "l-Artikolu 843".

9. Il-Kapitoli 11 u 12 tat-Titolu II tal-Parti II (l-Artikoli 463 sa 495) huma mħassra.

10. L-Artikolu 843 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 843

1. Dan it-Titolu jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li japplikaw għall-oġġetti li jiġu mċaqalqa minn punt wieħed fit-territorju doganali fil-Komunità għal ieħor li jħallu dak it-territorju għal xi żmien, kemm jekk jaqsmu kif ukoll jekk ma jaqsmux it-territorju ta' xi pajjiż terz, li t-tneħħija jew esportazzjonai tagħhom mit-territorju doganali tal-Komunità mhux permess jew jaqa' taħt restrizzjonijiet, dazji jew ħlas ieħor fuq esportazzjoni minn xi miżura tal-Komunità sa fejn dik il-miżura tipprovdi dan u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet kollha speċjali li tista' tinkludi.

Madanakollu dawn il-kondizzjonijiet ma japplikawx:

— meta, meta ssir id-dikjarazzjoni ta' l-oġġetti għall-esportazzjoni minn territorju doganali tal-Komunità, tingħata prova lill-uffiċċju doganali fejn isiru l-formalitajiet ta' l-esportazzjoni li ttieħdet xi miżura amministrattiva li teħles l-oġġetti mir-restrizzjoni, li d-dazji kollha, taxxi u ħlas ieħor dovut tħallsu jew li, fiċ-ċirkostanzi eżistenti, l-oġġetti jistgħu jħallu t-territorju doganali tal-Komunità mingħajr aktar formalitajiet, jew

— meta l-oġġetti jingarru b'titjira diretta mingħajr ma jieqfu barra mit-territorju doganali tal-Komunità, jew b'servizz ta' bastiment regolari skond it-tifsira ta' l-Artikolu 313a.

2. Meta l-oġġetti jitqiegħdu taħt proċedura ta' passaġġ tal-Komunità, il-prinċipal għandu jdaħħal fid-dokument użat għad-dikjarazzjoni ta' passaġġ tal-Komunità, speċifikament fil-kaxxa 44 ('Aktar informazzjoni') id-Dokument Waħdieni Amministrattiv fejn dak intuża, waħda mill-frażijiet li ġejjin:

— Salida de la Comunidad sometida a restricciones o imposiciones en virtud del (de la) Reglamento/Directiva/Decisión n°…

— Udpassage fra Fællesskabet undergivet restriktioner eller afgifter i henhold til forordning/direktiv/afgørelse nr.…

— Ausgang aus der Gemeinschaft — gemäß Verordnung/Richtlinie/Beschluß Nr.… Beschränkungen oder Abgaben unterworfen.

— Η έξοδος από την Κοινότητα υποβάλλεται σε περιορισμούς η σε επιβαρύνσεις από τον κανονισμό/την οδηγία/την απόφαση αριθ.…

— Exit from the Community subject to restrictions or charges under Regulation/Directive/Decision No…

— Sortie de la Communauté soumise à des restrictions ou à des impositions par le règlement ou la directive/décision n° …

— Uscita dalla Comunità soggetta a restrizioni o ad imposizioni a norma del(la) regolamento/direttiva/decisione n.…

— Bij uitgang uit de Gemeenschap zijn de beperkingen of heffingen van Verordening/Richtlijn/Besluit nr.… van toepassing.

— Saída da Comunidade sujeita a restrições ou a imposições pelo(a) Regulamento/Directiva/Decisão n.° …

— Yhteisöstä vientiin sovelletaan asetuksen/direktiivinvinl./päätöksen N:o… mukaisia rajoituksia tai maksuja

— Utförsel från gemenskapen omfattas i enlighet med förordning/direktiv/beslut… av restriktioner eller pålagor

3. Meta l-oġġetti:

(a) jitqiegħdu taħt proċedura doganali oħra li mhix il-proċedura ta' transitu tal-Komunità, jew

(b) jiġu mċaqalqa mingħajr ma jkunu taħt xi proċedura doganali.

Il-kopja ta' kontroll T5 għandha ssir skond l-Artikoli 912 a sa 912 g. Fil-kaxxa 104 tal-formola T5 għandu jitniżżel salib fil-kaxxa 'Oħrajn (speċifika)' u l-frażi msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi miżjuda.

Fil-każ ta' xi oġġetti li jaqgħu taħt il-punt (a) ta' l-ewwel subparagrafu, il-kopja ta' kontroll T5 għandha ssir fl-uffiċċju doganali li fih jimtlew il-formalitajiet mitluba għall-kunsinna ta' l-oġġetti. Fil-każ ta' xi oġġetti li jaqgħu taħt il-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu, il-kopja ta' kontrol T5 għandha tiġi ppreżentata ma' l-oġġetti fl-uffiċċju doganali kompetenti għall-post fejn l-oġġetti jħallu t-territorju doganali tal-Komunità.

Dawk l-uffiċċji għandhom jispeċifikaw id-data ta' għeluq meta l-oġġetti għandhom jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali u, fejn hu xieraq, iniżżlu fid-dokument doganali li taħtu se jiġu trasportati l-oġġetti l-frażi speċifikati fil-paragrafu 2.

Għall-iskopijiet tal-kopja ta' kontroll T5, l-uffiċċju tad-destinazzjoni jkun jew l-uffiċċju tad-destinazzjoni għall-proċedura doganali skond il-punt (a) ta' l-ewwel subparagrafu jew, fejn japplika il-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu,

l-uffiċċju doganali kompetenti għall-post fejn l-oġġetti nġiebu lura fit-territorju doganali tal-Komunità.

4. Il-paragrafu 3 japplika wkoll għall-oġġetti li jkunu qegħdin jiġu mċaqalqa minn punt wieħed fit-territorju doganali tal-Komunità għal ieħor minn ġewwa t-territorju ta' xi pajjiż wieħed jew aktar ta' l-EFTA msemmija fl-Artikolu 309(f) li huma magħrufa minn wieħed minn dawk il-pajjiżi.

5. Jekk il-miżura tal-Komunità msemmija fil-paragrafu 1 tipprovdi għad-dħul ta' garanzija, dik il-garanzija għandha tiġi depożitata skond l-Artikolu 912b(2).

6. Meta l-oġġetti, mal-wasla fl-uffiċċju tad-destinazzjoni, jew ma jintgħarfux mill-ewwel bħala li għandhom *status* tal-Komunità jew ma jgħaddux mill-ewwel mill-formalitajiet doganali mitluba għall-oġġetti miġjuba fit-territorju doganali tal-Komunità, l-uffiċċju tad-destinazzjoni għandu jieħu l-miżuri kollha ordnati għalihom.

7. Iċ-ċirkustanzi deskritti fil-paragrafu 3, l-uffiċċju tad-destinazzjoni għandu jibgħat lura l-oriġinal tal-kopja ta' kontroll T5 mingħajr dewmien fl-indirizz li jidher fil-kaxxa B 'Ibgħat lura lil…' tal-formola T5 meta l-formalitajiet kollha mitluba ġew mimlija u saru n-notamenti.

8. Meta l-oġġetti ma jinġabux lura fit-territorju doganali tal-Komunità, huma għandhom jitqiesu li ħallew it-territorju doganali tal-Komunità b'mod irregolari mill-Istat Membru fejn jew tqiegħdu skond il-proċedura msemmija fil-paragrafu 2 jew saret il-kopja ta' kontroll T5."

11. Fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 887(3), il-kliem "L-Artikoli 471 sa 495" huma mibdula bi "L-Artikoli 912 a sa 912 g".

12. Il-Parti IVa li ġejja hija miżjuda wara l-Artikolu 912:

"Il-Parti IVa

KONTROLLI FUQ L-UŻU U/JEW ID-DESTINAZZJONI TA' L-OĠĠETTI

L-Artikolu 912a

1. Għall-iskopijiet ta' din il-parti:

(a) 'awtoritajiet kompetenti' tfisser: l-awtoritajiet doganali jew xi awtorità oħra ta' xi Stat Membru responsabbli biex tapplika din il-parti;

(b) 'uffiċċju' ifisser: l-uffiċċju doganali jew korp responsabbli fuq livell lokali biex japplika din il-parti;

(ċ) 'kopja ta' kontroll T5' tfisser: T5 oriġinali u kopja magħmula fuq formoli li jikkorrispondu mal-kampjun fl-Anness 63 li magħhom ikun hemm fejn hu xieraq waħda jew aktar formoli T5 oriġinali u kopji li jikkorrispondu mal-kampjun fl-Anness 64 jew lista ta' tagħbija T5 waħda jew aktar oriġinali u kopja li tikkorrispondi mal-kampjun fl-Anness 65. Il-formoli għandhom jiġu stampati u mimlija b'mod konformi man-nota ta' spjegazzjoni fl-Anness 66 u, fejn hu xieraq, l-ordnijiet kollha żejda stabbiliti fir-regoli l-oħra tal-Komunità.

2. Meta l-applikazzjoni tar-regoli tal-Komunità dwar oġġetti importati fi, esportati minn, jew li jiġu mċaqalqa fit-territorju doganali tal-Komunità taqa' taħt prova li tikkonforma malkondizzjonijiet ordnati minn dik il-miżura għall-użu u/jew destinazzjoni ta' l-oġġetti, din il-prova għandha tingħata bilproduzzjoni ta' kopja ta' kontroll T5, mimlija u użata b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din il-parti.

3. L-oġġetti kollha mniżżla f'kopja ta' kontroll T5 partikolari għandhom jitgħabbew fuq mezz wieħed ta' trasport skond it-tifsira tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 347(2), maħsub għal persuna waħda li tirċievi u l-istess użu u/jew destinazzjoni.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li l-formola li tikkorrispondi mal-kampjun fl-Anness 65 tinbidel b'listi ta' tagħbija T5 magħmula minn sistema integrata elettronika jew ta' pproċessar ta' l-informazzjoni awtomatika jew b'listi deskrittivi magħmula għall-iskopijiet li jsiru formalitajiet ta' spedizzjoni/esportazzjoni li jinkludu d-dettalji stabbiliti fl-Anness 65, sakemm dawn il-listi huma ddisinjati u mimlija b'mod li jistgħu jintużaw mingħajr diffikultà mill-awtoritajiet konċernati u joffru l-protezzjoni kollha meqjusa xierqa mill-awtoritajiet.

4. Barra mill-obbligi imposti taħt xi regoli speċifiċi, kull persuna li tiffirma l-kopja ta' kontroll T5 trid tqiegħed l-oġġetti deskritti f'dak id-dokument għall-użu dikjarat u/jew tibgħat l-oġġetti fid-destinazzjoni dikjarata.

Dik il-persuna hija responsabbli fil-każ ta' xi użu ħażin minn xi persuna ta' xi kopja ta' kontroll T5 li jkun fassal ta' l-ewwel.

5. B'deroga mill-paragrafu 2 u kemm-il darba ma jiġix stabbilit mod ieħor fir-regoli tal-Komunità li jitolbu kontroll ta' l-użu u/jew destinazzjoni ta' l-oġġetti, kull Stat Membru għandu d-dritt li jitlob li l-prova li l-oġġetti ġew assenjati għall-użu u/jew destinazzjoni stabbiliti jew ordnati tingħata skond il-proċedura nazzjonali, sakemm l-oġġetti ma jħallux it-territorju qabel ma jiġu assenjati għall-użu u/jew destinazzjoni.

L-Artikolu 912b

1. Il-kopja ta' kontroll T5 għandha ssir f'waħda oriġinali u għallinqas kopja waħda. Kull waħda mill-formoli tagħhom għandu jkollha fuqha l-firma oriġinali tal-persuna interessata u jkun fiha d-dettalji kollha konnessi mad-deskrizzjoni ta' l-oġġetti u kull informazzjoni oħra mitluba mid-dispożizzjonijiet konnessi mar-regoli tal-Komunità li jimponu l-kontroll.

2. Meta r-regoli tal-Komunità li jimponu l-kontroll jipprovdu biex issir garanzija, din trid tiġi depożitata:

— fl-aġenzija nominata minn dawk ir-regoli jew, jekk dan ma jistax isir, jew fl-uffiċċju li joħroġ il-kopja ta' kontroll T5 jew xi uffiċċju ieħor nominat għal dak l-iskop mill-Istat Membru li tiegħu hu dak l-uffiċċju, u

— bil-mod stabbilit f'dawk ir-regoli jew, jekk dan ma jistax isir, mill-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru.

F'dak il-każ, waħda mill-frażijiet li ġejjin għandha titniżżel fil-kaxxa 106 tal-formola T5:

— Garantía constituida por un importe de … euros

— Sikkerhed på… EUR

— Sicherheit in Höhe von… EURO geleistet

— Κατατεθείσα εγγύηση ποσού… ΕΥΡΩ

— Guarantee of EUR… lodged

— Garantie d'un montant de… euros déposée

— Garanzia dell'importo di… EURO depositata

— Zekerheid voor… euro

— Entregue garantia num montante de… EURO

— Annettu… euron suuruinen vakuus

— Säkerhet ställd till et belopp av… euro.

3. Meta r-regoli tal-Komunità li jimponu l-kontroll jispeċifikaw limitu ta' żmien biex jiġu assenjati l-oġġetti għal xi użu partikolari u/jew destinazzjoni, l-istqarrija 'Limitu ta' żmien ta'…. jiem biex jimtlew' fil-kaxxa 104 tal-formola T5 għandha timtela.

4. Meta l-oġġetti jkunu qegħdin jiġu mċaqalqa skond xi proċedura doganali, il-kopja ta' kontroll T5 għandha tinħareġ mill-uffiċċju doganali ta' fejn l-oġġetti huma mibgħuta.

Id-dokument għall-prodott għandu jagħmel referenza għall-kopja ta' kontroll T5 maħruġa. Bl-istess mod, il-kaxxa 109 tal-formola T5 maħruġa għandha tagħmel referenza għad-dokument użat għall-proċedura.

5. Meta l-oġġetti ma jitqegħdux taħt xi proċedura doganali, il-kopja ta' kontroll T5 għandha tinħareġ mill-uffiċċju fejn jintbagħtu l-oġġetti.

Waħda mill-frażijiet li ġejjin għandha titniżżel fil-kaxxa 109 tal-formola T5:

— Mercancías no incluidas en un régimen aduanero

— Ingen forsendelsesprocedure

— Nicht in einem Zollverfahren befindliche Waren

— Εμπορεύματα εκτός τελωνειακού καθεστώτος

— Goods not covered by a customs procedure

— Marchandises hors régime douanier

— Merci non vincolate ad un regime doganale

— Geen douaneregeling

— Mercadorias não sujeitas a regime aduaneiro

— Tullimenettelyn ulkopuolella olevat tavarat

— Varorna omfattas inte av något tullförfarande.

6. Il-kopja ta' kontroll T5 għandha tiġi attestata mill-uffiċċju msemmi fil-paragrafi 4 u 5. F'din l-attestazzjoni għandu jinsab dan li ġej, biex jidher fil-kaxxa A (uffiċċju tat-tluq) ta' dawk id-dokumenti:

(a) fil-każ tal-formola T5, l-isem u l-timbru ta' l-uffiċċju, il-firma tal-persuna kompetenti, id-data ta' l-awtentikazzjoni u numru tar-reġistrazzjoni li jista' jiġi stampat minn qabel;

(b) fil-każ tal-formola T5 *bis* jew il-lista ta' tagħbija T5, in-numru tar-reġistrazzjoni li jidher fuq il-formola T5. Dak in-numru għandu jiddaħħal jew permezz ta' timbru li jkun fih l-isem ta' l-uffiċċju jew bl-idejn; fil-każ ta' l-aħħar għandu jkun hemm magħha t-timbru uffiċjali ta' l-uffiċċju msemmi.

7. Sakemm ir-regoli tal-Komunità li jirrikjedu kontroll fuq l-użu u/jew id-destinazzjoni ta' l-oġġetti ma jistabbilixxux mod ieħor, l-Artikolu 349 għandu japplika *mutatis mutandis*. L-uffiċċju msemmi fil-paragrafi 4 u 5 għandu jivverifika l-kunsinna u għandu jimla u jattesta l-kaxxa D, 'Kontroll mill-uffiċċju tat-tluq', fuq il-faċċata tal-formola T5.

8. L-uffiċċju msemmi fil-paragrafi 4 u 5 għandu jżomm kopja ta' kull kopja ta' kontroll T5. L-oriġinali ta' dawn id-dokumenti għandhom jingħataw lura lill-persuna interessata malli l-formalitajiet kollha ta' l-amministrazzjoni jkunu saru, u malli l-kaxxi A (Uffiċċju tat-tluq), u B (Ibgħat lura lil…) tal-formola T5 ikunu mtlew kif suppost.

9. L-Artikoli 353, 354 u 355 japplikaw *mutatis mutandis*.

L-Artikolu 912ċ

1. L-oġġetti u l-oriġinali tal-kopji ta' kontroll T5 għandhom jiġu preżentati fl-uffiċċju tad-destinazzjoni.

Sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor fir-regoli tal-Komunità li jitolbu kontroll fuq l-użu u/jew destinazzjoni ta' l-oġġetti, l-uffiċċju tad-destinazzjoni jista' jippermetti li l-oġġetti jitwasslu direttament għand min qiegħed jirċievi bil-kondizzjonijiet stabbiliti minnu sabiex ikun jista' jwettaq il-kontroll meta jaslu l-oġġetti jew wara.

Kull persuna li tippreżenta kopja ta' kontroll T5 u l-kunsinna konnessa magħha lill-uffiċċju tad-destinazzjoni tista', fuq talba, tikseb irċevuta magħmula fuq formola li taqbel mal-kampjun fl-Anness 47. L-irċevuta ma tistax tieħu l-post tal-kopja ta' kontroll T5.

2. Meta r-regoli tal-Komunità jirrikjedu kontroll fuq il-ħruġ ta' l-oġġetti mit-territorju doganali tal-Komunità:

— għall-oġġetti sejrin bil-baħar, l-uffiċċju tad-destinazzjoni għandu jkun l-uffiċċju responsabbli għall-port fejn jitgħabbew l-oġġetti fuq il-bastiment li jkun qed iħaddem xi servizz li mhux servizz ta' bastiment regolari skond it-tifsira ta' l-Artikolu 313a,

— għall-oġġetti sejrin bl-ajru, l-uffiċċju tad-destinazzjoni għandu jkun l-uffiċċju responsabbli għall-ajruport internazzjonali tal-Komunità, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 190(b), li fih l-oġġetti jitgħabbew jew xi ajruplan li sejjer f'xi ajruport barra mill-Komunità,

— għall-oġġetti sejrin b'xi mod ieħor jew f'xi ċirkostanzi oħra, l-uffiċċju tad-destinazzjoni jkun l-uffiċċju tal-ħruġ imsemmi fl-Artikolu 793(2).

3. L-uffiċċju tad-destinazzjoni għandu jagħmel il-kontrolli fuq l-użu u/jew id-destinazzjoni pprovduti u rikjesti. Għandu jirreġistra d-dettalji tal-kopja ta' kontroll T5 billi jżomm kopja ta' l-imsemmi dokument fejn hu xieraq, u r-riżultat tal-kontrolli li saru.

4. L-uffiċċju tad-destinazzjoni għandu jibgħat lura l-oriġinali tal-kopja ta' kontroll T5 fl-indirizz li jidher fil-kaxxa B ('Ibgħat lura lil…') tal-formola T5 meta l-formalitajiet kollha mitluba jkunu mtlew u jkunu saru l-annotamenti.

L-Artikolu 912d

1. Meta l-ħruġ tal-kopja ta' kontroll T5 jitlob garanzija skond l-Artikolu 912b(2), japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3:

2. Meta l-kwantitajiet ta' l-oġġetti ma ġewx assenjati għall-użu u/jew destinazzjoni ordnati, sa l-għeluq tal-limitu ta' żmien speċifikat skond l-Artikolu 912b(3) fejn japplika, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jippermettu lill-uffiċċju msemmi fl-Artikolu 912b(2) li jieħu lura, fejn japplika mill-garanzija ddepożitata, il-parti li tikkorrispondi ma' dawk il-kwantitajiet.

Madanakollu, fuq talba tal-persuna interessata, dawk l-awtoritajiet jistgħu jiddeċiedu li jiġbru, fejn applikabbli, mill-garanzija, l-ammont miksub billi tittieħed il-parti tal-garanzija li tikkorrispondi ma' l-ammont ta' l-oġġetti li ma ġewx assenjati għall-użu u/jew destinazzjoni speċifikati sat-tmiem tal-limitu taż-żmien ordnat, u jimmultiplikaw dak bil-kwozjent miksub mid-diviżjoni tan-numru ta' jiem fuq il-limitu ta' żmien mitlub għall-dawk il-kwantitajiet li għandhom jiġu assenjati l-użu u/jew id-destinazzjoni tagħhom bit-tul, f'jiem, tal-limitu ta' żmien.

Dan il-paragrafu ma japplikax meta l-persuna interessata tista' turi li l-oġġetti konċernati ntilfu minħabba forza maġġuri.

3. Jekk, fi żmien sitt xhur mid-data li fiha nħarġet il-kopja ta' kontroll T5 jew mill-għeluq tal-limitu ta' żmien imniżżel fil-kaxxa 104 tal-formola T5 taħt 'limitu ta' żmien ta'…. jiem biex jimtlew' jew skond il-każ dik il-kopja, attestata kif suppost mill-uffiċċju tad-destinazzjoni, ma waslitx għand l-uffiċċju tar-ritorn speċifikat fil-kaxxa B tad-dokument, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jitolbu lill-uffiċċju msemmi fl-Artikolu 912b(2) li jieħdu lura l-garanzija pprovduta f'dak l-Artikolu.

Dan il-paragrafu ma japplikax meta d-dewmien fir-ritorn tal-kopja ta' kontroll T5 ma kienx tort tal-persuna interessata.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3 japplikaw sakemm m'hemmx provdut xi ħaġa oħra fir-regoli tal-Komunità li jitolbu kontroll fuq l-użu u/jew destinazzjoni ta' l-oġġetti u, f'kull każ, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dejn doganali.

L-Artikolu 912e

1. Sakemm m'huwiex provdut mod ieħor fir-regoli tal-Komunità li jitolbu kontroll fuq l-użu u/jew destinazzjoni ta' l-oġġetti, il-kopja ta' kontroll T5 u l-kunsinna li jkun hemm magħha jistgħu jinqasmu qabel ma tintemm il-proċedura li għalija nħarġet il-formola. Il-kunsinni li jirriżultaw minn qsim ta' din ix-xorta jistgħu jerġgħu jinqasmu.

2. L-uffiċċju li fih isir il-qsim għandu joħroġ, skond l-Artikolu 912b, estratt mill-kopja ta' kontroll T5 għal kull parti tal-kunsinna maqsuma.

Kull estratt għandu jkollu fih, *inter alia*, l-informazzjoni żejda murija fil-kaxex 100, 104, 105, 106 u 107 tal-kopja ta' kontroll T5 tal-bidu, u għandu jiddikjara l-massa netta u kwantità netta ta' l-oġġetti li l-estratt japplika għalihom. Waħda mill-frażijiet li ġejjin għandha timtela fil-kaxxa 106 tal-formola T5 użata għal kull estratt:

— Extracto del ejemplar de control T5 inicial (número de registro, fecha, oficina y país de expedición): …

— Udskrift af det oprindelige kontroleksemplar T5 (registreringsnummer, dato, sted og udstedelsesland):…

— Auszug aus dem ursprünglichen Kontrollexemplar T5 (Registriernummer, Datum, ausstellende Stelle und Ausstellungsland):…

— Απόσπασμα του αρχικού αντιτύπου ελέγχου Τ5 (αριθμός πρωτοκόλλου, ημερομηνία, τελωνείο και χώρα έκδοσης):…

— Extract of the initial T5 control copy (registration number, date, office and country of issue):…

— Extrait de l'exemplaire de contrôle T5 initial (numéro d'enregistrement, date, bureau et pays de délivrance):…

— Estratto dell'esemplare di controllo T5 originale (numero di registrazione, data, ufficio e paese di emissione):…

— Uittreksel van het oorspronkelijke controle-exemplaar T5 (registratienummer, datum, kantoor en land van afgifte): …

— Extracto do exemplar de controlo T5 inicial (número de registo, data, estância e país de emissão):…

— Ote alun perin annetusta T5-valvontakappaleesta (kirjaamisnumero, antamispäivämäärä, -toimipaikka ja -maa):…

— Utdrag ur ursprungligt kontrollexemplar T5 (registreringsnummer, datum, utfärdande kontor och land):….

Il-kaxxa B 'Ibgħat lura lil…' tal-formola T5 għandha tinkludi l-informazzjoni murija fil-kaxxa korrispondenti ta' l-ewwel formola T5.

Waħda mill-frażijiet li ġejjin għandhom jiddaħħlu fil-kaxxa J 'Kontrolli fuq l-użu u/jew destinazzjoni' tal-formola T5 tal-bidu:

— … (número) extractos expedidos — copias adjuntas

— … (antal) udstedte udskrifter — kopier vedføjet

— … (Anzahl) Auszüge ausgestellt — Durchschriften liegen bei

— … (αριθμός) εκδοθέντα αποσπάσματα — συνημμένα αντίγραφα

— … (number) extracts issued — copies attached

— … (nombre) extraits délivrés — copies ci-jointes

— … (numero) estratti rilasciati — copie allegate

— … (aantal) uittreksels afgegeven — kopieën bijgevoegd

— … (número) de extractos emitidos — cópias juntas

— Annettu… (lukumäärä) otetta — jäljennökset liitteenä

— … (antal) utdrag utfärdade — kopier bifogas.

Il-kopja ta' kontroll T5 tal-bidu għandha tintbagħat lura mingħajr dewmien fl-indirizz li jidher fil-kaxxa B 'Ibgħat lura lil…', il-formola T5, flimkien mal-kopji tas-siltiet maħruġa.

L-uffiċċju fejn isir il-qsim għandu jżomm kopja tal-kopja ta' kontroll T5 tal-bidu u l-estratti. L-oriġinali ta' l-estratti tal-kopji ta' kontroll T5 għandhom ikunu ma 'kull parti tal-kunsinna maqsuma lill-uffiċċji tad-destinazzjoni korrispondenti fejn jiġu applikati d-dispożizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 912c.

3. Fil-każ ta' aktar qsim skond il-paragrafu 1, il-paragrafu 2 għandu jiġi applikat *mutatis mutandis*.

L-Artikolu 912f

1. Il-kopja ta' kontroll T5 tista' tinħareġ b'mod retrospettiv bil-kondizzjoni li:

— il-persuna interessata ma tkunx responsabbli li naqset li tapplika għal jew toħroġ dak id-dokument meta ntbagħtu l-oġġetti jew tista' ġġib prova li n-nuqqas ma kienx minħabba xi qerq jew negliġenza fuq in-naħa tagħha,

— il-persuna interessata ġġib prova li l-kopja ta' kontroll T5 hija konnessa ma' l-oġġetti li dwarhom ikunu saru l-formalitajiet kollha,

— il-persuna interessata tipproduċi d-dokumenti mitluba għall-ħruġ ta' l-imsemmija kopja ta' kontroll T5,

— jiġi stabbilit b'mod li jissodisfa l-awtoritajiet kompetenti li l-ħruġ b'lura tal-kopja ta' kontroll T5 ma jistax iġib benefiċċji finanzjarji li ma jkunux ġustifikati fid-dawl tal-proċedura użata, l-istatus doganali ta' l-oġġetti u l-użu u/jew destinazzjoni tagħhom.

Meta l-kopja ta' kontroll T5 tinħareġ wara, il-formola T5 għandha tinkludi waħda mill-frażijiet li ġejjin:

— Expedido *a posteriori*

— Udstedt efterfølgende

— nachträglich ausgestellt

— Εκδοθέν εκ των υστέρων

— Issued retrospectively

— Délivré a posteriori

— Rilasciato a posteriori

— achteraf afgegeven

— Emitido a posteriori

— Annettu jälkikäteen

— Utfärdat i efterhand

u l-persuna interessata għandha ddaħħal fuqha l-identità tal-mezzi tat-trasport li bihom l-oġġetti ntbagħtu, id-data tat-tluq u, jekk ikun xieraq, id-data li fiha l-oġġetti ġew preżentati fl-uffiċċju tad-destinazzjoni.

2. Il-kopji duplikati tal-kopji ta' kontroll T5 u l-estratti mill-kopji ta' kontroll T5 jistgħu jinħarġu mill-uffiċċju li joħroġhom fuq it-talba tal-persuna interessata fil-każ li jintilfu l-oriġinali. Id-duplikat għandu jkollu fuqu t-timbru ta' l-uffiċċju u l-firma ta' l-uffiċjal kompetenti u waħda mill-kelmiet li ġejjin f'ittri ħomor stampati:

— DUPLICADO

— DUPLIKAT

— DUPLIKAT

— ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ

— DUPLICATE

— DUPLICATA

— DUPLICATO

— DUPLICAAT

— SEGUNDA VIA

— KAKSOISKAPPALE

— DUPLIKAT.

3. Il-kopji ta' kontroll T5 maħruġa b'lura u d-duplikati jistgħu jiġu annotati mill-uffiċċju tad-destinazzjoni biss meta dak l-uffiċċju jistabbilixxi li l-oġġetti li jaqgħu taħt id-dokument konċernat ġew assenjati għall-użu u/jew destinazzjoni pprovduti jew ordnati mir-regoli tal-Komunità.

L-Artikolu 912 g

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru jistgħu, skond l-intenzjoni tal-kompetenza tagħhom, jawtorizzaw lil xi persuna li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4 u li bi ħsiebha tikkunsinna l-oġġetti li tagħhom trid issir kopja ta' kontroll T5 (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa 'il-kunsinnjant awtorizzat') li ma tippreżentax fl-uffiċċju tat-tluq jew l-oġġetti konċernati jew il-kopja ta' kontroll T5 li tkoprihom.

2. Fir-rigward ta' kopja ta' kontroll T5 użata mill-kunsinnjanti awtorizzati, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu:

(a) jordnaw l-użu ta' formoli li jkollhom fuqhom marka distintiva bħala mezz li jidentifika l-kunsinnjanti awtorizzati;

(b) jistipulaw li l-kaxxa A tal-formola, 'Uffiċċju tat-tluq':

— tiġi stampata minn qabel bit-timbru ta' l-uffiċċju tat-tluq u ffirmata minn uffiċjal ta' dak l-uffiċċju jew

— tiġi ttimbrata mill-kunsinnjant awtorizzat b'timbru speċjali tal-metall approvat li jaqbel mal-kampjun fl-Anness 62, jew

— tiġi stampata minn qabel bit-timbru speċjali li jaqbel mal-kampjun fl-Anness 62 jekk tiġi stampata minn stampatur approvat għal dak l-iskop. Dan it-timbru jista' jsir ukoll b'sistema elettronika integrata jew b'sistema awtomatika li tipproċessa l-informazzjoni;

(ċ) jawtorizzaw lill-kunsinnjant awtorizzat biex ma jiffirmax formoli stampati bit-timbru speċjali approvata msemmija fl-Anness 62 li jsiru b'sistema elettronika integrata jew b'sistema awtomatika li tipproċessa l-informazzjoni. F'dan il-każ, fl-ispazju mħolli għall-firma tad-dikjarant fil-kaxxa 110 tal-formoli għandha tinkludi waħda minn dawn il-frażijiet li ġejjin:

— Dispensa de la firma, artículo 912 octavo del Reglamento (CEE) n° 2454/93

— Underskriftsdispensation, artikel 912 g i forordning (EØF) nr. 2454/93

— Freistellung von der Unterschriftsleistung, Artikel 912 g der Verordnung (EWG) Nr. 2454/93

— Απαλλαγή από την υποχρέωση υπογραφής, άρθρο 912 ζ του κανονισμού (ΕΟΚ) αριθ. 2454/93

— Signature waived — Article 912 g of Regulation (EEC) No 2454/93

— Dispense de signature, article 912 octies du règlement (CEE) n° 2454/93

— Dispensa dalla firma, articolo 912 octies del regolamento (CEE) n. 2454/93

— Vrijstelling van ondertekening — artikel 912 octies van Verordening (EEG) nr. 2454/93

— Dispensada a assinatura, artigo 912.° — G do Regulamento (CE) n. 2454/93

— Vapautettu allekirjoituksesta — asetuksen (ETY) N:o 2454/93 912 g artikla

— Befriad från underskrift, artikel 912 g i förordning (EEG) nr 2454/93.

3. Il-kunsinnjant awtorizzat għandu jimla l-kopja ta' kontroll T5, u jdaħħal id-dettalji mitluba, inklużi:

— fil-kaxxa A ('Uffiċċju tat-tluq') id-data li fiha l-oġġetti ġew ikkunsinnati u n-numru allokat lid-dikjarazzjoni, u

— fil-kaxxa D ('Kontroll mill-uffiċċju tat-tluq)' tal-formola T5 waħda mill-attestazzjonijiet li ġejjin:

— Procedimiento simplificado, artículo 912 octavo del Reglamento (CEE) n° 2454/93

— Forenklet fremgangsmåde, artikel 912 g i forordning (EØF) nr. 2454/93

— Vereinfachtes Verfahren, Artikel 912 g der Verordnung (EWG) Nr. 2454/93

— Απλουστευμένη διαδικασία, άρθρο 912 ζ) του κανονισμού (ΕΟΚ) αριθ. 2454/93

— Simplified procedure — Article 912 g of Regulation (EEC) No 2454/93

— Procédure simplifiée, article 912 octies du règlement (CEE) n° 2454/93

— Procedura semplificata, articolo 912 octies del regolamento (CEE) n. 2454/93

— Vereenvoudigde procedure, artikel 912 octies van Verordening (EEG) nr. 2454/93

— Procedimento simplificado, artigo 912.° — G do Regulamento (CE) n.° 2454/93

— Yksinkertaistettu menettely — asetuksen (ETY) N:o 2454/93 912 g artikla

— Förenklat förfarande, artikel 912 g i förordning (EEG) nr 2454/93

u, fejn approprjat, dettalji dwar il-perjodu li fih l-oġġetti għandhom jiġu preżentati fl-uffiċċju tad-destinazzjoni, il-miżuri ta' identifikazzjoni li ġew applikati u r-referenzi għad-dokument tat-tluq.

Dik il-kopja, mimlija kif imiss u, fejn ikun xieraq, iffirmata mill-kunsinnjant approvat, għandha titqies li nħarġet mill-uffiċċju indikat mit-timbru msemmija fil-paragrafu 2(b).

Wara li jintbagħtu l-oġġetti, il-kunsinnjant awtorizzat għandu mingħajr dewmien jibgħat lill-uffiċċju tat-tluq il-kopja ta' kontroll T5, flimkien ma' xi dokument li fuq il-bażi tiegħu tfasslet il-kopja ta' kontroll T5.

4. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata biss lill-persuni li jikkunsinnaw oġġetti ta' spiss, li d-dokumentazzjoni tagħhom tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jikkontrollaw it-xogħol tagħhom u li ma għamlux reati serji jew ripetuti kontra l-leġislazzjoni li jkun hemm fis-seħħ.

L-awtorizzazzjoni għandha tispeċifika speċjalment:

— l-uffiċċju jew l-uffiċċji kompetenti li jagħmluha ta' uffiċċji tat-tluq għall-kunsinni,

— il-perjodu li fih, u l-proċedura li biha, il-kunsinnjant awtorizzat għandu jgħarraf lill-uffiċċju tat-tluq bil-kunsinna li se tintbagħat, biex dak l-uffiċċju jkun jista' jagħmel il-kontrolli kollha, inklużi dawk mitluba mir-regoli tal-Komunità, qabel it-tluq ta' l-oġġetti,

— il-perjodu li fih l-oġġetti għandhom jiġu ppreżentati fl-uffiċċju tad-destinazzjoni; dan il-perjodu għandu jiġi stabbilit b'mod konformi mal-kondizzjonijiet tat-trasport jew mir-regoli tal-Komunità,

— il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġu identifikati l-oġġetti, li jistgħu jinkludu l-użu tas-siġilli speċjali approvati mill-awtoritajiet kompetenti u mwaħħla mill-kunsinnjant awtorizzat,

— il-mezzi biex jiġu pprovduti l-garanziji meta l-ħruġ tal-kopja ta' kontroll T5 issir fuq dik il-kondizzjoni.

5. Il-kunsinnjant awtorizzat għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jiżgura s-salvagwardja tat-timbru speċjali jew tal-formoli li jkollhom fuqhom it-timbru ta' l-uffiċċju tat-tluq jew il-marka tat-timbru speċjali.

Il-kunsinnjant awtorizzat għandu jieħu fuq spallejh il-konsegwenzi kollha, speċjalment il-konsegwenzi finanzjarji, ta' żbalji, nuqqasijiet jew nuqqasijiet oħra fil-kopji ta' kontroll T5 li jfassal jew fil-qadi tal-proċeduri li jaqgħu fuqu skond l-awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1.

Fil-każ ta' l-użu ħażin minn xi persuna tal-formoli tal-kopja ta' kontroll stampati minn quddiem bit-timbru ta' l-uffiċċju tat-tluq jew bit-timbru speċjali, il-kunsinnjatur awtorizzat huwa responsabbli, mingħajr preġudizzju għall-proċeduri kriminali kollha, għall-ħlas tad-dazji jew ħlasijiet oħra li ma thallsux u għall-ħlas lura ta' kull benefiċċju finanzjarju li nkiseb bil-qerq wara dan l-użu ħażin, sakemm ma jissodisfax lill-awtoritajiet kompetenti li ġie awtorizzat minnhom li ħa l-miżuri kollha mitluba biex jiżgura s-salvagwardja tat-timbru speċjali jew tal-formoli li jkollhom fuqhom stampat it-timbru ta' l-uffiċċju tat-tluq jew stampat it-timbru speċjali."

13. L-Anness 1A, kif jidher fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, qiegħed jiġi mdaħħal.

14. L-Annessi 2 sa 5, 7 u 8 huma mħassra.

15. L-Anness 14 huwa mibdul bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

16. L-Anness 15 huwa mibdul bit-test fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

17. L-Annessi 19 u 20 huma mħassra.

18. L-Anness 26 huwa emendat skond l-Anness IV ta' dan.

19. L-Anness 27 huwa mibdul bl-Anness V ta' dan.

20. L-Annessi 39, 40 u 41 huma mħassra.

21. Fl-Anness 62, ir-referenza għall-Artikolu 491 fin-nota 1 ta' taħt hija mibdula b'referenza għall-Artikolu 912 g.

22. Il-faċċata tal-kopji 1 u 2 tal-mudell fl-Anness 63 hija mibdula bl-Anness VI għal dan.

23. L-Anness 66 huwa mibdul bl-Anness VII għal dan.

24. L-Anness 87 huwa emendat skond l-Anness VIII għal dan.

L-Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' l-Artikoli 292(2) u 293(1), l-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw l-arranġamenti li jeżistu sakemm jinbidel l-Anness 67.

Il-formoli mniżżla fl-Artikolu 1, il-punt 22 li kienu jintużaw qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jistgħu jkomplu jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet iżda f'kull każ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2001, basta jsiru l-bidliet editorjali meħtieġa.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Il-punti 4 u 14 ta' l-Artikolu 1 japplikaw mill-1 ta' Lulju 2000.

Il-punti 1, 2, 3, 7, 13 u 20 ta' l-Artikolu 1 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2001.

Dan-Ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Lulju 2000.

Għall-Kummissjoni

Frederik BOLKESTEIN

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

"L-ANNESS IA

APPLIKAZZJONI GĦAL INFORMAZZJONI DWAR TARIFFA LI TORBOT (BTI)

KOMUNITÀ EWROPEA **APPLIKAZZJONI GĦAL INFORMAZZJONI DWAR IT-TARIFFA (BTI)**

1. **Applikant (isem sħiħ u indirizz)**

☐

Numru tat-telefon:
Numru tal-*fax*:
Numru ta' identifikazzjoni doganali:

2. **Detentur (isem sħiħ u indirizz)** (Konfidenzjali)

Numru tat-telefon:
Numru tal-*fax*:
Numru ta' identifikazzjoni doganali:

3. **Aġent jew rappreżentant (isem sħiħ u indirizz)**

Numru tat-telefon:
Numru tal-*fax*:
Numru ta' identifikazzjoni doganali:

Għal użu uffiċjali

Numru ta' reġistrazzjoni:
Post tal-wasla:
Data tal-wasla: Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ jum ☐☐
Il-lingwa ta' l-applikazzjoni BTI:

Xbihat li jridu jiġu skannjati: Iva: ☐ Le... Le ☐
Data tal-ħruġ: Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ jum ☐☐
Uffiċjal tal-ħruġ:
Il-kampjuni kollha ritornati: ☐

Nota importanti

Bl-iffirmar tad-dikjarazzjoni l-applikant jaċċetta r-responsabbiltà għar-reqqa u l-kompletezza tad-dettalji mogħtija f'din il-formola u f'kull folja ta' kontinwazzjoni preżentata magħha. L-applikant jaċċetta li din l-informazzjoni u kull ritratt(i) jistgħu jiġu maħżuna fuq *database* tal-Kummissjoni Ewropea.

4. **Ħruġ mill-ġdid ta' BTI**

Jekk inti qiegħed tapplika għal ħruġ mill-ġdid ta' BTI, jekk jogħġbok imla din il-kaxxa.

Numru ta' referenza tal-BTI:
Valida minn: Sena ☐☐☐☐ Xagħar ☐☐ jum ☐☐
Kodiċi tan-nomenklatura: .....

5. **Nomenklatura doganali**

Jekk jogħġbok indika f'liema nomenklatura l-oġġetti għandhom jiġu klassifikati:

☐ Sistema Armonizzata (HS)
☐ Nomenklatura Magħquda (NM)
☐ TARIC
☐ Nomenklatura ta' Rifużjoni
☐ Ohrajn (speċifika): .....

6. **Tip ta' transazzjoni**

Din l-applikazzjoni hija relatata ma' importazzjoni jew esportazzjoni attwalment prevista?

Iva: ☐ Le ☐

7. **Klassifikazzjoni prevista**

Jekk jogħġbok indika fejn fil-fehma tiegħek għandhom jiġu klassifikati l-oġġetti.

Kodiċi tan-nomenklatura: .....

8. **Deskrizzjoi ta' l-oġġetti**

Fejn ikun meħtieġ inkludi l-komposizzjoni preċiża ta' l-oġġetti, il-metodu ta' analiżi użat, it-tip ta' proċess ta' manifattura mwettaq, il-valur inklużi l-komponenti, l-użu ta' l-oġġetti, l-isem kummerċjali normalment użat u fejn xieraq, l-ippakkjar għall-bejgħ bl-imnut fil-kas ta' settijiet ta' oġġetti *(Jekk jogħġbok uża folja separata jekk teħtieġ iktar spazju).*

9. **Denominazzjoni kummerċjali u informazzjoni addizzjonali (*)** (Kunfidenzjali)

10. **Kampjuni, eċċ.**
Jekk jogħġbok indika liema minn dawn huma inklużi ma' l-applikazzjoni tiegħek:

Deskrizzjoni ☐ Fuljetti ☐ Ritratti ☐ Kampjuni ☐ Oħrajn ☐

Tixtieq li l-kampjuni jiġu ritornati lilek? Iva ☐ Le ☐
L-ispejjeż speċjali li jintefqu mill-Kummissjoni bħala riżultat ta' l-analiżi tal-kampjuni, ir-rapporti ta' l-esperti u r-ritorn tal-kampjuni jistgħu jkun irid jagħmel tajjeb għalihom l-applikant.

11. **Applikazjzonijiet BTI Oħrajn (*) u BTI oħrajn miżmuma (*)**

Jekk jogħġbok indika jekk applikajtx, jew jekk inħariġlekx, BTI għal oġġetti simili f'Uffiċċji Doganali oħra jew fi Stati Membri oħrajn.

Iva ☐ Le ☐ agħti d-dettalji u ehmeż fotokopja tal-BTI:

Pajjiż ta' l-applikazzjoni:
Post ta' l-applikazzjoni:
Post ta' l-applikazzjoni: Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ jum ☐☐
Referenza tal-BTI:
Valida minn: Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ jum ☐☐
Kodiċi tan-nomenklatura:

Pajjiż ta' l-applikazzjoni:
Post ta' l-applikazzjoni:
Post ta' l-applikazzjoni: Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ jum ☐☐
Referenza tal-BTI:
Valida minn: Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ jum ☐☐
Kodiċi tan-nomenklatura:

12. **BTI maħruġa lil detenturi oħrajn**

Jekk jogħġbok indika jekk tafx li diġà inħarġet BTI għal prodotti simili jew identiċi lil detenturi oħrajn.

Iva ☐ Le ☐ Jekk iva, agħti d-dettalji:

Pajjiż tal-ħruġ:
Referenza tal-BTI:
Valida minn: Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ jum ☐☐
Kodiċi tan-nomenklatura:

Pajjiż tal-ħruġ:
Referenza tal-BTI:
Valida minn: Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ jum ☐☐
Kodiċi tan-nomenklatura:

13. **Data u firma**

Ir-referenza tiegħek:
Data: Sena ☐☐☐☐ Xahar ☐☐ jum ☐☐

Firma:

Għal użu uffiċjali

(*) Jekk jogħġbok uża folja separata jekk teħtieġ iktar spazju."

L-ANNESS II

"L-ANNESS 14

NOTI TA' INTRODUZZJONI GĦAL-LISTA FL-ANNESS 15

Nota 1:

Il-lista tagħti l-kondizzjonijiet meħtieġa mill-prodotti kollha biex dawn jiġu meqjusa bħala maħduma jew ipproċessati biżżejjed skond it-tifsira ta' l-Artikolu 69 u 100.

Nota 2:

2.1. L-ewwel żewġ kolonni fil-lista jiddeskrivu dak li jikseb il-prodott. L-ewwel kolonna tagħti n-numru ta' l-intestatura jew in-numru tal-kapitolu użat fis-Sistema Armonizzata u t-tieni kolonna tagħti d-deskrizzjoni ta' l-oġġetti użati f'dik is-sistema għal dik l-intestatura jew kapitolu. Għal kull skrizzjoni fl-ewwel żewġ kolonni hija speċifikata regola fil-kolonna 3 jew 4. Meta, f'xi każijiet, l-iskrizzjoni fl-ewwel kolonna hija preċeduta b"ex' quddiemha, dan ifisser li r-regoli fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw biss għall-parti ta' l-intestatura kif deskritt fil-kolonna 2.

2.2. Meta diversi numri ta' intestaturi huma magħquda flimkien fil-kolonna 1 jew meta jingħata n-numru ta' xi kapitolu u d-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 għalhekk tingħata f'termini ġenerali, ir-regoli li ma' ġenbhom fil-kolonna 3 japplikaw għall-prodotti kollha li, skond is-Sistema Armonizzata, huma klassifikati fl-intestaturi tal-kapitolu jew xi waħda mill-intestaturi magħquda flimkien fil-kolonna 1.

2.3. Meta jkun hemm regoli differenti fil-lista li japplikaw għal prodotti differenti f'xi intestatura, kull inċiż fih deskrizzjoni ta' dik il-parti ta' l-intestatura li taqa' taħt ir-regoli ta' maġenbu fil-kolonni 3 u 4.

2.4. Meta, għal xi skrizzjoni fl-ewwel żewġ kolonni, hija speċifikata regola fiż-żewġ kolonni 3 u 4, l-esportatur jista' jagħżel li, bħala alternattiva, japplika jew ir-regola mniżżla fil-kolonna 3 jew dik imniżżla fil-kolonna 4. Jekk ma jingħatawx regoli ta' oriġini fil-kolonna 4, ir-regola mniżżla fill-kolonna 3 għandha tiġi applikata.

Nota 3:

3.1. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 69 u 100, dwar prodotti li jkunu kisbu status ta' oriġini li jiġu użati fil-manifattura ta' prodotti oħra, japplikaw, ukoll jekk l-istatus ġie miksub ġewwa l-fabbrika fejn dawn il-prodotti jintużaw jew f'xi fabbrika oħra fil-pajjiż jew repubblika benefiċjarja jew fil-Komunità.

Eżempju:

Magna ta' l-intestatura Nru 8407, li għaliha r-regola tgħid li l-valur tal-materjali li ma joriġinawx li jistgħu jiġu inkorporati ma jistax jaqbeż l-40 % tal-prezz *ex-works*, hija magħmula minn 'azzar ieħor imħallat iffurmat b'mod goff bil-forġa' ta' l-intestatura Nru ex 7224.

Jekk dan ix-xogħol tal-forġa sar f'pajjiż jew repubblika benefiċjarja minn ingotta li ma toriġinax, ikun diġà kiseb status ta' oriġini bis-saħħa tar-regola għall-intestatura Nru ex 7224 fil-lista. Dan ix-xogħol tal-forġa jista' mbagħad jgħaddi bħala li oriġina fil-kalkolu tal-valur għall-magna, minkejja jekk ġiex prodott fl-istess fabbrika jew f'xi fabbrika oħra fil-pajjiż jew repubblika benefiċjarja. Il-valur ta' l-ingotta li ma toriġinax huwa b'hekk mhux kunsidrat meta jingħadd il-valur tal-materjali użati li joriġinaw.

3.2. Ir-regola fil-lista tirrappreżenta l-anqas ammont ta' xogħol jew ipproċessar mitlub, u l-fatt li jsir aktar xogħol jew ipproċessar jagħti wkoll status ta' oriġini; għall-kuntrarju, il-fatt li jsir anqas xogħol jew ipproċessar ma jistax jagħti status ta' oriġini. Għalhekk jekk xi regola tiddisponi li xi materjal li ma joriġinax, fuq ċertu livell tal-manifattura, jista' jintuża, l-użu ta' dan il-materjal fi stadju aktar bikri fil-manifattura huwa permess, u l-użu ta' dan il-materjal fi stadju aktar tard m'huwiex.

3.3. Minħajr preġudizzju għan-Nota 3.2, meta xi regola tgħid li 'materjali ta' kull intestatura' jistgħu jintużaw, materjali ta' l-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw ukoll, iżda, taħt il-limitazzjonijiet speċifiċi kollha li jistgħu jinsabu wkoll fir-regola. Madanakollu, il-kliem 'manifattura minn materjali ta' kull intestatura, inklużi materjali oħra ta' l-intestatura Nru.…' ifisser li l-materjali klassifikati fl-istess intestatura bħall-prodott u ta' deskrizzjoni differenti minn dik tal-prodott kif mogħtija fil-kolonna 2 tal-lista biss jistgħu jintużaw.

3.4. Meta xi regola fil-lista tispeċifika li xi prodott jista' jiġi manifatturat minn aktar minn materjal wieħed, dan ifisser li jistgħu jintużaw materjal wieħed jew aktar. M'hemmx għalfejn jintużaw kollha.

Eżempju:

Ir-regola għad-drappijiet ta' l-intestatura Nri 5208 sa 5121 tipprovdi li l-fibri naturali jistgħu jintużaw u li l-materjali kimiċi, fosthom materjali oħra, jistgħu jintużaw ukoll. Dan ma jfissirx li għandhom jintużaw it-tnejn; huwa possibbli li jintuża wieħed jew l-ieħor, jew it-tnejn.

3.5. Meta xi regola fil-lista tispeċifika li xi prodott għandu jiġi manifatturat minn xi materjal partikolari, ovvjament il-kondizzjoni ma twaqqafx l-użu ta' materjali oħra li, minħabba l-istess natura tagħhom ma jistgħux jissodisfaw din ir-regola. (Ara wkoll in-Nota 6.2 ta' hawn taħt fir-rigward tat-tessuti).

Eżempju:

Ir-regola għall-ikel ippreparat ta' l-intestatura Nru 1904, li teskludi speċifikament l-użu taċ-ċerejali u dak li joħroġ minnhom, ma twaqqafx l-użu ta' l-imluħa minerali, kimiċi u additivi oħra li m'humiex prodotti miċ-ċereali.

Madanakollu, dan ma japplikax għall-prodotti li, għalkemm ma jistgħux jiġu manifatturati mill-materjali partikolari speċifikati fil-lista, jistgħu jiġu prodotti minn xi materjal ta' l-istess natura fi stadju aktar kmieni tal-manifattura.

Eżempju:

Fil-każ ta' xi biċċa ta' l-ilbies ta' l-ex Kapitolu 62 magħmula minn materjali li m'humiex minsuġa, jekk l-użu ta' ħjut li ma joriġinawx biss huma permessi għal din il-klassi ta' l-Artikolu, m'huwiex possibli li tibda minn drapp mhux minsuġ ukoll jekk drappijiet li m'humiex minsuġa normalment ma jistgħux isiru mill-ħjut. F'dawn il-każijiet, il-materjal tal-bidu jkun normalment fl-istadju ta' qabel l-insiġ, jiġifieri, l-istadju tal-fibra.

3.6. Meta, f'regola fil-lista, jingħataw żewġ perċentwali għall-valur massimu ta' materjali li ma joriġinawx li jistgħu jintużaw, mela dawn il-perċentwali ma jistgħux jingħaddu flimkien. Fi kliem ieħor, il-valur massimu tal-materjali kollha li ma joriġinawx użati qatt ma jista' jaqbeż l-ogħla wieħed mill-perċentwali mogħtija. Barraminnhekk, il-perċentwali individwali ma jistgħux jinqabżu, fir-rigward tal-materjali partikolari li japplikaw għalihom.

Nota 4:

4.1. Il-kliem 'fibri naturali' jintużaw fil-lista biex jirreferu għall-fibri li m'humiex artifiċjali jew sintetiċi. Dan huwa ristrett għall-istadji qabel ma jsir l-għażil, inkluż l-iskart, u, kemm-il darba ma jkunx speċifikat mod ieħor, jinkludi fibri li ġew imqardxa, mimxuta jew ipproċessati b'xi mod ieħor, iżda mhux minsuġa.

4.2. Il-kliem 'fibri naturali' jinkludi xagħar taż-żwiemel ta' l-intestatura Nru 0503, ħarir ta' l-intestatura Nri 5002 u 5003, kif ukoll fibri tas-suf u xagħar ta' l-annimali fin u ħorox ta' l-intestatura Nri 5101 sa 5105, fibri tal-qoton ta' l-intestatura Nri 5201 sa 5203, u fibri oħra veġetali ta' l-intestatura Nri 5301 sa 5305.

4.3. Il-kliem 'polpa tat-tessut', 'materjali kimiċi' u 'materjali għall-manifattura tal-karta' huma użati fil-lista biex jiddeskrivu l-materjali, li m'humiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63, li jistgħu jintużaw biex jiġu manifatturati fibri jew ħjut artifiċjali jew sintetiċi jew għall-karta.

4.4. Il-kliem 'fibri prinċipali magħmula mill-bniedem' jintuża fil-lista biex jirreferi għall-istoppa tal-filament sintetika jew artifiċjali, fibri prinċipali jew skart, ta' l-intestatura Nri 5501 sa 5507.

Nota 5:

5.1. Meta, fir-rigward ta' xi prodott fil-lista jkun hemm referenza għal din in-Nota, il-kondizzjonijiet imniżżla fil-kolonna 3 m'għandhomx jiġu applikati għal xi materjali tessili bażiċi użati fil-manifattura ta' dan il-prodott u li, meta meħuda flimkien, jirrappreżentaw 10 % jew anqas mill-piż kollu tal-materjali tessili bażiċi użati. (Ara wkoll in-Noti 5.3 u 5.4).

5.2. Madanakollu, it-tolleranza msemmija fin-Nota 5.1 tista' tiġi applikata biss għall-prodotti mħallta li saru minn żewġ materjali tessili bażiċi jew aktar.

Dawn li ġejjin huma l-materjali tessili bażiċi:

— il-ħarir,

— is-suf,

— ix-xagħar aħrax ta' l-annimali,

— ix-xagħar fin ta' l-annimali,

— ix-xagħar taż-żiemel,

— il-qoton,

— il-materjali li minnhom issir il-karta u l-karta,

— il-qanneb,

— il-qanneb ta' veru,

— il-ġuta u l-fibri tessili oħra tat-tilju,

— is-sisal u l-fibri tessili oħra tal-ġenus *Agave*,

— il-ġewż ta' l-indi, il-manilla, ir-rami u l-fibri tessili oħra veġetali,

— il-filamenti sintetiċi magħmula mill-bniedem,

— il-filamenti artifiċjali magħmula mill-bniedem,

— il-filamenti li jgħaddu l-kurrent,

— il-fibri prinċipali tal-*polypropylene* magħmula mill-bniedem,

— il-fibri sintetiċi prinċipali tal-*polyester* magħmula mill-bniedem,

— il-fibri sintetiċi prinċipali tal-*polyamide* magħmula mill-bniedem,

— il-fibri sintetiċi prinċipali tal- *polyarcylonitrile*, magħmula mill-bniedem,

— il-fibri sintetitiċi prinċipali tal-*polyamide* magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal-*polytetrafluoroethylene*, magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal- *polyphenylene sulphide* magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal- *polyvinyl chloride* magħmula mill-bniedem,

— il-fibri l-oħra prinċipali sintetiċi magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali artifiċjali tal-viskoża magħmula mill-bniedem,

— il-fibri oħra prinċipali artifiċjali magħmula mill-bniedem,

— ħajt magħmul mill-*polyurethane* imqassam f'taqsimiet flessibli tal-*polyether*, kemm jekk ikun mibrum u kemm m'huwiex,

— ħajt magħmul mill- *polyurethane* imqassam f'taqsimiet flessibli tal-*polyester*, kemm jekk ikun mibrum u kemm jekk m'huwiex,

— il-prodotti ta' l-intestatura tal-5605 (ħjut metallizzati) li jkollhom fihom strippa li tikkonsisti f'qalba ta' strippa ta' l-alulminju jew qalba ta' strat irqiq ħafna tal-plastik kemm jekk miksi bit-trab ta' l-aluminju, ta' wesgħa ta' mhux aktar minn 5 mm, mqiegħed b'xi adeżiv trasparenti jew ikkulurit bejn żewġ strati irqaq ħafna tal-plastik,

— prodotti oħra ta' l-intestatura Nru 5605.

Eżempju:

Il-ħajt, ta' l-intestatura Nru 5205, magħmul minn fibri tal-qoton ta' l-intestatura Nru 5203 u fibri prinċipali sintetiċi ta' l-intestatura Nru 5506, huwa ħajt imħallat. Għalhekk, fibri prinċipali sintetiċi li ma joriġinawx li ma jissodisfawx ir-regoli ta' oriġini (li jitolbu l-manifattura minn materjali kimiċi jew polpa tessili) jistgħu jintużaw sal-piż ta' 10 % tal-ħajt.

Eżempju:

Id-drapp tas-suf, ta' l-intestatura Nru 5112, magħmul minn ħajt tas-suf ta' l-intestatura Nru 5107 u l-ħajt sintetiku tal-fibri prinċipali ta' l-intestatura Nru 5509, huwa drapp imħallat. Għalhekk, ħajt sintetitku li ma jissodisfax ir-regoli ta' l-oriġini (li jitolbu manifattura minn materjali kimiċi jew polpa tessili), jew ħajt tas-suf li ma jissodisfax ir-regoli ta' l-oriġini (li jitolbu l-manifattura minn fibri naturali, mhux mqardxa jew mimxuta jew imlestija b'xi mod ieħor għall-insiġ), jew taħlita tat-tnejn, jista jintuża sakemm il-piż kollu tiegħu ma jaqbiżx l-10 % tal-piż tad-drapp.

Eżempju:

Id-drapp tessili bit-tnietex, ta' l-intestatura Nru 5802, magħmul minn ħajt tal-qoton ta' l-intestatura Nru 5205 u drapp tal-qoton ta' l-intestatura Nru 5210, huwa prodott imħallat biss jekk id-drapp tal-qoton huwa nnifsu magħmul minn ħjut klassifikati taħt żewġ intestaturi separati, jew jekk il-ħjut tal-qoton użati huma mħallta huma stess.

Eżempju:

Jekk id-drapp tessili bit-tnietex inkwistjoni kien sar minn ħajt tal-qoton ta' l-intestatura Nru 5205 u drapp sintetiku ta' l-intestatura Nru 5407, imbagħad, huwa ovvju, li l-ħjut użati għaż-żewġ materjali tessili bażiċi u d-drapp tessili bit-tnietex huma, skond dan li ntqal, prodott imħallat.

5.3. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw 'ħajt magħmul mill-*polyurethane* mfelli bi flieli flessibbli tal-*polyether*, kemm jekk mibrum kemm jekk m'huwiex', din it-tolleranza hija ta' 20 % fir-rigward ta' dak il-ħajt.

5.4. Fil-każ ta' prodotti li jkun fihom 'strippa li tikkonsisti f'qalba ta' strat irqiq ta' l-aluminju jew strat irqiq tal-plastik kemm jekk miksi bit-trab ta' l-aluminju u kemm jekk le, tal-wisa ta' 5 mm, mqiegħed permezz ta' xi adeżiv bejn żewġ strati rqaq tal-plastik', din it-tolleranza hija ta' 30 % fir-rigward ta' din l-istrippa.

Nota 6:

6.1. Meta, fil-lista ssir referenza għal din in-Nota, il-materjali tessili (ħlief inforor jew inforor tan-nofs), li ma jissodisfawx ir-regola mniżżla fil-lista tal-kolonna 3 għall-prodott imlesti konċernat, jistgħu jintużaw, sakemm huma klassifikati f'xi intestatura oħra li m'hijiex dik tal-prodott u l-valur tagħhom ma jaqbiżx it-8 % tal-prezz *ex-works* tal-prodott.

6.2. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 6.3, il-materjali, li m'humiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63, jistgħu jintużaw liberament fil-manifattura tal-prodotti tessili, kemm jekk jkunu jinsabu fihom xi tessili u kemm jekk le.

Eżempju:

Jekk xi regola fil-lista tipprovdi li, għal xi oġġett tessili partikolari (bħal qliezet), għandu jintuża l-ħajt, dan ma jipprevenix l-użu ta' oġġetti tal-metall, bħal buttuni, għaliex il-buttuni m'humiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63. Għall-istess raġuni, ma jipprevenix l-użu ta' żippijiet, ukoll jekk iż-żippijiet normalment ikunu jinkludu xi tessuti.

6.3. Meta tapplika xi regola ta' perċentwal, il-valur tal-materjali li m'humiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 għandhom jiġu meqjusa meta jiġi kkalkulat il-valur tal-materjali li ma joriġinawx li huma inkorporati.

Nota 7:

7.1. Għall-iskopijiet ta' l-intestaturi Nri ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, il-'proċessi speċifiċi' huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni permezz tat-tneħħija ta' l-arja;

(b) distillazzjoni mill-ġdid bi proċess ta' taqsim fi frazzjonijiet magħmul b'reqqa kbira ferm (1);

(ċ) tixqiq;

(d) iffurmar mill-ġdid;

(e) tneħħija permezz ta' solventi selettivi;

(f) il-proċess li jgħaqqad ix-xogħol kollu li ġej: l-ipproċessar b'aċidu sulfuriku konċentrat, oljum jew *sulphuric anhydride*; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija ta' kulur u purifikazzjoni bi trab attiv naturali, trab attivat, faħam tal-kannol jew *bauxite* attivat;

(g) polimerizzazzjoni;

(h) alkilazzjoni;

(i) iżomerizzazzjoni.

7.2. Għall-iskopijiet ta' l-intestaturi Nri 2710, 2711 u 2712, il-'proċessi speċifiċi' huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni bit-tneħħija ta' l-arja;

(b) distillazzjoni mill-ġdid permezz ta' proċess ta' taqsim fil-frazzjonijiet magħmul b'reqqa kbira ferm (2);

(ċ) tixqiq;

(d) iffurmar mill-ġdid;

(e) tneħħja permezz ta' solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinkludi t-xogħol kollu li ġej: l-ipproċessar b'aċidu sulfuriku konċentrat, oljum jew *sulphuric anhydride*; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija ta' kulur u purifikazzjoni bi trab attiv naturalment, trab attivat, faħam tal-kannol attivat jew boksajt;

(g) polimerizzazzjoni;

(h) alkilazzjoni;

(ij) iżomerizzazzjoni;

(k) fir-rigward taż-żjut tqal ta' l-intestatura Nru ex 2710 biss, id-desulfurizzazzjoni bl-idroġenu, li jġib tnaqqis ta' mill-anqas 85 % tal-kontenut tas-sulfat tal-prodotti pproċessati (metodu ASTM D 1266-59 T);

(l) rigward il-prodotti ta' l-intestatura Nru 2710 biss, it-tneħħija tal-parafina b'xi proċess ieħor li mhux l-iffiltrar;

(m) rigward iż-żjut tqal ta' l-intestatura Nru ex 2710 biss, it-trattament bl-idroġenu, taħt pressjoni ta' aktar minn 20 bar u temperatura ta' aktar minn 250 °C, bl-użu ta' katalist, għal xi skop ieħor apparti minn dak biex jġib id-desulfurazzjoni, meta l-idroġenu jkun element attiv f'xi reazzjoni kimika. It-trattament ulterjuri, bl-idroġenu, ta' żjut lubrifikanti ta' l-intestatura Nru ex 2710 (eż. ikkompletar bl-ilma jew tneħħija ta' kulur), sabiex b'mod speċjali jittejbu l-kulur jew l-istabbilità m'huwiex meqjus bħala proċess speċifiku;

(n) rigward żjut karburanti ta' l-intestatura Nru ex 2710 biss, id-distillazzjni atmosferika, bil-kondizzjoni li anqas minn 30 % ta' dawn il-prodotti skond il-volum jiddistilla, inkluż t-telf, taħt 300 °C, bil-metodu ASTM D 86;

(o) rigward iż-żjut tqal l-oħra li m'humiex żjut tal-gass u żjut karburanti ta' l-intestatura Nru ex 2710 biss, it-trattament permezz ta' ħruġ ta' *charge* minn xkupilja ta' l-elettriku ta' frekwenza għolja.

7.3. Għall-iskopijiet ta' l-intestaturi Nri ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, ix-xogħol sempliċi, bħat-tindif, it-tqegħid ġewwa fliexken, it-tneħħija tal-melħ, is-separazzjoni ta' l-ilma, l-iffiltrar, l-għoti ta' kulur, l-immarkar, il-ksib ta' kontenut sulfuriku ġej minn taħlit ta' prodotti b'kontenut sulfuriku differenti, jew kull tagħqid ta' dan ix-xogħol jew xogħol bħalu, ma jagħtux oriġini."

---

(1) Ara n-Nota ta' spjegazzjoni miżjuda 4(b) mal-Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħquda.

(2) Ara n- Nota ta' spjegazzjoni miżjuda 4(b) mal-Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħquda.

L-ANNESS III

"L-ANNESS 15

LISTA TA' XOGĦOL JEW IPPROĊESSAR MEĦTIEĠA LI JSIRU FUQ MATERJALI LI MA JORIĠINAWX BIEX DAK IL-PRODOTT MANIFATTURAT IKUN JISTA' JIKSEB *STATUS* TA' ORIĠINI

Numru ta' l-Intestatura HS	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħtihom status ta' oriġini	
(1)	(2)	(3) jew	(4)
Il-Kapitolu 1	Annimali ħajjin	L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 użati jridu jkunu kompletament miksuba	
Il-Kapitolu 2	Laħam u ġewwieni tal-laħam li jittiekel	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitoli 1 u 2 użati jridu jkunu miksuba kompletament	
Il-Kapitolu 3	Ħut u krustaċej, molluski u invertebrati akwatiċi oħrajn	Manifattura li fiha l–materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati jridu jkunu miksuba kompletament	
ex Il-Kapitolu 4	Prodotti tal-ħalib, bajd ta' l-għasafar, għasel naturali, prodotti li jittieklu ta' oriġini mill-annimali, li m'humiex speċifikati jew inklużi mkien ieħor, minbarra:	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 4.	
0403	Ħalib tal-butir, ħalib u krema mbaqqta, jogurt, kefir u ħalib u krema iffermentati u aċidifikati oħrajn, kemm jekk ikunu konċentrati u kemm jekk le u kemm jekk ikun fihom zokkor miżjud jew xi sustanza ħelwa oħra jew xi essenza jew jekk ikun fihom frott, ġewż jew kakaw miżjud	Manifattura li fiha: — il–materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jridu jkunu miksuba kompletament, — kull meraq tal-frott (ħlief dak ta' l-ananas, tal-lumi aħdar jew tal-grejpfrut) ta' l-intestatura Nru 2009 użat irid diġà jkun joriġina, — il-valur ta' kull materjali tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz *ex-works* tal-prodott	
L-ex Kapitolu 5	Prodotti li joriġinaw mill-annimali, li m'humiex speċifikati jew inklużi mkien ieħor, minbarra:	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 5 jridu jkunu miksuba kompletament	
ex 0502	Xagħar u suf tal-ħnieżer u ħnieżer slavaġ imħejjija	Tindif, disinfettar u tqassim tas-suf u x-xagħar	

(1)	(2)	(3) jew (4)	
Il-Kapitolu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u affarijiet oħrajn ta' din ix-xorta; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali	Manifattura li fiha: — il–materjali kollha tal-Kapitolu 6 użati jridu jkunu miksuba kompletament, — il-valur ta' kull materjali użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz *ex-works* tal-prodott	
Il-Kapitolu 7	Ħxejjex li jittieklu u ċerti għeruq u tuberi	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 7	
Il-Kapitolu 8	Frott u ġewż li jittieklu; qxur tal-frott taċ-ċitru jew bettieħ	Manifattura li fiha: — il-frott u l-ġwież kollha użati jridu jkunu miksuba kompletament, — il-valur ta' kull materjali tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx it-30 % valur tal-prezz *ex-works* tal-prodott	
L-ex Kapitolu 9	Kafè, te, *maté* u ħwawar; minbarra:	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 9	
0901	Kafè, kemm jekk inkaljat jew dekafeinat u kemm jekk le; il-fosdqa u l-qxur tal-kafè; sostituti tal-kafè li jkun fihom il-kafè f'kull proporzjon	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura	
ex 0901	Taħlit ta' ħwawar	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura	
Il-Kapitolu 10	Ċereali	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 10 jridu jkunu miksuba kompletament 10	
L-ex Kapitolu 11	Prodotti ta' l-industrija tad-dħin; xgħir lamtu; inulina; glutina tal-qamħ; minbarra:	Manifattura li fiha ċ-ċereali u l-ħxejjex, l-għeruq u t-tuberi kollha li jittieklu ta' l-intestatura Nru 0714 jew kull frott użat iridu jkunu miksuba kompletament	
ex 1106	Dqiq, qamħ miħun oħxon u trab tal-ħxejjex leguminużi mqadda u bil-qoxra ta' l-intestatura Nru 0713	Tnixxif u ħin ta' ħxejjex leguminużi ta' l-intestatura Nru 0708	
Il-Kapitolu 12	Żerriegħa taż-żejt u frott oliginuż; diversi frott taċ-ċereali, żerriegħa u frott; pjanti industrijali u mediċinali; tiben u għalf tal-bhejjem	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 12 jridu jkunu miksuba kompletament	

(1)	(2)	(3) jew	(4)
1301	Gommalakka; gomma naturali, raża, raża gomma u oleoraża (per eżempju, balsmu)	Manifattura li fiha l-valur ta' kull wieħed mill-materjali użati ta' l-intestatura Nru 1301 ma jistax ikun jeċċedi l-50 % tal-prezz *ex-works* tal-prodott	
1302	L-ilma tal-ħajja u estratti minn ħxejjex; sustanzi pettiċi, *pectinates* u *pectates*; agar-agar u muċillaġġi u sustanzi oħrajn li jħaxxnu, kemm jekk modifikati u kemm jekk le, derivati minn prodotti tal-ħxejjex:		
	— Muċillaġġi u sustanzi li jħaxxnu, modifikati, derivati minn prodotti tal-ħxejjex	Manifattura minn muċillaġġi u sustanzi li jħaxxnu mhux modifikati	
	— Oħrajn	Manifattura li fiha l-valur ta' kull wieħed mill-materjali użati ma jaqbiżx l-50 % tal-prezz *ex-works* tal-prodott	
Il-Kapitolu 14	Materjali għall-immaljar tal-ħxejjex; prodotti tal-ħxejjex li m'humiex speċifikati jew inklużi mkien ieħor	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 14 jridu jkunu miksuba kompletament	
Il-Kapitolu 15	Xaħmijiet ta' l-annimali u tal-ħxejjex u żjut tal-prodotti tal-qsim tagħhom; xaħmijiet imħejjija li jittieklu; xemgħa mill-annimali jew mill-ħxejjex; minbarra:	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura minbarra dik tal-prodott	
1501	Xaħam tal-majjal (inkluż l-ardu) u xaħam tat-tjur, minbarra dak ta' l-intestatura Nru 0209 jew 1503:		
	— Xaħmijiet minn għadam jew skart	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura ħlief dawk ta' l-intestatura Nru 0203, 0206 jew 0207 jew għadam ta' l-intestatura Nru 0506	
	— Oħrajn	Manifattura minn laħam jew ġewwieni li jittiekel tal-ħnieżer ta' l-intestatura Nru 0203 jew 0206 jew ta' laħam u ġewwieni li jittiekel tat-tjur ta' l-intestatura Nru 0207	
1502	Xaħmijiet tal-bhejjem ta' l-ifrat, nagħaġ jew mogħoż, minbarra dawk ta' l-intestatura Nru 1503:		
	— Xaħmijiet minn għadam jew skart	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura ħlief dawk ta' l-intestatura Nru 0201, 0202, 0204 jew 0206 jew għadam ta' l-intestatura Nru 0506	
	— Oħrajn	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 2 użati jridu jkunu miksuba kompletament	

(1)	(2)	(3) jew (4)
1504	Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew mammali tal-baħar, kemm jekk irfinati u kemm jekk le, imma mhux kimikament modifikati:	
	— Frazzjonijiet solidi	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura inklużi materjali oħrajn ta' l-intestatura Nru 1504
	— Oħrajn	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitoli 2 u 3 użati jridu jkunu miksuba kompletament.
ex 1505	Lanolina irfinata:	Manifattura minn grass tas-suf mhux maħdum ta' l-intestatura Nru 1505
1506	Xaħmijiet u żjut oħrajn ta' l-annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk irfinati u kemm jekk le, imma mhux modifikati kimikament:	
	— Frazzjonijiet solidi	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura inklużi materjali oħrajn ta' l-intestatura Nru 1506
	— Oħrajn	Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-Kapitolu 2 jridu jkunu miksuba kompletament
1507-1515	Żjut mill-ħxejjex u l-frazzjonijiet tagħhom:	
	— Żejt tas-sojja, tal-ful selvaġġ ta' l-Amerka tat-Tramuntana, tal-palma, tal-kopra, ta' l-għadma tal-palma, tal-babassu, tat-tung u ta' l-ojtiċika, xemgħa tar-riħana u tal-Ġappun, frazzjonijiet taż-żejt tal-ġoġoba u żjut għal kull xorta ta' użu tekniku jew industrijali minbarra l-manifattura ta' prodotti ta' l-ikel għall-konsum tal-bniedem	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott
	— Frazzjonijiet solidi, minbarra dawk taż-żejt tal-ġoġoba	Manifattura minn materjali oħrajn ta' l-intestatura Nru 1507 sa 1515
	— Oħrajn	Manifattura li fiha l-materjali veġetali kollha jridu jkunu miksuba kompletament
1516	Xaħmijiet u żjut mill-annimali jew mill-ħxejjex u l-frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew totalmnt idroġenati, interesterifikati, ri-esterifikati jew eladinizzati, kemm jekk irfinati u kemm jekk le, imma mhux preparati iżjed minn hekk	Manifattura li fiha: — l-materjali kollha użati tal-Kapitolu 2 iridu jkunu miksuba totalment, — l-materjali veġetali kollha użati jridu jkunu miksuba kompletament. Madanakollu, il-materjali ta' l-intestaturi Nri 1507, 1508, 1511 u 1513 jistgħu jintużaw

(1)	(2)	(3)	(4)
1517	Marġerina; taħlitiet jew preparazzjonijiet li jittieklu ta' xaħmijiet jew żjut ta' l-annimali jew tal-ħxejjex jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut differenti ta' dan il-Kapitolu, minbarra xaħmijiet jew żjut li jittieklu jew il-frazzjonijiet tagħhom ta' l-intestatura Nru 1516	Manifattura li fiha: — l-materjali kollha użati tal-Kapitoli 2 u 4 iridu jkunu miksuba totalment, — l-materjali veġetali kollha użati jridu jkunu miksuba kompletament. Madanakollu, il-materjali ta' l-intestaturi Nri 1507, 1508, 1511 u 1513 jistgħu jintużaw	
Il-Kapitolu 16	Preparazzjonijiet ta' laħam, ħut jew krustaċej, molluski jew invertebrati akwatiċi oħrajn	Manifattura minn annimali tal-Kapitolu 1. Il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 iridu jkunu miksuba totalment	
L-ex Kapitolu 17	Zokkor u ħelu taz-zokkor; minbarra, minbarra:	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott	
ex 1701	Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u sukrosju kimikament pur, f'forma solida, li jkun fih essenza miżjuda jew sustanza li tagħti lewn	Manifattura li fiha l-valur ta' kull wieħed mill-materjali tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz *ex works* tal-prodott	
1702	Zokkor ieħor, inklużi lattosjum maltosju, glukosju u fruttosju kimikament puri, f'forma solida; ġulepp taz-zokkor li ma jkunx fih essenza miżjuda jew sustanzi li jagħtu lewn; għasel artifiċjali, kemm jekk ikun imħallat ma' għasel naturali u kemm jekk le; karamella		
	— Maltosju u glukosju kimikament puri	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura minbarra materjali ta' l-intestatura Nru 1702	
	— Zokkor ieħor f'forma solida, li jkun fih essenza miżjuda jew sustanzi li jagħtu lewn	Manifattura li fiha l-valur ta' kull wieħed mill-materjali tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz *ex works* tal-prodott	
	— Oħrajn	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati jridu diġà jkunu joriġinaw	
ex 1703	Molassi li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' l-irfinar taz-zokkor, li jkun fihom essenza miżjuda jew sustanzi li jagħtu lewn	Manifattura li fiha l-valur ta' kull wieħed mill-materjali tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz *ex works* tal-prodott	

(1)	(2)	(3) jew	(4)
1704	Ħelu taz-zokkor (inkluża ċikkulata bajda), li ma jkunx fih kakaw	Manifattura li fiha: — Il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott, — Il-valur ta' kull wieħed mill-materjali tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz *ex works* tal-prodott	
Il-Kapitolu 18	Kakaw u preparazzjonijiet mill-kakaw	Manifattura li fiha — Il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott, — Il-valur ta' kull wieħed mill-materjali tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz *ex works* tal-prodott	
1901	Estratt mix-xgħir; preparazzjonijiet ta' l-ikel mid-dqiq, qamħ mitħun oħxon, lamtu jew estratt tax-xgħir, li ma jkunx fihom kakaw jew li jkun fihom inqas minn 40 % kakaw bħala piż kalkulat fuq bażi kompletament mingħajr xaħam, li m'huwiex speċifikat jew inkluż imkien ieħor:		
	— Estratt tax-xgħir	Manifattura minn ċereali tal-Kapitolu 10	
	— Oħrajn	Manifattura li fiha — Il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott, — Il-valur tal-materjali tal-Kapitoli 4 u 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz *ex works* tal-prodott	
1902	Għaġin, kemm jekk imsajjar jew mimli (bil-laħam jew b'mili ieħor) u kemm jekk le jew preparat mod ieħor, bħal spagetti, imqarrun, *noodles*, lasanja, injokki, ravjul, kannelloni; *couscous*, kemm jekk preparat u kemm jekk le;		
	Li 20 % mill-piż tiegħu ikun laħam, ġewwieni tal-laħam, ħut, krustaċej jew molluski	Manifattura li fiha ċ-ċereali u d-derivattivi kollha (ħlief għall-qamħ ta' l-Awstralja u d-derivattivi tiegħu) użati jridu jkunu kompletament miksuba	

(1)	(2)	(3) jew (4)
1902 *(ikompli)*	— Li 20 % mill-piż tiegħu ikun laħam, ġewwieni tal-laħam, ħut, krustaċej jew molluski	Manifattura li fiha — Iċ-ċereali u d-derivattivi kollha (ħlief għall-qamħ ta' l-Awstralja u d-derivattivi tiegħu) użati jridu jkunu kompletament miksuba — Il-matejrali kollha tal-Kapitoli 2 u 3 iridu jkunu kompletament miksuba
1903	Tapjoka u sostituti għaliha preparati mil-lamtu, fil-forma ta' frak, frak kbir jew żgħir, perli, dak li jgħaddi minn għarbiel jew forom simili	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura ħlief lamtu tal-patata ta' l-intestatura Nru 1108
1904	Ikel preparat miksub mill-infiħ jew l-imbaskar ta' ċereali jew ta' prodotti taċ-ċereali (per eżempju *corn flakes*); ċereali (apparti minn majs (qamħirrum)) f'forma ta' qamħ, jew f'forma ta' frak jew qamħ maħdum ieħor (minbarra dqiq u qamħ miṫhun oħxon), imsajjar minn qabel, jew preparat mod ieħor, mhux speċifikat jew inkluż imkien ieħor	Manifattura: — Minn materjali mhux klasifikati taħt l-intestatura Nru 1806, — Li fiha ċ-ċereali u d-dqiq kollha (ħlief għall-qamħ ta' l-Awstralja u d-derivattivi tiegħu, u l-majs *Zea indurata*) użati jridu jkunu kompletament miksuba ([1]); — Li fiha il-valur tal-materjali tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz *ex works* tal-prodott
1905	Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u prodotti oħrajn tal-furnara, kemm jekk ikun fihom il-kakaw u kemm jekk le; ostja tat-tqarbin,*cachets* vojta tat-tip addattati għal użu farmaċewtiku, wejfers li jissiġillaw, karta tar-ross u prodotti simili	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura ħlief għal dawk tal-Kapitolu 11
L-ex Kapitolu 20	Preparazzjonijiet ta' ħxejjex, frott, ġwież jew partijiet oħrajn minn pjanti minbarra:	Manifattura li fiha l-fortt, il-ġwież jew il-ħxejjex użati jridu jkunu miksuba kompletament
ex 2001	Ġamm, patata ħelwa u partijiet simili li jittieklu minn pjanti li jkun fihom 5 % jew iżjed bħala piż ta' lamtu, preparati jew priservati bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott
ex 2004 u ex 2005	Patata fil-forma ta' dqiq, miṫhuna ħoxna jew frak, preparati jew priservati iżda mhux bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott
2006	Ħxejjex, frott, ġwież, qxur tal-frott u partijiet oħrajn minn pjanti, priservati bizzokkor (imsaffija, *glacé* jew kristallizzati)	Manifattura li fiha l-valur ta' kull wieħed mill-materjali tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz *ex works* tal-prodott

([1]) L-eċċezzjoni dwar il-majs *Zea indurata* hija applikabbli sal-31.12.2002

(1)	(2)	(3) jew (4)
2007	Ġamm, *jellies* tal-frott, marmellata, *purée* tal-frott jew tal-ġewż u *paste* tal-frott jew tal-ġewż, li jkunu preparazzjonijiet imsajra, kemm jekk ikun fihom zokkor jew sustanzi ħelwin oħrajn miżjuda u kemm jekk le	Manifattura li fiha — Il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott, — Il-valur ta' kull wieħed mill-materjali tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz *ex works* tal-prodott
ex 2008	— Ġewż, li ma jkunx fih zokkor jew spirti miżjuda	Manifattura li fiha l-valur tal-ġewż u taż-żerriegħa taż-żejt li joriġinaw ta' l-intestaturi Nri 0801, 0802 u 1202 sa 1207 użati ma jeċċedux is-60 % tal-prezz *ex works* tal-prodott
	— Butir tal-karawett;.taħlitiet b'bażi ta' ċereali; qlub tal-palmi; majs (qamħirrum)	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott
	— Oħrajn, minbarra frott u ġewż imsajra iżda mhux fuq il-fwar jew b'togħlija, li ma fihomx zokkor miżjud, iffriżati	Manifattura li fiha — Il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott, — Il-valur ta' kull wieħed mill-materjali tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz *ex works* tal-prodott
2009	Meraq tal-frott (inkluż għeneb magħsur qabel ma jiħmar) u meraq tal-ħxejjex, mhux fermentati u mingħajr spirtu miżjud, kemm jekk ikun fihom iz-zokkor jew xi sustanza ħelwa oħra u kemm jekk le	Manifattura li fiha — Il-materjali kollha użati huma klassifikati taħt intestatura differenti minn dik tal-prodott, — Il-valur ta' kull wieħed mill-materjali tal-Kapitolu 17 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz *ex works* tal-prodott
